ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 198

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

26 ta' Lulju 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 717/2008 tas-17 ta' Lulju 2008 li jistabblixxi proċedura tal-Komunità għall-amministrazzjoni tal-kwoti kwantitattivi** (Verżjoni kodifikata) ... 1

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/2008 ta' l-24 ta' Lulju 2008 li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2015/2006 u (KE) Nru 40/2008 fir-rigward ta' l-opportunitajiet u l-kondizzjonijiet assoċjati applikabbli għal ċerti stokkijiet ta' ħut** ... 8

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 719/2008 tal-25 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ... 15

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 720/2008 tal-25 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 rigward il-ħażna u l-moviment ta' prodotti mixtrija minn aġenzija li tħallas jew minn aġenzija ta' intervent** (Verżjoni kodifikata) ... 17

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 721/2008 tal-25 ta' Lulju 2008 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-batterju li fih ħafna karotenojdi ħomor *Paracoccus carotinifaciens* bħala addittiv fl-għalf** ([1]) ... 23

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 722/2008 tal-25 ta' Lulju 2008 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 563/82 rigward il-fatturi ta' aġġustament li għandhom jintużaw għall-iffissar tal-prezzijiet tal-karkassi ta' annimali bovini adulti** ... 26

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**Prezz: 18 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 723/2008 tal-25 ta' Lulju 2008 li jdaħħal ċerti denominazzjonijiet fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' l-oriġini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Afuega'l Pitu (DPO), Mazapán de Toledo (IĠP), Agneau de Lozère (IĠP), Oignon doux des Cévennes (DPO), Butelo de Vinhais jew Bucho de Vinhais jew Chouriço de Ossos de Vinhais (IĠP), Chouriça Doce de Vinhais (IĠP))** ..... 28

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 724/2008 ta' l-24 ta' Lulju 2008 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Maqgħuda** ..... 30

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 725/2008 ta' l-24 ta' Lulju 2008 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Maqgħuda** ..... 32

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 726/2008 tal-25 ta' Lulju 2008 dwar il-ħruġ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni tar-ross fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa għall-perjodu sekondarju ta' Lulju ta' l-2008 bir-Regolament (KE) Nru 327/98 ..... 34

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2008/76/KE tal-25 ta' Lulju 2008 li temenda l-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-annimali** (1) ..... 37

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2008/77/KE tal-25 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi t-thiamethoxam bħala sustanza attiva fl-Anness I għaliha** (1) ..... 41

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2008/78/KE tal-25 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-propiconazole bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha** (1) ..... 44

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2008/618/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi ta' l-Istati Membri** ..... 47

2008/619/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku Nru 2/2008 tal-25 ta' Lulju 2008 li temenda d-Deċizjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 3/2004** ..... 55

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*Avviż lill-qarrejja (ara paġna 3 tal-qoxra)*

**Kummissjoni**

2008/620/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2008 li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni marbut ma' l-istokkijiet tal-merluzz fil-Kattegat, il-Baħar tat-Tramuntana, l-Iskagerrak, il-lvant tal-Kanal, l-ibħra fil-punent ta' l-Iskozja u fil-Baħar Irlandiż** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3633)* . . . . . . . . 66

---

**Corrigendum**

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 385/2008 tad-29 ta' April 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 194/2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward tal-Birmanja/il-Mjanmar u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 817/2006 (ĠU L 116, 30.4.2008)** . . . . . . . . 74

MT

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 717/2008

## tas-17 ta' Lulju 2008

## li jistabblixxi proċedura tal-Komunità għall-amministrazzjoni tal-kwoti kwantitattivi

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/94 tas-7 ta' Marzu 1994 li jistabblixxi proċedura tal-Komunità għall-amministrazzjoni tal-kwoti kwantitattivi [1] ġie emendat diversi drabi [2] u b'mod sostanzjali. Huwa meħtieġ, għall-finijiet taċ-ċarezza u tar-razzjonalità, li ssir il-kodifikazzjoni tar-Regolament imsemmi.

(2) Skond l-Artikolu 14 tat-Trattat, is-suq intern huwa magħmul, mill-1 ta' Jannar 1993, minn żona mingħajr fruntieri interni li fiha jkun żgurat il-moviment ħieles ta' l-oġġetti, tan-nies, tas-servizzi u tal-kapital.

(3) Għalhekk għandha tiġi stabbilita sistema għall-amministrazzjoni tal-kwoti kwantitattivi f'konformità ma' dak il-għan u li tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' politika kummerċjali komuni uniformi, skond il-linji ta' gwida esiġiti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

(4) Għandu jkun hemm għażla bejn bosta metodi ta' allokazzjoni, jiddependi fuq kriterji bħas-sitwazzjoni tas-suq tal-Komunità, it-tip ta' prodott konċernat, il-karatteristiċi speċifiċi tal-pajjiżi fornituri u l-obbligi internazzjonali tal-Komunità, b'mod partikolari dawk li jaċċettaw li jħallu għaddej in-negozju tradizzjonali.

(5) Għandu jkun hemm flessibbilità fit-tqassim mill-ġdid ta' kwantitajiet li ma kinux ġew allokati, assenjati jew użati. Iżda, sabiex tiġi evitata l-possibbilità ta' ġbir eċċessiv ta' oġġetti importati, il-kwistjoni jekk dak it-tqassim mill-ġdid wara t-tmiem taż-żmien tal-kwota hux xieraq għandha tkun eżaminata fuq bażi ta' każ b'każ u l-arranġamenti relevanti għandhom ikunu deċiżi, meta tittieħed konsiderazzjoni partikolarment tal-perjodu tal-validità tal-liċenzi, it-tip tal-prodott in kwistjoni u l-għan li għalih iddaħħlu l-kwoti.

(6) L-amministrazzjoni tal-kwoti ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni għandha tkun ibbażata fuq sistema ta' liċenzji maħruġa mill-Istati Membri skond il-kriterji kwantitattivi stabbiliti fuq livell tal-Komunità.

(7) Il-proċeudra amministrattiva għandha tiżgura li l-applikanti kollha jkollhom aċċess imparzjali għall-kwoti, u d-dokumenti maħruġa għandhom ikunu b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu użati fil-Komunità kollha.

(8) Jekk il-kwantitajiet mhux użati jridu jerġgħu jitqassmu bl-aktar mod effiċjenti possibbli, hija meħtiega informazzjoni kompleta u ta' min jorbot fuqha dwar l-użu veru li sar mil-liċenzi ta' importazzjoni li nħarġu. Għal dan il-għan, l-liċenzi ta' importazzjoni kollha, kemm użati u kemm mhux użati, għandhom jiġu ritornati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-anqas fi żmien għaxart'ijiem tax-xogħol minn meta jiskadu.

(1) ĠU L 66, 10.3.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).
(2) Ara l-Anness I.

(9) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabliixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]).

(10) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u ta' dawk li jirregolaw l-implimentazzjoni tiegħu ma għandhomx jippreġudikaw regoli eżistenti nazzjonali u tal-Komunità dwar sigrieti professjonali.

(11) Il-prodotti elenkati f'Anness I tat-Trattat, flimkien ma' tessuti u prodotti oħra li huma soġġetti għall-arranġamenti komuni speċifiċi ta' l-importazzjoni li jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-amministrazzjoni tal-kwota għandhom jitħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**PRINĊIPJI AMMINISTRATTIVI ĠENERALI**

*Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-amministrazzjoni tal-kwoti kwantitattivi għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni, minn issa 'l quddiem msejħa "kwoti", sew jekk awtonomi sew jekk konvenzjonali, stabbiliti mill-Komunità.

2. Dan ir-Regolament ma jgħoddx għall-prodotti mniżżla f'Anness I tat-Trattat, u lanqas għal prodotti oħra li jkunu soġġetti għall-arranġamenti komuni u speċifiċi għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni li jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċjali għall-amministrazzjoni tal-kwota.

*Artikolu 2*

1. Il-kwoti għandhom jiġu allokati fost l-applikanti kemm jista' jkun malajr wara li jkunu nfetħu. Jista' jkun deċiż, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2), li jiġu allokati f'bosta porzjonijiet.

2. Il-kwoti jistgħu, *inter alia*, jiġu amministrati billi jintuża wieħed mill-metodi segwenti, jew kombinazzjoni ta' dawn il-metodi:

(a) metodu mfassal fuq iċ-ċirkolazzjoni ta' negozju tradizzjonali, skond Artikoli 6 sa 11;

(b) metodu mfassal skond l-ordni ta' kif jidħlu l-applikazzjonijiet (fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel), skond Artikolu 12;

(ċ) metodu li jalloka l-kwoti fi proporzjon tal-kwantitajiet mitluba meta jiġu mdaħħlin l-applikazzjonijiet (billi tintuża proċedura ta' "eżaminazzjoni simultanja"), skond Artikolu 13.

3. Il-metodu ta' allokazzjoni li għandu jintuża għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2).

4. Jekk ikun ċar li l-ebda wieħed mill-metodi msemmija fil-paragrafu 2 ma jkun xieraq għat-talbiet speċifiċi ta' kwota li tkun ġiet miftuħa, kwalunkwe metodu ieħor għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2).

5. Il-kwantitajiet li m'humiex allokati, assenjati jew użati għandhom jerġgħu jitqassmu skond l-Artikolu 14 fil-ħin sabiex jistgħu jintużaw qabel ma jintemm iż-żmien tal-kwota.

Jekk jinstab li ma kienx possibbli li ssir ir-ridistribuzzjoni ta' dawn il-kwantitajiet fil-ħin, id-distribuzzjoni tagħhom mill-ġdid matul il-perjodu ta' kwota sussegwenti għandha tkun deċiża, fuq bażi ta' każ b'każ, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2).

6. Minbarra fejn jiġu addottati dispożizzjonijiet oħra meta tiġi stabbilita l-kwota, ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa jew għall-esportazzjoni tal-prodotti soġġetti għal kwoti għandu jkun fuq il-kondizzjoni tal-preżentazzjoni tal-liċenzja għall-esportazzjoni jew għall-importazzjoni maħruġa mill-Istati Membri skond dan ir-Regolament.

7. L-Istati Membri għandom jaħtru l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti sabiex iwettqu miżuri implimentattivi li huma jkunu responsabbli għalihom taħt dan ir-Regolament. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtorità b'hekk maħtura.

*Artikolu 3*

Il-Kummisjoni għandha tippubblika avviż li jħabbar il-ftuħ tal-kwoti fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, li jistabbilixxi l-metodu ta' allokazzjoni magħżul, il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti mill-applikazzjonijiet tal-liċenzji, il-limiti ta' żmien sabiex jiddaħħlu u l-lista tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lil min għandhom jintbagħtu.

*Artikolu 4*

1. L-importaturi u l-esportaturi kollha tal-Komunità, ikun xi jkun il-post fejn ikunu stabbiliti fil-Komunità, jistgħu jippreżentaw applikazzjoni għal liċenzja waħda għal kull kwota jew porzjon ta' kwota lill-awtorità kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati, miktuba fil-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru konċernat.

Meta kwota tkun limitata għal reġjun jew għal diversi reġjuni tal-Komunità, l-applikazzjoni għandha ssir lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat(i) Membru/i tar-reġjun(i) konċernati.

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/152/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

2. L-applikazzjonijet għal liċenzji għandhom jingħataw skond l-arranġamenti stabbiliti fil-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2).

*Artikolu 5*

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-liċenzji li għandhom jinħarġu jkunu għal kwantitajiet sinifikattivi ekonomikament, wara li tikkunsidra n-natura tal-prodott kopert mill-kwota.

KAPITOLU II

**REGOLI SPEĊIFIĊI GĦALL-METODI AMMINISTRATTIVI DIFFERENTI**

*TAQSIMA A*

***Metodu bbażat fuq ċirkolazzjonijiet ta' negozju tradizzjonali***

*Artikolu 6*

1. Meta l-allokazzoni tal-kwota tagħti kas ta' ċirkolazzjonijiet ta' negozju tradizzjonali, parti mill-kwota għandha tiġi merfugħa għall-importaturi jew għall-esportaturi tradizzjonali waqt li l-oħra għandha titħalla għall-importaturi jew għall-esportaturi l-oħra.

2. Importaturi jew esportaturi għandom ikunu meqjusa bħala tradizzjonali jekk dawn ikunu kapaċi juru li matul il-kors ta' perjodu preċedenti, magħruf bħala "il-perjodu ta' referenza" jkunu importaw għal ġewwa l-Komunità jew esportaw minnha l-prodott jew il-prodotti koperti mill-kwota.

3. Il-parti mwarrba għall-importaturi jew għall-esportaturi tradizzjonali, il-perjodu ta' riferenza u l-parti allokata għall-applikanti l-oħra għandha tiġi stabbilita skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2).

4. L-allokazzjoni għandha ssir skond il-prinċipji stabbiliti f'Artikoli 7 sa 11.

*Artikolu 7*

Biex jikkwalifikaw għall-allokazzjoni ta' parti mill-kwota merfugħa għalihom, u sabiex jipprovdu evidenza għall-importazzjonijiet jew għall-esportazzjonijiet mwettqa matul il-perjodu ta' riferenza, importaturi jew esportaturi tradizzjonali għandhom idaħħlu ma' l-applikazzjonijiet tagħhom għal liċenzja:

— kopja attestata ta' l-oriġinal tad-dħul f'ċirkulazzjoni ħielsa jew dikjarazzjoni ta' esportazzjoni magħmula f'isem l-importatur jew l-esportatur konċernat jew, fejn ikun applikabbli, dak ta' l-operatur li l-attivitajiet tiegħu jkunu ittieħdulu,

— evidenza ekwivalenti oħra, kif stabbilita mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2).

*Artikolu 8*

L-Istati Membri għandhom, fil-perjodu msemmi fl-avviż li jiftaħ il-kwota konċernata, jinformaw lill-Kummissjoni bin-numru u l-ammont f'daqqa ta' l-applikazzjonijiet għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni, imqassma skond dawk li jkunu ġejjin minn importaturi jew esportaturi tradizzjonali u importaturi jew esportaturi oħra, u bl-ammont ta' l-importazzjonijiet jew ta' l-esportazzjonijiet ta' qabel mwettqa mill-applikanti matul il-perjodu ta' riferenza.

*Artikolu 9*

Il-Kummissjoni għandha tistħarreġ l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fl-istess żmien u għandha tistabbilixxi l-kriterji kwantitattivi li għandhom jiġu sodisfatti mill-applikazzjonijiet ta' l-importaturi jew ta' l-esportaturi tradizzjonali kif ġej:

(a) jekk l-applikazzjonijiet kollha meħuda f'daqqa jkunu daqs jew anqas mill-ammont merfugħ għall-importaturi jew għall-esportaturi tradizzjonali, l-applikazzjonijiet għandom jiġu milqugħin għal kollox;

(b) jekk l-applikazzjonijiet kollha meħuda f'daqqa jaqbżu l-ammont mirfugħ għall-importaturi jew għall-esportaturi tradizzjonali, l-applikazzjonijiet għandhom jiġu milqugħin fuq bażi pro rata, ikkalkolati skond kemm ikun is-sehem ta' kull applikant tat-total ta' l-importazzjonijiet jew ta' l-esportazzjonijiet ta' referenza;

(ċ) jekk b'dan il-kriterju kwantitattiv ikunu allokati ammonti akbar milli jkunu saru applikazzjonijieti għalihom, il-kwantitajiet żejda jitqassmu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14.

*Artikolu 10*

Il-parti mill-kwota merfugħa għall-importaturi jew għall-esportaturi mhux tradizzjonali għandha tiġi allokata skond l-Artikolu 12.

*Artikolu 11*

Jekk ma jaslux applikazzjonijiet mill-importaturi jew mill-esportaturi tradizzjonali, l-importaturi jew l-esportaturi li japplikaw jieħdu l-kwota kollha jew il-porzjon konċernat.

F'każijiet bħal dawn, l-allokazzjoni għandha ssir skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12.

*TAQSIMA B*

***Metodu bbażat fuq l-ordni li biha jiddaħħlu l-applikazzjonijiet***

*Artikolu 12*

1. Jekk kwota jew porzjon ta' kwota jiġi allokat fuq il-bażi ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel", il-kwantità li l-operaturi jkunu intitolati għaliha sakemm tiġi eżawrita l-kwota, għandha tiġi stabbilita skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2).

Meta tiġi stabbilita din il-kwantità, l-istess għall-operaturi kollha, wieħed irid jagħti kas għall-ħtieġa li jiġu assenjati kwantitajiet sinifikanti ekonomikament wara li tiġi kkunsidrata l-għamla tal-prodott konċernat.

2. Meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu kkontrollaw il-bilanċ tal-Komunità li jkun baqa' disponibbli, għandhom jassenjaw għal kull importatur jew kull esportatur il-kwantità stabbilita skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Meta d-detenturi ta' liċenzja jkunu jistgħu jagħtu prova li huma jkunu tabilħaqq importaw jew esportaw il-kwantità kollha li għaliha tkun inħarġitilhom il-liċenzja jew parti li tkun stabbilita skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2), jistgħu idaħħlu applikazzjoni għal liċenzja ġdida. Din l-applikazzjoni għandha tiġi pproċessata skond l-istess kondizzjonijiet ta' qabel. Din il-proċedura tista, tiġi rrepetuta sakemm tiġi eżawrita l-kwota.

4. Biex tiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess indaqs għall-kwota, il-Kummissjoni għandha tispeċifika d-dati u l-ħinijiet għall-aċċess għall-bilanċ disponibbli tal-Komunità fl-avviż li jiftaħ il-kwota.

### *TAQSIMA C*

### ***Metodu li bih jiġu allokati l-kwoti skond il-kwantitajiet mitluba***

*Artikolu 13*

1. Meta kwota tiġi allokata skond il-kwantitajiet li jkunu saru applikazzjonijiet għalihom, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bl-applikazzjonijiet tal-liċenzji li jkunu waslulhom b'konformità mad-dati ta' l-għeluq u l-kondizzjonijiet imwaqqfa skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2).

Dik l-informazzjoni għandha tispeċifika n-numru ta' l-applikanti u l-kwantitajiet meħuda f'daqqa li jkunu saru applikazzjonijiet għalihom.

2. Skond id-data ta' l-għeluq stabbilita skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2), il-Kummissjoni għandha teżamina l-informazzjoni pprovduta fl-istess ħin mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, u għandha tistabbilixxi l-kwantità tal-kwota jew tal-porzjonijiet konċernati li għalihom dawk l-awtoritajiet għandhom joħorġu l-liċenzji għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni.

3. Meta l-applikazzjonijiet għal-liċenzji meħuda f'daqqa jkunu daqs il-kwantità tal-kwota konċernata, jew inqas, l-applikazzjonijiet għandhom jiġu milqugħin kollha.

4. Meta l-applikazzjonijiet meħuda f'daqqa jaqbżu l-kwantità tal-kwota konċernata, għandhom jiġu milqugħin fuq bażi pro rata, skond il-kwantitajiet li jkunu saru applikazzjonijiet għalihom.

### *TAQSIMA D*

### ***Allokazzjoni tal-kwantitajiet għat-tqassim mill-ġdid***

*Artikolu 14*

1. Il-kwantitajiet għat-tqassim mill-ġdid għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skond l-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri skond l-Artikolu 20.

2. Meta fil-bidu, il-kwota tiġi allokata skond il-metodu stabbilit fl-Artikolu 12, il-Kummissjoni għandha żżid mill-ewwel il-kwantitajiet għat-tqassim mill-ġdid ma' ammonti li jkunu għadhom disponibbli, jew tużahom sabiex toħloq mill-ġdid il-kwota jekk ta' l-aħħar tkun ġiet eżawrita.

3. Meta fil-bidu, il-kwota tiġi allokata b'metodu ieħor, il-kwantitajiet għat-tqassim mill-ġdid għandhom jiġu assenjati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2).

F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż ieħor fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

## KAPITOLU III

## REGOLI DWAR IL-LIĊENZJI TA' IMPORTAZZJONI JEW TA' ESPORTAZZJONI

*Artikolu 15*

1. Meta l-metodu li jintuża jkun dak stabbilit fl-Artikolu 12, l-Istati Membri għandhom joħorġu l-liċenzji mill-ewwel malli jiġi vverifikat il-bilanċ disponibbli tal-Komunità.

2. F'każijiet oħra għandu japplika dan li ġej:

(a) il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-awtoritajiet fl-Istati Membri, fi żmien li għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2), bil-kwantitajiet li għalihom huma joħorġu l-liċenzji għall-applikanti varji. Għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bihom;

(b) l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu liċenzji ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni fi żmien għaxart ijiem xogħol min-notifikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jew fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Kummissjoni;

(ċ) l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-Kummissjoni li l-liċenzji ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni jkunu nħarġu.

*Artikolu 16*

Il-ħruġ tal-liċenzji jista' jkun magħmul fuq il-kondizzjoni li tingħata garanzija, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2).

*Artikolu 17*

1. Il-liċenzji ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-prodotti li jkunu soġġetti għall-kwoti u għandhom ikunu validi għall-Komunità kollha, ikun xi jkun il-post ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni msemmi fl-applikazzjonijiet mill-operaturi.

Meta l-kwota tkun limitata għal reġjun wieħed jew għal diversi reġjuni tal-Komunità, il-liċenzji ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni għandhom ikunu jgħoddu biss fl-Istat(i) Membru/i tar-reġjun/i kkonċernati.

2. Il-perjodu ta' validità tal-liċenzji ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandu jkun ta' erba' xhur. Madankollu, jista' jkun hemm perjodu differenti ta' validità skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2).

3. Id-detenturi ta' liċenzji ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni jistgħu, fuq talba, jiksbu xi siltiet minnhom mill-awtoritajiet kompetenti li jkunu ħarġu l-liċenzji fl-Istati Membri konċernati.

Dawn is-siltiet għandu jkollhom l-istess effetti legali tal-liċenzji mnejn ikunu ttieħdu, sal-kwantità li għalihom jkunu nħarġu l-liċenzji.

4. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni, il-liċenzji u s-siltiet għandhom jiġu miktuba fuq formoli li jikkonformaw ma' l-abbozz li l-karatteristiċi tiegħu għandhom ikunu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2).

*Artikolu 18*

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi li għandhom ikunu addottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2), il-liċenzji ta' l-importazzjoni jew ta' l-esportazzjoni u s-siltiet minnhom ma jistgħux jiġu mislufa jew trasferiti, kemm fuq ħlas u kemm mingħajr ħlas, mill-persuna li d-dokument ikun inħareġ f'isimha.

*Artikolu 19*

1. Il-liċenzji ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni jew is-siltiet minnhom, ħlief f'każijiet ta' *force majeure*, għandhom jintbagħtu lura lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri mill-inqas fi żmien għaxart ijiem xogħol minn meta tagħlaq id-data.

2. Meta l-ħruġ tal-liċenzji ta' l-importazzjoni jew ta' l-esportazzjoni jkun fuq il-kondizzjoni li tingħata garanzija, il-garanzija għandha tintilef, ħlief f'każijiet ta' *force majeure*, meta l-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1 ma jkunx ġie sodisfatt.

*Artikolu 20*

L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mill-ewwel malli jkunu mgħarrfa u jkun xi jkun il-każ mhux aktar tard minn għoxrin jum wara d-data ta' għeluq tal-liċenzji, bil-kwantitajiet tal-kwoti assenjati u mhux użati, bil-ħsieb li wara jerġgħu jiġu mqassma skond Artikolu 2(5).

*Artikolu 21*

L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni, sa l-aħħar ta' kull xahar, bil-kwantitajiet tal-prodotti soġġetti għal kwoti li jkunu ġew importati jew esportati matul ix-xahar ta' qabel.

## KAPITOLU IV

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 22*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat.

2. Fil-każ li ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw.

Il-perjodu taż-żmien previst fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE huwa stabbilit għal xahar.

*Artikolu 23*

Il-proċeduri sabiex ikun applikat dan ir-Regolament għandhom jiġu addottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2). B'mod partikolari għandhom jistabbilixxu l-implimentazzjoni tal-metodi ta' l-allokazzjoni, l-informazzjoni li għandha tiġi mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u l-miżuri maħsuba sabiex jiżguraw konformità ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 24*

1. L-informazzjoni li tasal għand il-Kunsill, għand il-Kummissjoni jew għand l-Istati Membri skond dan ir-Regolament tista' tintuża biss għall-iskopijiet li għalihom kienet mitluba.

2. Il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u dawk kollha li jkunu qegħdin jaġixxu f'isimhom, ma jistgħux jgħaddu informazzjoni li fir-rigward tagħha tkun saret talba issostanzjata kif dovut għal trattament kunfidenzjali, ħlief meta tingħata l-awtorizzazzjoni espressa mill-parti li tkun qegħda tgħaddi l-informazzjoni.

3. Dan Artikolu m'għandux ma jħallix lill-awtoritajiet tal-Komunità milli jikxfu informazzjoni ta' natura ġenerali, b'mod partikolari r-raġunijiet li fuqhom jittieħdu d-deċiżjonijiet skond dan ir-Regolament, jew evidenza użata minnhom sabiex isaħħu l-argumenti tagħhom f'każ ta' proċeduri legali. Żvelar bħal dan għandu jieħu f'konsiderazzjoni l-interess leġittimu tal-partijiet konċernati f'li tinżamm il-kunfidenzjalità kummerċjali.

*Artikolu 25*

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jipprovdu lil xulxin bl-informazzjoni meħtieġa u għandhom jikkoperaw fit-tħaddim ta' dan ir-Regolament. Il-proċeduri għat-tifrix tal-komunikazzjoni u ta' l-informazzjoni għandhom, fejn ikun hemm il-bżonn, jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2).

*Artikolu 26*

Ir-Regolament (KE) Nru 520/94, kif emendat mir-Regolamenti elenkati fl-Anness I, hu mħassar.

Ir-referenzi magħmula lid-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi magħmula għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-AnnessII.

*Artikolu 27*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. BARNIER

*ANNESS I*

**Regolament imħassar flimkien ma' lista ta' l-emendi suċċessivi tiegħu**

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/94 (ĠU L 66, 10.3.1994, p. 1) | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 138/96 (ĠU L 21, 27.1.1996, p. 6) | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1) | Il-punt 11 biss ta' l-Anness II |

*ANNESS II*

**Tabella ta' Korrelazzjoni**

| Regolament (KE) Nru 520/94 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikoli 1 sa 5 | Artikoli 1 sa 5 |
| Artikoli 6(1), (2) u (3) | Artikoli 6(1), (2) u (3) |
| Artikolu 6(4) | — |
| Artikolu 6(5) | Artikolu 6(4) |
| Artikoli 7 u 8 | Artikoli 7 u 8 |
| Artikolu 9, kliem tal-bidu | Artikolu 9, kliem tal-bidu |
| Artikolu 9, l-ewwel, it-tieni u it-tielet inċiż | Artikoli 9(a), (b) u (c) |
| Artikoli 10 sa 14 | Artikoli 10 sa 14 |
| Artikolu 15(1) | Artikolu 15(1) |
| Artikolu 15(2) kliem tal-bidu | Artikolu 15(2) kliem tal-bidu |
| Artikolu 15(2), l-ewwel, it-tieni u it-tielet inċiż | Artikoli 15(2) (a), (b) u (c) |
| Artikoli 16 sa 21 | Artikoli 16 sa 21 |
| Artikolu 22(1) | Artikolu 22(1) |
| Artikolu 22(2) | Artikolu 22(3) |
| Artikolu 23, l-ewwel paragrafu | Artikolu 22(2), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 23, it-tieni paragrafu | Artikolu 22(2), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 24 | Artikolu 23 |
| Artikolu 25 | Artikolu 24 |
| Artikolu 26 | Artikolu 25 |
| Artikolu 27 | — |
| — | Artikolu 26 |
| Artikolu 28 | Artikolu 27 |
| — | Anness I |
| — | Anness II |

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 718/2008

## ta' l-24 ta' Lulju 2008

## li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2015/2006 u (KE) Nru 40/2008 fir-rigward ta' l-opportunitajiet u l-kondizzjonijiet assoċjati applikabbli għal ċerti stokkijiet ta' ħut

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1559/2007 tas-17 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-irkupru tat-Tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/2006 ([3]) jistabbilixxi, għall-2007 u l-2008, il-possibbiltajiet tas-sajd miftuħa għall-bastimenti tal-Komunità rigward ċerti stokkijiet ta' ħut li jgħixu fil-baħar fond.

(2) Id-deskrizzjonijiet ta' ċerti żoni tas-sajd f'dak ir-Regolament għandhom ikunu ċċarati sabiex ikun żgurat li ssir l-identifikazzjoni korretta taż-żona li fiha jista' jsir is-sajd għal kwota.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan pluriennali għall-irkupru ta' l-istokkijiet tat-tonn aħmar fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran, kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1559/2007, għandhom jiġu adottati ċerti miżuri f'dan ir-Regolament, u, partikolarment, li jiġi stabbilit u mqassam bejn l-Istati Membri kkonċernati n-numru ta' bastimenti awtorizzati li jistadu għat-tonn inqas mid-daqs minimu fl-Atlantiku, kif ukoll il-qabda totali permessa tiegħu.

(4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008 ([4]) jistabbilixxi, għall-2008, l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid. Il-koordinati għal ċerti żoni ristretti għas-sajd kienu indikati b'mod impreċiż għal żewġ żoni tas-sajd u għandhom jiġu kkoreġuti.

(5) Il-limiti ta' qbid għall-merluzz fiż-żoni ICES VIIb-k, VIII, IX u X u fl-ilmijiet Komunitarji taż-żona COPACE 34.1.1 huma proviżorjament stabbiliti fl-Anness IA għar-Regolament (KE) Nru 40/2008. B'segwitu għal valutazzjoni xjentifika ġdida ta' l-istat ta' dan l-istokk mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), għandu jiġi stabbilit l-ammont totali ta' qbid definittiv ammissibbli għal dan l-istokk.

(6) F'dak ir-Regolament ċerti kwoti u noti tal-qiegħ kienu indikati b'mod impreċiż għal ċerti speċijiet u għandhom jiġu kkoreġuti.

(7) Wara l-konsultazzjonijiet bejn il-Komunità u l-Islanda fl-10 ta' April 2008, intlaħaq ftehim dwar il-kwoti tal-capelin għall-bastimenti Islandiżi li jistgħu jinqabdu qabel it-30 ta' April 2008 mill-kwota Komunitarja li ġiet allokata skond il-Ftehim tagħha mal-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Groenlandja u l-kwoti tar-redfish għall-bastimenti Komunitarji li jistgħu jistadu fiż-Żona Ekonomika Esklussiva ta' l-Islanda bejn Lulju u Diċembru. Dan l-arranġament għandu jiġi implimentat fil-liġi Komunitarja.

(8) Il-Ftehim stabbilit bejn il-Komunità Ewropea, il-Gżejjer Faroe, il-Groenlandja, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Federazzjoni Russa f'Copenhagen fit-13 u l-14 ta' Frar 2008 rigward il-ġestjoni tar-redfish fil-Baħar Irminger u l-ilmijiet kontigwi fiż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NEAFC għandu jiġi implimentat fil-liġi Komunitarja. Peress li l-Ftehim huwa applikabbli għall-2008 kollha, il-miżuri adottati għall-implimentazzjoni tiegħu għandhom japplikaw retroattivament mill-1 ta' Jannar 2008.

(9) Il-konklużjonijiet tal-Kumitat Konġunt UE/Groelandja li ltaqa' fis-27 ta' Novembru 2007 f'Nuuk, u l-laqgħa teknika tat-12 ta' Frar 2008 f'Copenhagen rigward is-sehem ta' redfish tal-KE fl-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni ICES V u XIV, għandhom jiġu implimentati fil-liġi Komunitarja. Peress li l-ftehim konkluż mal-Groenlandja huwa marbut mal-Ftehim tan-NEAFC dwar il-ġestjoni tar-redfish fil-Baħar ta' Irminger, il-miżuri adottati għall-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt UE/Groenlandja għandhom ukoll japplikaw retroattivament mill-1 ta' Jannar 2008.

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).
([2]) ĠU L 340, 22.12.2007, p. 8.
([3]) ĠU L 384, 29.12.2006, p. 28. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1541/2008 (ĠU L 157, 17.6.2008, p. 23).
([4]) ĠU L 19, 23.1.2008, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 641/2008 (ĠU L 178, 5.7.2008, p. 17).

(10) Skond ir-Rekord Maqbul tal-konklużjonijiet tal-konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja tas-26 ta' Novembru 2007, il-Komunità għandha twettaq provi dwar miżuri tekniċi matul l-2008, għall-irkaptu rmunkat sabiex jitnaqqas il-proporzjon, fl-għadd tal-qabda ta' merluzz li jintremew għal massimu ta' 10 %. Dan l-arranġament għandu jiġi implimentat fil-liġi Komunitarja.

(11) Sabiex tiġi żgurata ċertezza lis-sajjieda kkonċernati u sabiex ikunu jistgħu jippjanaw l-attivitajiet tagħhom għal dan l-istaġun tas-sajd malajr kemm jista' jkun, huwa imperattiv li tingħata deroga għall-perijodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fil-paragrafu 1(3) tal-Protokoll dwar ir-Rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej.

(12) Ir-Regolamenti (KE) Nru 2015/2006 u (KE) Nru 40/2008 għandhom għalhekk jiġu emendati kif jixraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 2015/2006**

Il-parti 2 ta' l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2015/2006 hija emendata skond l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 40/2008**

Ir-Regolament (KE) Nru 40/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 30(1), il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) Iż-żona ta' restrizzjoni għas-sajd fil-baħar fond imsejħa 'Lophelia reef 'il barra minn Capo Santa Maria di Leuca'

— 39° 27,72′ N, 18° 10,74′ E

— 39° 27,80′ N, 18° 26,68′ E

— 39° 11,16′ N, 18° 32,58′ E

— 39° 11,16′ N, 18° 04,28′ E"

(2) L-Artikoli li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-Artikolu 82:

"*Artikolu 82a*

**Għadd massimu ta' bastimenti li jistadu għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant**

1. L-għadd massimu ta' bastimenti Komunitarji għat-tonn bil-konz u l-qasba awtorizzati biex jistadu għat-tonn ta' daqs minimu ta' 8 kg jew ta' 75 cm fl-Atlantiku tal-Lvant, u t-tqassim bejn l-Istati Membri ta' dan l-għadd massimu għandhom ikunu ffissati kif ġej:

| | |
|---|---|
| Spanja | 63 |
| Franza | 44 |
| KE | 107 |

2. L-għadd massimu ta' bastimenti Komunitarji bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiku awtorizzati biex jistadu, bħala sajd inċidentali, it-tonn ta' daqs minimu ta' 8 kg jew ta' 75 cm fl-Atlantiku tal-Lvant u t-tqassim bejn l-Istati Membri ta' dan l-għadd massimu għandhom ikunu ffissati kif ġej:

| | |
|---|---|
| Franza | 107 |
| KE | 107 |

*Artikolu 82b*

**Limiti ta' qbid tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant**

1. Fil-limiti ta' qbid previsti fl-Anness ID, il-limitu ta' qbid tat-tonn ta' bejn 8 kg jew 75 cm u 30 kg jew 115 cm għall-bastimenti Komunitarji awtorizzati msemmija fl-Artikolu 82a u t-tqassim ta' dan il-limitu ta' qbid bejn l-Istati Membri għandhom ikunu ffissati kif ġej (f'tunnellati):

| | |
|---|---|
| Spanja | 1 117,07 (*) |
| Franza | 504 |
| KE | 1 621,07 |

(*) Inkluż massimu ta' 80 tunnellata ta' qabdiet inċidentali għall-bastimenti bil-qasba.

2. Fil-limiti ta' qbid previsti fil-paragrafu 1, il-limitu ta' qbid tat-tonn li jiżen mill-inqas 6,4 kg jew li hu twil mill-inqas 70 cm għall-bastimenti għat-tonn bil-konz ta' tul ta' mhux aktar minn 17-il metru fost il-bastimenti Komunitarji msemmija fl-Artikolu 82a u t-tqassim ta' dan il-limitu ta' qbid bejn l-Istati Membri għandhom ikunu ffissati kif ġej (f'tunnellati):

| | |
|---|---|
| Franza | 45 (**) |
| KE | 45 (**) |

(**) Din il-kwantità tista' tiġi modifikata mill-Kummissjoni sa massimu ta' 200 tunnellata.

*Artikolu 82c*

**Limiti ta' qbid tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant applikabbli għas-sajd kostali fuq skala żgħira**

Fil-limiti ta' qbid previsti fl-Anness ID, il-limitu ta' qbid tat-tonn ta' bejn 8 kg u 30 kg allokati lis-sajd kostali fuq skala żgħira ta' ħut frisk fl-Atlantiku tal-Lvant, u t-tqassim ta' dan il-limitu ta' qbid bejn l-Istati Membri għandhom ikunu ffissati kif ġej (f'tunnellati):

| | |
|---|---|
| Spanja | 263,21 |
| Franza | 61,01 |
| KE | 324,22" |

(3) L-Annessi IA, IB, III u XIV tar-Regolament (KE) Nru 40/2008 huma emendati skond l-l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, l-Artikolu 2, rigward l-emendi stipulati fl-Anness II, il-punti 2(b) u 2(c) ta' dan ir-Regolament għandom japplikau mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. HORTEFEUX

*ANNESS I*

Il-Parti 2 ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2015/2006 hija emendata kif ġej:

L-annotazzjoni dwar l-ispeċi ta' Orange roughy fl-ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' żoni ta' ICES I, II, III, IV, V, VIII, IX, X, XI, XII u XIV għandha tinbidel b'dan li ġej:

| "**Speċi:** | Orange roughy<br>*Hoplostethus atlanticus* | **Żona:** Ilmijiet tal-KE u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' żoni ICES I, II, III, IV, V, VIII, IX, X, XII u XIV |
|---|---|---|
| Sena | 2007 | 2008 |
| Spanja | 4 | 3 |
| Franza | 23 | 15 |
| L-Irlanda | 6 | 4 |
| Il-Portugall | 7 | 5 |
| Ir-Renju Unit | 4 | 3 |
| Il-KE | 44 | 30" |

*ANNESS II*

L-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 40/2008 huma emendati kif ġej:

1) Fl-Anness I A

a) L-entrata dwar l-ispeċi merluzz fiż-żoni VIIb-k, VIII, IX u X fl-ilmijiet tal-KE taż-żona COPACE 34.1.1 għandha tinbidel b'dan li ġej:

| "**Speċi:** | Merluzz *Gadus morhua* | **Żona:** | VIIb-k, VIII, IX u X; ilmijiet tal-KE taż-żona COPACE 34.1.1 COD/7X7A34 |
|---|---|---|---|
| Belġju | 217 | TAC Analitiku | |
| Franza | 3 725 | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika. | |
| Irlanda | 797 | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika. | |
| Olanda | 31 | L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika." | |
| Renju Unit | 404 | | |
| KE | 5 174 | | |
| TAC | 5 174 | | |

b) L-entrata li tikkonċerna l-ispeċi Stokkafixx fl-ilmijiet tal-KE ta' II, IVa, V, VIa fit-Tramuntana ta' 56°30′N, Vib u VII fil-Punent ta' 12°W tinbidel b'dan li ġej:

| '**Speċi:** | Stokkafixx *Micromesistius poutassou* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-KE ta' II, IVa, V, VIa fit-Tramuntana ta' 56°30′ N, Vib u VII fil-Punent ta' 12° W WHB/24A567 |
|---|---|---|---|
| Norveġja | 196 269 (1) (2) | TAC Analitiku | |
| Gżejjer Faroe | 31 000 (3) (4) | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| | | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| TAC | 1 266 282 | L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika. | |

(1) Għandhom jinqatgħu mil-limiti tal-qbid tan-Norveġja stabbiliti skond l-arranġament ta' l-Istati Kostali.
(2) Il-qabda fiż-żona IV m'għandhiex taqbeż id-49 067 tunnellata.
(3) Għandhom jinqatgħu mil-limiti tal-qbid tal-Gżejjer Faroe stabbiliti skond l-arranġament ta' l-Istati Kostali.
(4) Jista' jiġi mistad ukoll fiż-żona VI b. Il-qabda fiż-żona IV m'għandhiex taqbeż is-7 750 tunnellata.'

2) Fl-Anness IB:

a) L-entrata dwar l-ispeċi Capelin fl-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

| '**Speċi:** | Capelin *Mallotus villosus* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Groenlandja ta' V u XIV CAP/514GRN |
|---|---|---|---|
| L-Istati Membri kollha | 0 | | |
| KE | 23 716 (1) (2) | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

(1) Li minnhom 23 716 tunnellata huma allokati lill-Iżlanda.
(2) Għandhom jiġu mistada qabel it-30 ta' April 2008.'

b) L-entrata dwar l-ispeċi Redfish fl-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali taż-żoni ICES V u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni ICES XII u XIV għandha tinbidel b'dan li ġej:

| 'Speċi: | Redfish *Sebastes spp.* | Żona: | Ilmijiet tal-KE u ilmijiet internazzjonali taż-żona V; l-ilmijiet internazzjonali ta' XII u XIV RED/51214. |
|---|---|---|---|
| Estonja | 210 (1) | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| Ġermanja | 4 266 (1) | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| Spanja | 749 (1) | L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika. | |
| Franza | 398 (1) | | |
| Irlanda | 1 (1) | | |
| Latvja | 76 (1) | | |
| Olanda | 2 (1) | | |
| Polonja | 384 (1) | | |
| Portugall | 896 (1) | | |
| Renju Unit | 10 (1) | | |
| KE | 6 992 (1) | | |
| TAC | 46 000 | | |

(1) Mhux aktar minn 65 % tal-kwota tista' tittieħed fit-Tramuntana ta' 59° N u fil-Lvant ta' 36° W matul il-perijodu mill-1 ta' April sal-15 ta' Lulju 2008. Mhux aktar minn 30 % tal-limiti tal-qbid jistgħu jittieħdu fit-Tramuntana ta' 59° N u fil-Lvant ta' 36° W matul il-perijodu mill-1 ta' April sa l-10 ta' Mejju 2008.'

c) L-entrata dwar l-ispeċi Redfish fl-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

| 'Speċi: | Redfish *Sebastes spp.* | Żona: | L-ilmijiet tal-Groenlandja ta' V u XIV RED/514GRN |
|---|---|---|---|
| Ġermanja | 4 248 | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| Franza | 22 | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| Renju Unit | 30 | L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika. | |
| KE | 8 000 (1) (2) | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

(1) Jista' jinqabad biss bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiku. Is-sajd jista' jsir mil-Lvant jew mill-Punent. Il-kwota tista' tiġi wżata fiż-Żona Regolatorja tan-NEAFC bil-kondizzjoni li l-kondizzjonijiet ta' rappurtar tal-Groenlandja jiġu sodisfatti.
(2) 3 500 tunnellata li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiku huma allokati lin-Norveġja u 200 tunnellata huma allokati lill-Gżejjer Faroe. '

d) L-annotazzjoni dwar l-ispeċi Redfish fl-ilmijiet ta' l-Iżlanda fiż-żona Va ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

| 'Speċi: | Redfish<br>*Sebastes spp.* | Żona: | L-ilmijiet ta' l-Iżlanda ta' Va<br>RED/05A-IS |
|---|---|---|---|
| Belġju | 100 (1) (2) | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.<br>L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika. | |
| Ġermanja | 1 690 (1) (2) | | |
| Franza | 50 (1) (2) | | |
| Renju Unit | 1 160 (1) (2) | | |
| KE | 3 000 (1) (2) | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

(1) Inklużi l-qabdiet inċidentali inevitabbli (qabdiet inċidentali ta' merluzz mhumiex permessi).
(2) Li għandhom jiġu mistada bejn Lulju u Diċembru.'

3) Fl-Anness III:

a) Punt ġdid għandu jiddaħħal wara l-punt 9:

"9a. **Tnaqqis tar-rimi tal-merluzz fil-baħar tat-Tramuntana**

1. L-Istati Membri li għandhom kwota tal-merluzz għandhom iwettqu provi matul l-2008, għall-irkaptu rmunkat sabiex jitnaqqas il-proporzjon, fl-għadd tal-qabda ta' merluzz li jintremew għal 10 % jew inqas.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu r-riżultati tal-provi previsti fil-punt 9a.1 disponibbli lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2008."

b) Fil-punt 13.1 il-koordinati ta' "Hatton Bank" għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"Hatton Bank:

— 59° 26′ N, 14° 30′ W

— 59° 12′ N, 15° 08′ W

— 59° 01′ N, 17° 00′ W

— 58° 50′ N, 17° 38′ W

— 58° 30′ N, 17° 52′ W

— 58° 30′ N, 18° 22′ W

— 58° 03′ N, 18° 22′ W

— 58° 03′ N, 17° 30′ W

— 57° 55′ N, 17° 30′ W

— 57° 45′ N, 19° 15′ W

— 58° 30′ N, 18° 45′ W

— 58° 47′ N, 18° 37′ W

— 59° 05′ N, 17° 32′ W

— 59° 16′ N, 17° 20′ W

— 59° 22′ N, 16° 50′ W

— 59° 21′ N, 15° 40′ W"

4) Fl-Anness XIV:

Fit-test li jirriproduċi l-appendiċi 3 tar-Riżoluzzjoni GFMC/31/2007/2, il-koordinati ġeografiċi għas-Sub-Żona Ġeografika GFCM (GSA) numru 2 għandhom jinbidlu b’dan li ġej:

“36° 05′ N 3° 20′ W

36° 05′ N 2° 40′ W

35° 45′ N 2° 40′ W

35° 45′ N 3° 20′ W”

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 719/2008

## tal-25 ta’ Lulju 2008

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta’ l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta’ Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta’ l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta’ l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta’ l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-26 ta’ Lulju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta’ Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 590/2008 (ĠU L 163, 24.6.2008, p. 24).

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta’ l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta’ l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 29,6 |
| | TR | 83,4 |
| | XS | 27,8 |
| | ZZ | 46,9 |
| 0707 00 05 | MK | 27,4 |
| | TR | 106,2 |
| | ZZ | 66,8 |
| 0709 90 70 | TR | 92,7 |
| | ZZ | 92,7 |
| 0805 50 10 | AR | 87,6 |
| | US | 51,0 |
| | UY | 61,3 |
| | ZA | 89,1 |
| | ZZ | 72,3 |
| 0806 10 10 | CL | 83,0 |
| | EG | 143,0 |
| | IL | 145,5 |
| | TR | 112,2 |
| | ZZ | 120,9 |
| 0808 10 80 | AR | 100,4 |
| | BR | 101,7 |
| | CL | 109,0 |
| | CN | 85,5 |
| | NZ | 117,2 |
| | US | 99,9 |
| | ZA | 91,9 |
| | ZZ | 100,8 |
| 0808 20 50 | AR | 111,3 |
| | CL | 86,3 |
| | NZ | 97,1 |
| | ZA | 99,2 |
| | ZZ | 98,5 |
| 0809 10 00 | TR | 174,0 |
| | US | 186,2 |
| | ZZ | 180,1 |
| 0809 20 95 | TR | 402,5 |
| | US | 410,1 |
| | ZZ | 406,3 |
| 0809 30 | TR | 149,7 |
| | ZZ | 149,7 |
| 0809 40 05 | BA | 95,0 |
| | IL | 117,3 |
| | TR | 115,5 |
| | XS | 74,5 |
| | ZZ | 100,6 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi “ZZ” jirrappreżenta “oriġini oħra”.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 720/2008

## tal-25 ta' Lulju 2008

## li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 rigward il-ħażna u l-moviment ta' prodotti mixtrija minn aġenzija li tħallas jew minn aġenzija ta' intervent

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3515/92 ta' l-4 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1055/77 dwar il-ħażna u l-moviment tal-prodotti mixtrija permezz ta' aġenzija ta' l-intervent ([2]) ġie emendat kemm-il darba ([3]) b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) L-awtoritajiet kompetenti huma mgħarrfa dwar il-kummerċ kollu fil-prodotti kkonċernati. Għalhekk, għas-sempliċità amministrattiva, huwa xieraq illi ma għandhiex tkun meħtieġa liċenzja rigward prodotti miżmuma minn aġenzija li tħallas jew aġenzija ta' l-intervent u li jiġu esportati lejn pajjiż terz għall-ħażna fih jew mibgħuta lura lejn l-Istat Membru tat-tluq.

(3) Il-miżuri li hawn provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

Mingħajr preġudizzju għad-derogi pprovduti fir-regoli Komunitarji speċifiċi għal ċerti prodotti, dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli komuni dettaljati sabiex jiġi applikat l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

KAPITOLU 2

### IL-PRODOTTI TA' L-INTERVENT TRASPORTATI GĦALL-ĦAŻNA F'PAJJIŻ TERZ

*Artikolu 2*

Fil-każijiet koperti fl-Artikolu 39(5)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, meta l-prodotti jiġu esportati lejn pajjiż terz sabiex jinħażnu hemmhekk, id-dokument imsemmi fl-Artikolu 3 tiegħu u d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għandhom jiġu ddepożitati fl-uffiċċju tad-dwana kompetenti fl-Istat Membru fejn tkun tinsab l-aġenzija li tħallas jew l-aġenzija ta' l-intervent responsabbli mill-prodotti.

Id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u, jekk ikun hemm il-ħtieġa, id-dokument ta' transitu estern tal-Komunità jew id-dokument nazzjonali ekwivalenti għandu juri waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fl-Anness I.

L-ebda licenzja ta' esportazzjoni ma għandha tigi mitluba fir-rigward tal-formalitajiet ta' l-esportazzjoni tad-dwana.

*Artikolu 3*

Id-dokument msemmi fl-Artikolu 2 għandu jinħareġ mill-aġenzija li tħallas kompetenti jew mill-aġenzija ta' l-intervent ta' l-Istat Membru tat-tluq, għandu jkollu numru fuqu u jagħti:

(a) deskrizzjoni tal-prodotti u, fejn xieraq, kull informazzjoni oħra meħtieġa għall-għanijiet ta' kontroll;

(b) in-numru, it-tip u, fejn xieraq, il-marki u n-numri tal-pakketti;

(c) il-massa grossa u netta tal-prodotti;

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).
([2]) ĠU L 355, 5.12.1992, p. 15. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1847/2006 (ĠU L 355, 15.12.2006, p. 21).
([3]) Ara l-Anness III.

(d) referenza għall-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, li jispeċifika illi l-prodotti huma maħsuba għall-ħażna;

(e) l-indirizz tal-post propost għall-ħażna.

Fil-każ li jiġi applikat l-Artikolu 2, dan id-dokument għandu jinżamm mill-uffiċċju tad-dwana fejn tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u kopja ta' dan id-dokument għandha takkumpanja l-prodott.

*Artikolu 4*

1. Fejn prodotti miżmuma minn aġenzija li tħallas jew minn aġenzija ta' l-intervent u maħżuna f'pajjiż terz jiġu sussegwentement importati mill-ġdid fl-Istat Membru li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu taqa' din l-aġenzija, mingħajr ma jiġu mibjugħa:

(a) l-importazzjoni mill-ġdid għandha tkun soġġetta għall-Artikolu 39(5) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007; u

(b) l-ebda liċenza ta' importazzjoni ma għandha għalfejn tiġi sottomessa.

2. B'żieda ma' dan, id-dokumenti li ġejjin għandhom jiġu sottomessi lill-uffiċċju tad-dwana ta' l-importazzjoni mill-ġdid:

(a) il-kopja approvata ta' l-esportatur tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni maħruġa għall-esportazzjoni tal-prodotti lejn il-pajjiż terz tal-ħażna, jew kopja jew fotokopja ta' dan id-dokument awtentikat bħala korrispondenti ma' l-oriġinali mill-uffiċċju ta' dwana li jkun ħareġ id-dokument oriġinali;

(b) dokument maħruġ mill-aġenzija li tħallas jew mill-aġenzija ta' l-intervent responsabbli mill-prodotti li jkun fihom l-informazzjoni pprovvduta fl-Artikoli 3(a) sa (d).

Dawn id-dokumenti għandhom jinżammu mill-uffiċċju tad-dwana ta' l-importazzjoni mill-ġdid.

KAPITOLU 3

**IL-PRODOTTI TA' L-INTERVENT TRANSFERITI MINN AĠENZIJA LI TĦALLAS JEW MINN AĠENZIJA TA' L-INTERVENT GĦAL OĦRA**

*Artikolu 5*

F'każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 39(5)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, fejn prodotti jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor bħala ħidma ta' trasferiment, il-prodotti għandhom jiġu akkumpanjati minn Kopja tal-Kontroll T5 kif imsemmi fl-Artikoli 912a sa 912g tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([4]). Il-Kopja tal-Kontroll T5 għandha tinħareġ mill-aġenzija li tħallas jew mill-aġenzija ta' l-intervent li tibgħat il-prodotti u għandha tindika fil-kaxxa 104 waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Il-kaxxa 107 għandha turi n-numru ta' dan ir-Regolament.

L-Istat Membru jista' jippermetti li l-Kopja tal-Kontroll T5 tinħareġ minn awtorità maħtura għal dan il-għan minflok mill-aġenzija li tħallas jew mill-aġenzija ta' l-intervent.

Il-Kopja tal-Kontroll T5 għandha tintbagħat lura direttament lill-aġenzija li tħallas jew lill-aġenzija ta' l-intervent li tkun bagħtet il-prodotti wara li jkunu ġew kontrollati u approvati kif xieraq mill-aġenzija li tħallas jew mill-aġenzija ta' l-intervent ta' l-Istat Membru fejn ikunu ġew trasferiti l-prodotti.

KAPITOLU 4

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 6*

Ir-Regolament (KEE) Nru 3515/92 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

*Artikolu 7*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 25 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([4]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

*ANNESS I*

Annotazzjonijiet imsemmija fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 2:

— *Bil-Bulgaru:* Интервенционни продукти, държани от … (име и адрес на разплащателната или интервенционната агенция), предназначени за складиране в … (съответна държава и адрес на предложения склад). В приложение на член 39, параграф 5, буква а), от Регламент (ЕО) № 1234/2007

— *Bl-Ispanjol:* Productos de intervención en poder de … (nombre y dirección del organismo pagador o de intervención) destinados a ser almacenados en … (país y dirección del lugar de almacenamiento previsto). Aplicación del artículo 39, apartado 5, letra a), del Reglamento (CE) nº 1234/2007

— *Biċ-Ċek:* Intervenční produkty v držení … (název a adresa platební agentury nebo intervenční agentury), určené ke skladování v/ve … (dotčený stát a předpokládaná adresa a místo skladování). Použití čl. 39 odst. 5 písm. a) nařízení (ES) č. 1234/2007

— *Bid-Daniż:* Interventionsprodukter, som … (navn og adresse på betalings- eller interventionsorganet) ligger inde med, og som er bestemt til oplagring i … (det pågældende land og adressen på det forventede oplagringssted). Anvendelse af artikel 39, stk. 5, litra a), i forordning (EF) nr. 1234/2007

— *Bil-Ġermaniż:* Interventionserzeugnisse im Besitz von … (Name und Anschrift der Zahlstelle oder Interventionsstelle), zur Lagerung in … (Land und Anschrift des vorgesehenen Lagerorts) bestimmt. Anwendung von Artikel 39 Absatz 5 Buchstabe a der Verordnung (EG) Nr. 1234/2007

— *Bl-Estonjan:* (makseasutuse või sekkumisasutuse nimetus ja aadress) valduses olevad sekkumistooted, mis on ette nähtud ladustamiseks (asjaomane riik ja ettenähtud ladustamiskoha aadress). Määruse (EÜ) nr 1234/2007 artikli 39 lõike 5 punkti a kohaldamine

— *Bil-Grieg:* Προϊόντα παρέμβασης που ευρίσκονται στην κατοχή του … (ονομασία και διεύθυνση του οργανισμού πληρωμών ή του οργανισμού παρέμβασης) προς αποθήκευση στ. … (χώρα και διεύθυνση του προτεινόμενου χώρου αποθήκευσης). Εφαρμογή του άρθρου 39 παράγραφος 5 στοιχείο α) του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 1234/2007

— *Bl-Ingliż:* Intervention products held by … (name and address of the paying agency or intervention agency) for storage in … (country concerned and address of the proposed place of storage). Application of Article 39(5)(a) of Regulation (EC) No 1234/2007

— *In French:* Produits d'intervention détenus par … (nom et adresse de l'organisme payeur ou de l'organisme d'intervention), destinés à être stockés en/au … (pays concerné et adresse du lieu de stockage prévu). Application de l'article 39, paragraphe 5, point a), du règlement (CE) nº 1234/2007

— *Bit-Taljan:* Prodotti d'intervento detenuti da … (nome e indirizzo dell'organismo pagatore o organismo d'intervento) destinati ad essere immagazzinati in … (paese interessato e indirizzo del luogo di immagazzinamento previsto). Applicazione dell'articolo 39, paragrafo 5, lettera a) del regolamento (CE) n. 1234/2007

— *Bil-Latvjan:* Intervences produkti, kas pieder … (maksājumu aģentūras vai intervences aģentūras nosaukums un adrese), glabāšanai … (attiecīgā valsts un plānotā glabāšanas vieta adrese). Regulas (EK) Nr. 1234/2007 39. panta 5. punkta a) apakšpunkta piemērošana

— *Bil-Litwan:* (Mokėjimo agentūros ar intervencinės agentūros pavadinimas ir adresas) … intervenciniai produktai, skirti saugojimui … (atitinkama šalis ir numatomos saugojimo vietos adresas). Reglamento (EB) Nr. 1234/2007 39 straipsnio 5 dalies a punkto taikymas

— *Bl-Ungeriż:* A(z) … (a kifizető ügynökség, illetve az intervenciós hivatal neve és címe) birtokában lévő, ….-ban-/ben (a tervezett raktározási hely címe és országa) raktározásra szánt intervenciós termékek. Az 1234/2007/EK rendelet 39. cikke (5) bekezdése a) pontjának alkalmazása

— *Bil-Malti:* Prodotti ta' intervent miżmuma minn … (isem u indirizz ta' l-aġenzija li tħallas jew l-aġenzija ta' intervent), biex jinħażnu f' … (pajjiż ikkonċernat u indirizz tal-post tal-ħażna propost). Applikazzjoni ta' l-Artikolu 39(5)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007

— *Bl-Olandiż:* Interventieproducten in het bezit van … (naam en adres van het betaalorgaan of het interventiebureau) — bestemd voor opslag in … (betrokken land en adres van de opslagplaats). Toepassing van artikel 39, lid 5, onder a), van Verordening (EG) nr. 1234/2007

— *Bil-Pollakk:* Produkty interwencyjne znajdujące się w posiadaniu … (nazwa i adres agencji płatniczej lub agencji interwencyjnej), przeznaczone do magazynowania w … (właściwy kraj i adres przewidzianego miejsca magazynowania). Zastosowanie art. 39 ust. 5 lit. a) rozporządzenia (WE) nr 1234/2007

— *Bil-Portugiż:* Produtos de intervenção em poder de … (nome e endereço do organismo pagador ou do organismo de intervenção) destinados a serem armazenados em/no … (país em causa e endereço do local de armazenagem previsto). Aplicação do n.º 5, alínea a), do artigo 39.º do Regulamento (CE) n.º 1234/2007

— *Bir-Rumen:* Produse de intervenție deținute de … (denumirea și adresa agenției de plăți sau organismului de intervenție) pentru depozitare în … (țara în cauză și adresa locului de depozitare propus). Se aplică articolul 39 alineatul (5) litera (a) din Regulamentul (CE) nr. 1234/2007

— *Bis-Slovakk:* Intervenčné produkty v držbe … (názov a adresa platobnej alebo intervenčnej agentúry), určené na skladovanie v … (krajina, ktorej sa to týka a adresa stanoveného miesta skladovania). Uplatňuje sa článok 39 ods. 5 písm. a) nariadenia (ES) č. 1234/2007

— *Bis-Sloven:* Intervencijski proizvodi, zadržani s strani … (ime in naslov plačilne agencije ali intervencijske agencije), ki naj bi bili skladiščeni v … (zadevna država in naslov predvidenega kraja skladiščenja). Izvajanje člena 39(5)(a) Uredbe (ES) št. 1234/2007

— *Bil-Finlandiż:* Interventiotuotteita, jotka ovat … (maksajaviraston tai interventioelimen nimi ja osoite) hallussa ja jotka on tarkoitus varastoida … (kyseessä olevan maan ja ehdotetun varastointipaikan osoite). Asetuksen (EY) N:o 1234/2007 39 artiklan 5 kohdan a alakohdan soveltaminen

— *Bl-Isvediż:* Interventionsprodukter som innehas av … (det utbetalande organets eller interventionsorganets namn och adress) för lagring i … (berört land och adress till det tilltänkta lagringsstället). Tillämpning av artikel 39.5 a i förordning (EG) nr 1234/2007

*ANNESS II*

Annotazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5:

| | |
|---|---|
| — *Bil-Bulgaru:* | Интервенционни продукти — трансферна операция |
| — *Bl-Ispanjol:* | Productos de intervención — operación de transferencia |
| — *Biċ-Ċek:* | Intervenční produkty – převod |
| — *Bid-Daniż:* | Interventionsprodukter — overførsel |
| — *Bil-Ġermaniż:* | Interventionserzeugnisse — Transfer |
| — *Bl-Estonjan:* | Sekkumistooted – ülevõtmistoiming |
| — *Bil-Grieg:* | Προϊόντα παρέμβασης — Πράξη μεταβίβασης |
| — *Bl-Ingliż:* | Intervention products — transfer operation |
| — *Bil-Franċiż:* | Produits d'intervention — opération de transfert |
| — *Bit-Taljan:* | Prodotti d'intervento — operazione di trasferimento |
| — *Bil-Latvjan:* | Intervences produkti – nodošana |
| — *Bil-Litwan:* | Intervenciniai produktai – pervežimas |
| — *Bl-Ungeriż:* | Intervenciós termékek – szállítási művelet |
| — *Bil-Malti:* | Prodotti ta' l-intervent - ħidma ta' trasferiment |
| — *Bl-Olandiż:* | Interventieproducten — Overdracht |
| — *Bil-Pollakk:* | Produkty interwencyjne – operacja przekazania |
| — *Bil-Portugiż:* | Produtos de intervenção — operação de transferência |
| — *Bir-Rumen:* | Produse de intervenție – operațiune de transfer |
| — *Bis-Slovakk:* | Intervenčné produkty – presun |
| — *Bis-Sloven:* | Intervencijski proizvodi – postopek transferja |
| — *Bil-Finlandiż:* | Interventiotuotteita – siirtotoimi |
| — *Bl-Isvediż:* | Interventionsprodukter – överföringsförfarande |

*ANNESS III*

**Regolament imħassar flimkien ma’ lista ta’ l-emendi suċċessivi tiegħu**

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3515/92 (ĠU L 355, 5.12.1992, p. 15) | |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 306/95 (ĠU L 36, 16.2.1995, p. 1) | |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1970/2004 (ĠU L 341, 17.11.2004, p. 17) | |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1847/2006 (ĠU L 355, 15.12.2006, p. 21) | Artikolu 2 u Anness II biss |

*ANNESS IV*

**Tabella ta’ korrelazzjoni**

| Regolament (KEE) Nru 3515/92 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, l-ewwel inċiż | Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, punt (a) |
| Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, it-tieni inċiż | Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, punt (b) |
| Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, it-tielet inċiż | Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, punt (ċ) |
| Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, ir-raba’ inċiż | Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, punt (d) |
| Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, il-ħames inċiż | Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, punt (e) |
| Artikolu 3, it-tieni paragrafu | Artikolu 3, it-tieni paragrafu |
| Artikolu 4(1), l-ewwel inċiż | Artikolu 4(1)(a) |
| Artikolu 4(1), it-tieni inċiż | Artikolu 4(1)(b) |
| Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż | Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, punt (a) |
| Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż | Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, punt (b) |
| Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu | Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Artikolu 6 | — |
| Artikolu 7 | — |
| — | Artikolu 6 |
| Artikolu 8 | Artikolu 7 |
| Annessi I u II | Annessi I u II |
| — | Anness III |
| — | Anness IV |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 721/2008

## tal-25 ta' Lulju 2008

## li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-batterju li fih ħafna karotenojdi ħomor *Paracoccus carotinifaciens* bħala addittiv fl-għalf

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali u għar-raġunijiet u l-proċeduri biex tingħata din l-awtorizzazzjoni.

(2) Skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skond l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' ċelloli maqtula u mnixxfa tal-batterju li fih ħafna karotenojdi ħomor *Paracoccus carotinifaciens* (NITE SD 00017) bħala addittiv fl-għalf għas-salamun u t-troti, biex tiġi kklassifikata fil-kategorija ta' l-addittivi "addittivi sensorji".

(4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tat-18 ta' Settembru 2007 li din il-preparazzjoni ta' ċelloli maqtula u mnixxfa tal-batterju li fih ħafna karotenojdi ħomor *Paracoccus carotinifaciens* (NITE SD 00017) ma għandhiex effett negattiv fuq is-saħħa ta' l-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent u li taffettwa favorevolment il-karatteristiċi tal-prodotti ta' l-annimali ([2]). Ikkonkludiet ukoll li dik il-preparazzjoni ma tippreżenta l-ebda riskju ieħor li, skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, jeskludi l-awtorizzazzjoni. L-Awtorità għamlet rakkomandazzjoni li tikkonċerna l-limiti massimi ta' residwi. Din ma qisitx li hemm ħtieġa għal rekwiżiti speċifiċi ta' sorveljanza wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi ta' l-addittiv ta' l-għalf fl-għalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni ta' din il-preparazzjoni turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Skond dan, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' l-addittivi "addittivi sensorji" u tal-grupp funzjonali "a (ii). Koloranti; sustanzi li, meta jingħataw lill-annimali, iżidu l-kuluri lill-ikel li jkun ġej mill-annimali", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment ta' l-annimali skond il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 275M, 6.10.2006, p. 211).

([2]) Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Addittivi u l-Prodotti jew Sustanzi wżati fl-Għalf ta' l-Annimali (FEEDAP) fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-sikurezza u l-effikaċja tal-Panaferd-AX (il-batterju li fih ħafna karotenojdi ħomor *Paracoccus carotinifaciens*) bħala addittiv fl-għalf għas-salamun u t-troti. *Il-Ġurnal ta' l-EFSA* (2007) 546, p. 1-30.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta’ Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS

| Numru ta’ identifikazzjoni ta’ l-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija ta’ l-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Limiti Massimi ta’ Residwi (LMR) fl-oġġetti ta’ l-ikel rilevanti li joriġinaw mill-annimali | Tmiem il-perjodu ta’ awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg/kg ta’ għalf sħiħ b’kontenut ta’ umdità ta’ 12 % | | | | |
| **Kategorija ta’ addittivi sensorji. Grupp funzjonali: koloranti; sustanzi li meta jingħataw lill-annimali jżidu l-kuluri lill-ikel li jkun ġej mill-annimali** | | | | | | | | | |
| 2a(ii)167 | *Paracoccus carotinifaciens* li fih ħafna karotenojdi ħomor | *Sustanzi attivi:*<br>Astaxanthin ($C_{40}H_{52}O_4$, CAS: 472-61-7)<br>Adonirubin ($C_{40}H_{52}O_3$, 3-Hydroxy-beta,beta-carotene-4,4′-dione CAS: 511-23801)<br>Canthaxanthin ($C_{40}H_{52}O_2$, CAS: 514-78-3)<br>*Kompożizzjoni ta’ l-addittiv:*<br>Preparazzjoni ta’ ċelloli maqtula u mnixxfa ta’ *Paracoccus carotinifaciens* (NITE SD 00017) li fiha:<br>— 20-23 g/kg astaxanthin<br>— 10-15 g/kg adonirubin<br>— 3-5 g/kg canthaxanthin<br>*Metodi analitiċi*<br>Kromotografija Likwida ta’ Prestazzjoni Għolja (HPLC) f’fażi normali flimkien ma’ individwazzjoni viżibbli ta’ l-UV biex jiġu determinati l-astaxanthin, l-adonirubin u l-canthaxanthin fl-għalf u fit-tessut tal-ħut ([1]) | Salamun, trota | — | — | 100 | 1. Il-kontenut massimu huwa espress bħala s-somma ta’ astaxanthin, adonirubin u canthaxanthi<br>2. L-użu permess mill-età ta’ sitt xhur ’il quddiem jew minn piż ta’ 50 g.<br>3. It-taħlita ta’ l-addittiv ma’ l-astaxanthin jew il-canthaxanthin hija permessa sakemm il-konċentrazzjoni totali tas-somma ta’ astaxanthin, adonirubin u cantaxanthin minn sorsi oħra ma taqbiżx il-100 mg/kg fl-għalf sħiħ. | Għas-salamun: 10 mg/kg għas-somma ta’ adonirubin u canthaxanthin/kg muskolu (tessut imxarrab);<br>Għat-trota: 8 mg/kg għas-somma ta’ adonirubin u canthaxanthin/kg muskolu (tessut imxarrab) | 15.8.2018 |

([1]) Aktar dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz elettroniku tal-Laboratorju ta’ Referenza tal-Komunità: www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 722/2008

## tal-25 ta' Lulju 2008

## li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 563/82 rigward il-fatturi ta' aġġustament li għandhom jintużaw għall-iffissar tal-prezzijiet tal-karkassi ta' annimali bovini adulti

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2006 ta' l-24 ta' Lulju 2006 dwar l-iskala Komunitarja għall-klassifika tal-karkassi ta' annimali bovini adulti [1], u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi,

(1) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2006 jiddefinixxi l-preżentazzjoni ta' referenza ta' l-UE tal-karkassi. Barra minn hekk, jipprovdi li fejn Stat Membru juża preżentazzjoni tal-karkassi differenti minn din il-preżentazzjoni ta' referenza, għandhom ikunu ddeterminati l-fatturi ta' aġġustament biex jingħadda minn dik il-preżentazzjoni għall-preżentazzjoni ta' referenza.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 563/82 ta' l-10 ta' Marzu 1982 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1208/81 li jistabbilixxi l-prezzijiet tas-suq ta' l-annimali adulti ta' l-ifrat fuq il-bażi ta' l-iskala tal-Komunità għall-klassifikazzjoni tal-karkassi [2] jistipula r-regoli dettaljati dwar ir-reġistrazzjoni tal-prezzijiet fis-suq ta' l-annimali bovini adulti abbażi ta' l-iskala tal-Komunità għall-klassifikazzjoni tal-karkassi ta' l-annimali bovini adulti.

(3) Ir-Renju Unit talab li fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 563/82 jiddaħħlu żewġ koeffiċjenti addizzjonali għat-tneħħija tax-xaħam tas-sidra u tax-xaħam tal-ġenba. Biex tibqa' żgurata d-disponibbiltà ta' prezzijiet komparabbli fil-Komunità, għandhom jiġu adattati l-fatturi ta' aġġustament iddeterminati fl-Anness għal dak ir-Regolament.

(4) Ir-Regolament (KEE) Nru 563/82 għandu għaldaqstant jiġi emendat skond dan.

(5) Il-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċanga u l-Vitella ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stipulat mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 563/82 huwa mibdul bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 214, 4.8.2006, p. 1. Ir-Regolament (KE) Nru 1183/2006 se jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2009.
[2] ĠU L 67, 11.3.1982, p. 23. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2181/2001 (ĠU L 293, 10.11.2001, p. 8).

*ANNESS*

*“ANNESS*

**Fatturi ta’ aġġustament imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2006**

*(bhala perċentwali tal-piż tal-karkassa)*

| Perċentwali | Tnaqqis | | | Żieda | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Klassi tax-xaħam | 1-2 | 3 | 4-5 | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| Kliewi | – 0,4 | | | | | | | |
| Xaħam tal-kliewi | – 1,75 | – 2,5 | – 3,5 | | | | | |
| Xaħam pelviku | – 0,5 | | | | | | | |
| Fwied | – 2,5 | | | | | | | |
| Falda rqiqa | – 0,4 | | | | | | | |
| Falda ħoxna | – 0,4 | | | | | | | |
| Denb | – 0,4 | | | | | | | |
| Sinsla | – 0,05 | | | | | | | |
| Xaħam mammarju | – 1,0 | | | | | | | |
| Testikoli | – 0,3 | | | | | | | |
| Xaħam ta’ l-iskrotu | – 0,5 | | | | | | | |
| Xaħam mal-ġewwieni tan-naħa ta’ fuq | – 0,3 | | | | | | | |
| Il-vina ġugulari u x-xaħam ta’ madwarha | – 0,3 | | | | | | | |
| Tneħħija tax-xaħam estern | | | | 0 | 0 | + 2,0 | + 3,0 | + 4,0 |
| Tneħħija tax-xaħam tas-sidra biex titħalla għata ta’ xaħam (it-tessuti muskulari ma għandhomx ikunu mikxufa) | | | | 0 | + 0,2 | + 0,2 | + 0,3 | + 0,4 |
| Tneħħija tax-xaħam tal-ġenba li jmiss max-xaħam ta’ l-iskrotu | | | | 0 | + 0,3 | + 0,4 | + 0,5 | + 0,6” |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 723/2008

## tal-25 ta' Lulju 2008

## li jdaħħal ċerti denominazzjonijiet fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' l-oriġini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Afuega'l Pitu (DPO), Mazapán de Toledo (IĠP), Agneau de Lozère (IĠP), Oignon doux des Cévennes (DPO), Butelo de Vinhais jew Bucho de Vinhais jew Chouriço de Ossos de Vinhais (IĠP), Chouriça Doce de Vinhais (IĠP))

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u ta' l-oġġetti ta' l-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 6(2), l-ewwel inċiż, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talbiet imressqa minn Spanja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjonijiet "Afuega'l Pitu" u "Mazapán de Toledo", it-talbiet imressqa minn Franza għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjonijiet "Agneau de Lozère" u "Oignon doux des Cévennes" u t-talbiet imressqa mill-Portugall għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjonijiet "Butelo de Vinhais" jew "Bucho de Vinhais" jew "Chouriço de Ossos de Vinhais" u "Chouriça Doce de Vinhais" ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma kienet notifikata bl-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, dawn id-denominazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjonijiet li jidhru fl-Anness għal dan ir-Regolament huma rreġistrati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 417/2008 (ĠU L 125, 9.5.2008, p. 27).

([2]) ĠU C 268, 10.11.2007, p. 28 (Afuega'l Pitu), ĠU C 267, 9.11.2007, p. 50 (Mazapán de Toledo), ĠU C 267, 9.11.2007, p. 46 (Agneau de Lozère), ĠU C 270, 13.11.2007, p. 15 (Oignon doux des Cévennes), ĠU C 268, 10.11.2007, p. 36 (Butelo de Vinhais ou Bucho de Vinhais ou Chouriço de Ossos de Vinhais), ĠU C 268, 10.11.2007, p. 33 (Chouriça Doce de Vinhais).

*ANNESS*

1. Prodotti agrikoli għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.1. Laħam (u interjuri) frisk/i**

FRANZA

Agneau de Lozère (IĠP)

**Klassi 1.2. Prodotti abbażi tal-laħam (imsajjar, immellaħ, iffumigat, eċċ.)**

IL-PORTUGALL

Butelo de Vinhais jew Bucho de Vinhais jew Chouriço de Ossos de Vinhais (IĠP)

Chouriça Doce de Vinhais (IĠP)

**Klassi 1.3. Ġobnijiet**

SPANJA

Afuega'l Pitu (DPO)

**Klassi 1.6. Frott, ħxejjex u ċereali pproċessati jew mhumiex**

FRANZA

Oignon doux des Cévennes (DPO)

2. Oġġetti ta' l-ikel imsemmija fl-Anness I għar-Regolament:

**Klassi 2.4. Ħobż, prodotti ta' l-għaġina, ħelu, gallettini u prodotti oħra tal-furnara**

SPANJA

Mazapán de Toledo (IĠP)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 724/2008

## ta' l-24 ta' Lulju 2008

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Maqgħuda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' l-istatistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi sottodivizjoni addizzjonali magħha u li hi stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra dwar il-kummerċ merkantili.

(3) Skond dawn ir-regoli ġenerali, il-merkanziji deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella ppreżentata fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet ippreżentati fil-kolonna 3.

(4) Hu xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni tat-tariffa li torbot li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda iżda li mhix skond dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun evokata mid-detentur, skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-miżuri previsti f'dan il-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, li mhijiex skond dan ir-Regolament, tista' tkompli tiġi evokata għal perjodu ta' tliet xhur skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
László KOVÁCS
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 360/2008 (ĠU L 111, 23.4.2008, p. 9).

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Prodott likwidu magħmul bħala zalza tal-bżar, ippreparat mill-fosdqiet tal-bżar li jitħalltu mal-melħ u li jiffermentaw tul perijodu ta’ 3 snin.<br><br>Wara l-fermentazzjoni jiżdied il-ħall Il-prodott jinsab f'varjetajiet differenti eż. bħala zalza tal-bżar aħdar. | 2103 90 90 | Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċi NM 2103, 2103 90 u 2103 90 90.<br><br>It-taħlita mal-melħ, il-fermentazzjoni u ż-żieda tal-ħall jitqiesu bħala proċess ta’ manifattura li tvarja u jmur lilhinn mill-proċess imsemmi f'Nota 1 għall-Kapitlu 9. Bħala konsegwenza l-prodotti ma jibqgħux iżommu l-karatteristika essenzjali tal-prodotti ta’ Kapitlu 9.<br><br>Minħabba l-kompożizzjoni u l-użu tal-prodott, għandu jkun ikklassifikat f'titlu 2103. Ara wkoll in-Noti ta’ Spjega tas-Sistema Armonizzata għal titlu 2103 (A), it-tieni paragrafu, l-aħħar sentenza. |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 725/2008

## ta' l-24 ta' Lulju 2008

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Maqgħuda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' l-istatistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi sottodivizjoni addizzjonali magħha u li hi stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra dwar il-kummerċ merkantili.

(3) Skond dawn ir-regoli ġenerali, il-merkanziji deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella ppreżentata fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet ippreżentati fil-kolonna 3.

(4) Hu xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni tat-tariffa li torbot li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda iżda li mhix skond dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun evokata mid-detentur, skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-miżuri previsti f'dan il-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, li mhix skond dan ir-Regolament, tista' tkompli tiġi evokata għal perjodu ta' tliet xhur skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
László KOVÁCS
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 360/2008 (ĠU L 111, 23.4.2008, p. 9).

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1791/2006 (ĠU L 363, tas-20.12.2006, p. 1).

*ANNESS*

| Deskrizzjoni ta’ l-oġġetti | Klassifikazzjoni (Kodiċi-NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 1. Prodott li jikkonsisti minn (% bil-piż):<br>Baqta 32,4<br>Ħalib xkumat 32,9<br>Krema (33,5 % xaħam) 12,4<br>Zokkor 4,5<br>Kif ukoll preparazzjoni tal-frott, prodott tax-xorrox, stabilizzatur, kulturi tal-jogurt<br>Il-kontenut tax-xaħam huwa ta’ 4,3 % bil-piż.<br>Il-kulur tal-prodott huwa aħmar ċar. Id-dehra tas-sustanza hija ta’ ġobon frisk. Biċċiet mill-preparazzjoni tal-frott jidhru fis-sustanza.<br>Il-prodott huwa mqiegħed f’kontenituri ta’ 150 g. | 0406 10 20 | Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċi NM 0406, 0406 10 u 0406 10 20.<br>Il-prodott fih aktar minn 70 % bil-piż tal-prodotti tal-ħalib, li minnhom il-baqta tagħtih il-karatteristika essenzjali. Għalhekk jibqa’ jżomm in-natura ta’ ġobon u baqta friski.<br>Għal dik ir-raġuni l-prodott għandu jkun ikklassifikat f’titlu 0406. |
| 2. Prodott li jikkonsisti minn (% bil-piż):<br>Baqta 41,7<br>Jogurt mill-ħalib xkumat 29,7<br>Preparazzjoni tal-frott 20<br>Ġulepp tal-fruttożju 5<br>Konċentrat tal-proteina 2<br>Sustanza li tgħaqqad 0,9<br>Krema 0,7<br>Il-kontenut tax-xaħam huwa ta’ 0,4 % bil-piż.<br>Il-prodott għandu żewġ saffi: is-sustanza bajda li fiha l-baqta fil-wiċċ u l-preparazzjoni tal-frott li tinsab taħt dik is-sustanza. Id-dehra tas-sustanza fil-wiċċ hija dik ta’ ġobon frisk.<br>Il-prodott huwa mqiegħed f’kontenituri ta’ 125 g. | 0406 10 20 | Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċi NM 0406, 0406 10 u 0406 10 20.<br>Il-prodott fih aktar minn 70 % bil-piż tal-prodotti tal-ħalib, li minnhom il-baqta tagħtih il-karatteristika essenzjali. Għalhekk jibqa’ jżomm in-natura ta’ ġobon u baqta friski<br>Għal dik ir-raġuni l-prodott għandu jkun ikklassifikat f’titlu 0406. |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 726/2008

## tal-25 ta' Lulju 2008

## dwar il-ħruġ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni tar-ross fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa għall-perjodu sekondarju ta' Lulju ta' l-2008 bir-Regolament (KE) Nru 327/98

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli rregolati minn sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni, ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 327/98 ta' l-10 ta' Frar 1998 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur ([3]) u b'mod partikolari l-Artikolu 5, l-ewwel subparagrafu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 327/98 stabbilixxa u ffissa l-mod ta' ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni tar-ross u tar-ross miksur, imqassma skond il-pajjiż ta' l-oriġini u f'diversi subperjodi skond l-Anness IX tar-Regolament imsemmi u għar-Regolament tal-Kumissjoni (KE) (ir-Regolament (KE) Nru 60/2008 ([4]) li jiftaħ perjodu sekondarju speċifiku fi Frar 2008, għall-kwota tariffarja għall-importazzjoni tar-ross mitħun u nofs mitħun li joriġina mill-Istati Uniti ta' l-Amerika).

(2) Il-perjodu sekondarju tax-xahar ta' Lulju huwa t-tieni perjodu sekondarju għall-kwoti tar-ross previsti bil-punti b), c) u d) ta' l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 327/98, u t-tielet perjodu sekondarju għall-kwoti tar-ross li joriġina mit-Tajlandja, mill-Awstralja u oriġini oħra minbarra t-Tajlandja, l-Awstralja u l-Istati Uniti previsti fil-punt a) tal-paragrafu msemmi u r-raba perjodu sekondarju għall-kwota tar-ross li joriġina fl-Istati Unit kif jissemma fil-punt a) tal-paragrafu msemmi.

(3) Min-notifika magħmula skond l-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 327/98, jirriżulta li għall-kwoti bin-numri tas-serje 09.4154 – 09.4166, it-talbiet imressqa matul l-ewwel għaxart ijiem ta' xogħol tax-xahar ta' Lulju ta' l-2008, skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament imsemmi, jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba għall-kwoti kkonċernati.

(4) Barra minn hekk, min-notifika msemmija hawn fuq, jirriżulta li għall-kwota/i bin-numru/i tas-serje 09.4127 – 09.4128 – 09.4129 – 09.4149, l-applikazzjonijiet imressqa matul l-ewwel għaxart ijiem ta' xogħol tax-xahar ta' Lulju ta' l-2008, skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 327/98, huma inqas minn il-kwantitajiet disponibbli.

(5) Għaldaqstant huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-kwantitajiet totali disponibbli għall-perjodu sekondarju li jsegwi u li għandhom għalhekk jiġu stabbiliti għall-kwoti bin-numru tas-serje 09.4127, 09.4128, 09.4129, 09.4130, 09.4148, 09.4112, 09.4116, 09.4117, 09.4118, 09.4119 u 09.4166, skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 327/98,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni ta' ross li jaqgħu taħt il-kwota/i bin-numri tas-serje 09.4154 – 09.4166 imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 327/98, imressqa matul l-ewwel għaxart ijiem ta' xogħol ta' Lulju ta' l-2008, jagħtu lok għall-ħruġ ta' liċenzji għall-kwantitajiet mitluba, assenjati skond il-koeffiċjenti ta' allokazzjoni stabbilit/i fl-Anness għal dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet totali disponibbli fil-kuntest tal-kwoti bin-numru tas-serje 09.4127 – 09.4128 – 09.4129 – 09.4130 – 09.4148 – 09.4112 – 09.4116 – 09.4117 – 09.4118 – 09.4119 – 09.4166, kif imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 327/98 għall-perjodu sekondarju li jmiss huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 797/2006 (ĠU L 144, 31.5.2006, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 1785/2003 se jiġi sostitwit bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) b'seħħ mill-1 ta' Settembru 2008.

([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).

([3]) ĠU L 37, 11.2.1998, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1538/2007 (ĠU L 337, 21.12.2007, p. 49).

([4]) ĠU L 22, 25.1.2008, p. 6.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

*ANNESS*

**Kwantitajiet li għandhom jiġu allokati għall-perjodu sekondarju tax-xahar ta' Lulju ta' l-2008 u l-kwantitajiet disponibbli għall-perjodu sekondarju ta' wara, b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 327/98**

a) Kwota ta' ross mithun kollu jew ross nofsu mithun kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 30, provduta bl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 327/98:

| Oriġini | Numru tas-serje | Koeffiċjent ta' allokazzjoni għas-subperjodu ta' Lulju ta' l-2008 | Kwantitajiet totali disponibbli għas-subperjodu tax-xahar ta' Settembru ta' l-2008 (f'kg) |
|---|---|---|---|
| L-Istati Uniti ta' l-Amerika | 09.4127 | — (2) | 2 158 640 |
| It-Tajlandja | 09.4128 | — (2) | 6 119 |
| L-Awstralja | 09.4129 | — (2) | 448 500 |
| Joriġinaw minn xi pajjiż ieħor | 09.4130 | — (3) | 0 |

b) Kwota ta' ross imqaxxar kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 20, provduta bl-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 327/98:

| Oriġini | Numru tas-serje | Koeffiċjent ta' allokazzjoni għas-subperjodu ta' Lulju ta' l-2008 | Kwantitajiet totali disponibbli għas-subperjodu tax-xahar ta' Ottubru ta' l-2008 (f'kg) |
|---|---|---|---|
| Il-pajjiżi kollha | 09.4148 | — (3) | 0 |

ċ) Kwota ta' ross miksur, kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 40, provduta bl-Artikolu 1(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 327/98:

| Oriġini | Numru tas-serje | Koeffiċjent ta' allokazzjoni għas-subperjodu ta' Lulju ta' l-2008 |
|---|---|---|
| It-Tajlandja | 09.4149 | — (2) |
| L-Awstralja | 09.4150 | — (1) |
| Il-Gujana | 09.4152 | — (1) |
| L-Istati Uniti ta' l-Amerika | 09.4153 | — (1) |
| Joriġinaw minn xi pajjiż ieħor | 09.4154 | 1,754388 % |

d) Kwota ta' ross mitħun jew nofsu mitħun li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1006 30, prevista fl-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 327/98:

| Oriġini | Numru tas-serje | Koeffiċjent ta' allokazzjoni għas-subperjodu ta' Lulju ta' l-2008 | Kwantitajiet totali disponibbli għas-subperjodu tax-xahar ta' Settembru ta' l-2008 (f'kg) |
|---|---|---|---|
| It-Tajlandja | 09.4112 | — (3) | 22 509 |
| L-Istati Uniti ta' l-Amerika | 09.4116 | — (3) | 1 880 |
| L-Indja | 09.4117 | — (3) | 107 912 |
| Il-Pakistan | 09.4118 | — (3) | 0 |
| Joriġinaw minn xi pajjiż ieħor | 09.4119 | — (3) | 105 802 |
| Il-pajjiżi kollha | 09.4166 | 1,170606 % | 0 |

(1) L-ebda applikazzjoni għal koeffiċjent ta' allokazzjoni għal dan il-perjodu sekondarju: l-ebda applikazzjonijiet ta' liċenzji ma ġew notifikati lill-Kummissjoni.

(2) l-applikazzjonijiet ikopru kwantitajiet li huma anqas jew daqs il-kwantitajiet disponibbli: għaldaqstant, l-applikazzjonijiet kollha huma accettabbli.

(3) aktar kwantità disponibbli għal dan il-perjodu sekondarju.

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/76/KE

**tal-25 ta' Lulju 2008**

**li temenda l-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-annimali**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar is-sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 (1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2002/32/KE tistipula li l-użu ta' prodotti maħsuba għall-għalf ta' l-annimali li fihom livelli ta' sustanzi mhux mixtieqa li jaqbżu l-livelli massimi stipulati fl-Anness I għal din id-Direttiva huwa pprojbit.

(2) L-iżviluppi riċenti fl-għarfien tekniku dwar il-formulazzjoni ta' l-għalf tal-ħut bl-użu dejjem akbar ta' krustaċji tal-baħar bħal frott tal-baħar bħala materjal ta' l-għalf fl-għalf tal-ħut, iwasslu biex ir-reviżjoni tal-livell massimu għall-fluworin fl-għalf tal-ħut issir b'mod xieraq. Mill-opinjoni ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) tat-22 ta' Settembru 2004 [2] jirriżulta li ż-żieda fil-livell massimu permissibbli ta' fluworin fl-għalf tal-ħut ma għandhiex twassal għal riskji mhux aċċettabbli għas-saħħa pubblika u ta' l-annimali. Fir-rigward ta' *Lolium temulentum* u *Lolium remotum*, l-EFSA tirrakkomanda, fl-opinjoni tagħha tal-25 ta' Jannar 2007 [3], it-tħassir ta' l-entrati separati għal dawn iż-żewġ speċi ta' pjanti u l-applikazzjoni tal-kontenut massimu ġenerali għal żrieragħ ta' ħaxix ħażin u frott mhux mitħun u mhux magħsur li fih alkalojdi, glucosides u sustanzi tossiċi oħra, kif stabbilit fir-ringiela 14 ta' l-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE.

(3) Fir-rigward ta' DDT, l-isem DDD għandu jiġi inkluż fir-ringiela li tikkonċerna din is-sustanza fl-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE, peress li dan l-isem jintuża aktar għall-metabolite dichlorodiphenyl-dichloroethane milli għat-TDE [4].

(4) Fir-rigward tal-berquq (*Prunus armeniaca L.*) u tal-lewż morr (*Prunus dulcis var. amara* jew *Prunus amygdalus Batsch var; amara*), jista' jiġi konkluż mill-opinjoni ta' l-EFSA tat-23 ta' Novembru 2006 [5] li r-rekwiżit għal nuqqas ta' ammonti kwantifikabbli ta' berquq u lewż morr mhuwiex meħtieġ għall-ħarsien tas-saħħa pubblika u ta' l-annimali u li hu biżżejjed li jiġu applikati livelli massimi ġenerali għal aċidu idroċjaniku, kif stabbilit fir-ringiela 8 ta' l-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE. Għaldaqstant huwa xieraq li jitħassru r-rekwiżiti speċifiċi għal berquq u lewż morr.

(5) Il-Camelina (*Camelina sativa*) hija inkluża fl-Anness għad-Direttiva 2002/32/KE u ż-żerriegħa u l-frott ta' dawn l-ispeċi tal-pjanta kif ukoll id-derivattivi proċessati tagħhom jistgħu jkunu preżenti biss f'għalf ta' l-annimali f'ammonti żgħar ħafna li ma jistgħux ikunu determinati b'mod kwantitattiv.

---

[1] ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/77/KE (ĠU L 271, 30.9.2006, p. 53. Edizzjoni Speċjali ĠU L 314M, 1.12.2007, p. 254).

[2] Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) fuq talba tal-Kummissjoni relatata mal-fluworin bħala sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-annimali, adottata fit-22 ta' Settembru 2004 http://www.efsa.europa.eu/EFSA/Scientific_Opinion/opinion_contam08_ej100_fluorine_en1,0.pdf

[3] Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea relatata ma' pyrrolizidine alkaloids bħala sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-annimali adottata fil-25 ta' Jannar 2007 http://www.efsa.europa.eu/EFSA/Scientific_Opinion/contam_ej447_op_pyrrolizidine%20alkaloids%20in%20feed_en.pdf

[4] Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) fuq talba mill-Kummissjoni relatata mad-DDT bħala sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-annimali, adottata fit-22 ta' Novembru 2006 http://www.efsa.europa.eu/EFSA/Scientific_Opinion/CONTAM_ej433_DDT_en,2.pdf

[5] Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) fuq talba tal-Kummissjoni relatata ma' komposti ċjanoġeniċi bħala sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-annimali adottata fit-23 ta' Novembru 2006 http://www.efsa.europa.eu/EFSA/Scientific_Opinion/CONTAM_ej434_op_cyanogenic_compounds_in_feed_en,1.pdf

(6) Hemm interess mill-ġdid fil-*Camelina sativa* bħala ħaxixa taż-żerriegħa taż-żejt minħabba domanda dejjem akbar għal ħxejjex alternattivi taż-żerriegħa taż-żejt ta' konsum baxx bil-potenzjal għal użu tal-prodotti sekondarji tal-produzzjoni taż-żerriegħa taż-żejt fl-għalf ta' l-annimali. Mill-opinjoni ta' l-EFSA tas-27 ta' Novembru 2007 ([1]) jista' jiġi konkluż li r-rekwiżit għal nuqqas ta' ammonti kwantifikabbli ta' *Camelina sativa* u d-derivattivi tagħhom mhuwiex meħtieġ għall-ħarsien tas-saħħa pubblika u ta' l-annimali sakemm l-ammont ta' glucosinolates totali fid-dieta ma jipperikolax is-saħħa pubblika u ta' l-annimali. Il-ħarsien tas-saħħa pubblika u ta' l-annimali kontra l-effetti tossiċi tal-glucosinolates huwa żgurat permezz tal-provvediment għal żejt tal-mustarda volatili f'għalf komplut, li għalih il-livell massimu huwa espress bħala allyl isothiocyanates, billi t-tossiċità tal-glucosinolates hija, skond l-opinjoni ta' l-EFSA, ġeneralment attribwita għall-(iso)thiocyanates. Huwa għaldaqstant xieraq li jitħassar ir-rekwiżit għal nuqqas ta' ammonti kwantifikabbli ta' *Camelina sativa* mill-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE.

(7) Id-Direttiva 2002/32/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat skond l-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2009. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif trid issir din ir-referenza.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) fuq talba tal-Kummissjoni relatata mal-glucosinolates bħala sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-annimali, adottata fis-27 ta' Novembru 2007
http://www.efsa.europa.eu/EFSA/Scientific_Opinion/contam_op_ej590_glucosinolates_en.pdf

*ANNESS*

L-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Ir-Ringiela 3, Fluworin, qed jinbidel b'dan li ġej:

| Sustanzi mhux mixtieqa | Prodotti maħsuba għall-għalf ta' l-annimali | Kontenut massimu f' mg/kg (ppm) li huwa relattiv għal għalf ta' l-annimali b'kontenut ta' umdità ta' 12 % |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "3. Fluworin (*) | Materjali ta' l-għalf bl-eċċezzjoni ta' | 150 |
| | — għalf ta' l-annimali li joriġina mill-annimali bl-eċċezzjoni ta' krustaċji tal-baħar bħal frott tal-baħar | 500 |
| | — krustaċji tal-baħar bħal frott tal-baħar | 3 000 |
| | — fosfati | 2 000 |
| | — karbunat tal-kalċju | 350 |
| | — ossidu tal-manjesju | 600 |
| | — alka tal-baħar kalkarja | 1 000 |
| | Vermikulit (E 561) | 3 000 (**) |
| | Għalf ta' l-annimali komplementari | |
| | — li fihom ≤ 4 % fosfru | 500 |
| | — li fihom > 4 % fosfru | 125 għal kull 1 % fosfru |
| | Għalf ta' l-annimali komplut bl-eċċezzjoni ta' | 150 |
| | — għalf ta' l-annimali komplut għal annimali ta' l-ifrat, nagħaġ u mogħoż | |
| | — fit-treddigħ | 30 |
| | — oħrajn | 50 |
| | — għalf ta' l-annimali komplut għall-ħnieżer | 100 |
| | — għalf ta' l-annimali komplut għat-tjur | 350 |
| | — għalf ta' l-annimali komplut għall-flieles | 250 |
| | — għalf ta' l-annimali komplut għall-ħut | 350 |

(*) il-livelli massimi jirreferu għal determinazzjoni analitika tal-fluworin, fejn l-estrazzjoni ssir bl-aċidu idrokloriku 1 N għal 20 minuta f'temperatura ambjentali. Proċeduri ta' estrazzjoni ekwivalenti jistgħu jiġu applikati fejn jista' jintwera li l-proċedura ta' estrazzjoni wżata għandha l-istess effiċjenza ta' estrazzjoni.

(**) Il-livelli għandhom jiġu riveduti sal-31 ta' Diċembru 2008 bl-għan li jitnaqqsu l-livelli massimi"

(2) Ir-Ringiela 14, Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u frott mhux mitħun u mhux magħsur li fih alkalojdi, glucosides jew sustanzi tossiċi oħra, qed tinbidel b'dan li ġej:

| Sustanzi mhux mixtieqa | Prodotti maħsuba għall-għalf ta' l-annimali | Kontenut massimu f' mg/kg (ppm) li huwa relattiv għal għalf ta' l-annimali b'kontenut ta' umdità ta' 12 % |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "14. Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u frott mhux mitħun u mhux magħsur li fih alkalojdi, glucosides jew sustanzi tossiċi oħra separatament jew flimkien inkluża | L-għalf kollu ta' l-annimali | 3 000 |
| *Datura stramonium* L. | | 1 000" |

(3) Ir-ringiela 21, DDT, qed tinbidel b'dan li ġej

| Sustanzi mhux mixtieqa | Prodotti maħsuba għall-għalf ta' l-annimali | Kontenut massimu f' mg/kg (ppm) li huwa relattiv għal għalf ta' l-annimali b'kontenut ta' umdità ta' 12 % |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| "DDT (total ta' DDT-, DDD- (jew TDE-) u DDE-iżomeri, espressi bħala DDT) | L-għalf kollu ta' l-annimali bl-eċċezzjoni ta'<br>— xaħmijiet u żjut | 0,05<br>0,5" |

(4) Ir-ringiela 28, Berquq – *Prunus armeniaca* L, ir-ringiela 29, Lewż morr – *Prunus dulcis* (Mill.) D.A. Webb var. amara (DC.) Focke (= *Prunus amygdalus* Batsch var. *amara* (DC.) Focke), u r-ringiela 31, Camelina – *Camelina sativa* (L.) Crantz, huma mħassra.

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/77/KE

## tal-25 ta' Lulju 2008

## li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi t-thiamethoxam bħala sustanza attiva fl-Anness I għaliha

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 ta' l-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' għaxar snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ([2]) jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-għan li possibbilment ikunu inklużi fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE. Dik il-lista tinkludi t-thiamethoxam.

(2) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1451/2007, it-thiamethoxam ġie evalwat skond l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 98/8/KE għall-użu fi prodotti tat-tip 8, preservattivi ta' l-injam, kif definit fl-Anness V għad-Direttiva 98/8/KE.

(3) Spanja nħatret bħala l-Istat Membru Rapporteur u ressqet ir-rapport ta' l-awtorità kompetenti, flimkien ma' rakkomandazzjoni, lill-Kummissjoni fis-27 ta' Lulju 2007 skond l-Artikolu 14(4) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007.

(4) Ir-rapport ta' l-awtorità kompetenti ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Skond l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, is-sejbiet mill-analiżi ġew inkorporati, fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali fit-22 ta' Frar 2008, f'rapport ta' valutazzjoni.

(5) Mill-eżamijiet li saru jidher li prodotti bijoċidali li jintużaw bħala preservattivi ta' l-injam u li jkun fihom it-thiamethoxam jistgħu jiġu preżunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/8/KE. Għalhekk huwa xieraq li t-thiamethoxam jiġi inkluż fl-Anness I, sabiex ikun żgurat li fl-Istati Membri kollha l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti bijoċidali li jintużaw bħala preservattivi ta' l-injam u li fihom it-thiamethoxam jistgħu jingħataw, jiġu mmodifikati jew ikkanċellati skond l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 98/8/KE.

(6) Madankollu, ġew identifikati riskji mhux aċċettabbli għat-trattament fil-post ta' njam fl-apert u għall-injam ittrattat espost għall-elementi. Għalhekk, l-awtorizzazzjonijiet għal dawn l-użijiet ma għandhomx jingħataw sakemm ma titressaqx dejta sabiex turi li l-prodotti jistgħu jintużaw mingħajr riskji għall-ambjent li mhumiex aċċettabbli.

(7) Meta jitqiesu r-riżultati tar-rapport ta' valutazzjoni, huwa f'loku li, għall-prodotti li fihom it-thiamethoxam u li jintużaw bħala preservattivi ta' l-injam, ikun hemm l-esiġenza li jittieħdu miżuri ta' tnaqqis tar-riskju fuq il-livell ta' l-awtorizzazzjoni tal-prodotti, biex jiġi żgurat li r-riskji jitnaqqsu għal livell aċċettabbli skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/8/KE u l-Anness VI għaliha. B'mod partikolari, għandhom jittieħdu miżuri f'lokhom sabiex iħarsu l-kompartimenti tal-ħamrija u akkwatiċi għaliex waqt l-evalwazzjoni ġew identifikati riskji li mhumiex aċċettabbli f'dawn il-kumpartimenti u l-prodotti intenzjonati għall-użu industrijali u/jew professjonali għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv xieraq jekk ir-riskju identifkat għall-utenti industrijali u/jew professjonali ma jistax jitnaqqas b'xi mod ieħor.

(8) Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu applikati b'mod simultanju fl-Istati Membri kollha sabiex jiżguraw trattament ugwali tal-prodotti bijoċidali fis-suq li fihom is-sustanza attiva thiamethoxam u wkoll biex jiffaċilitaw l-operat kif suppost tas-suq ġenerali tal-prodotti bijoċidali.

(9) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex jippermetti lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati jippreparaw ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda involuti u jiżgura li l-applikanti li ppreparaw id-dokumentazzjoni jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-perjodu ta' għaxar snin ta' protezzjoni tad-dejta, li skond l-Artikolu 12(1)(c)(ii) tad-Direttiva 98/8/KE jibda mid-data ta' l-inklużjoni.

---

([1]) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2008/31/KE (ĠU L 81, 20.3.2008, p. 57).

([2]) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.

(10) Wara l-inklużjoni, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu raġonevoli biex jimplimentaw l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 98/8/KE u b'mod partikolari biex jagħtu, jimmodifikaw jew jikkanċellaw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidali fi prodotti tat-tip 8 li fihom it-thiamethoxam biex jiżguraw li dawn jikkonformaw mad-Direttiva 98/8/KE.

(11) Id-Direttiva 98/8/KE għalhekk għandha tiġi emendata skond dan.

(12) Il-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Direttiva 98/8/KE huwa emendat skond l-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2009. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju 2010.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-entrata li ġejja “Nru 14” tiddaħħal fl-Anness I għad-Direttiva 98/8/KE:

| Nru | Isem Komuni | Isem IUPAC<br>Numri ta’ Identifikazzjoni | Purezza minima tas-sustanza attiva fil-prodott bijoċidali kif imqiegħed fis-suq | Data ta’ l-inklużjoni | Skadenza sa meta għandha tiġi ddeterminata l-konformità ma’ l-Artikolu 16(3) (ħlief għall-prodotti li fihom iktar minn sustanza attiva waħda li għalihom l-iskadenza sa meta għandhom jikkonformaw ma’ l-Artikolu 16(3) għandha tkun dik stipulata fl-aħħar deċiżjoni minn dawk dwar l-inklużjoni marbuta mas-sustanzi attivi tagħhom) | Data ta’ skadenza ta’ l-inklużjoni | Tip ta’ prodott | Dispożizzjonijiet speċifiċi (*) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| “14 | thiamethoxam | thiamethoxam<br>Nru tal-KE: 428-650-4<br>Nru tal-CAS: 153719-23-4 | 980 g/kg | l-1 ta’ Lulju 2010 | it-30 ta’ Ġunju 2012 | it-30 ta’ Ġunju 2020 | 8 | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>Meta jitqiesu s-suppożizzjonijiet li saru waqt il-valutazzjoni tar-riskju, il-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali u/jew professjonali jeħtieġ li jintużaw bit-tagħmir persunali protettiv xieraq, sakemm ma jistax jintwera fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-prodott li r-riskji għall-utenti industrijali u/jew professjonali jistgħu jitnaqqsu għal livell aċċettabbli b’mezzi oħra.<br>Meta jitqiesu r-riskji identifikati għall-kompartimenti tal-ħamrija u akkwatiċi, jeħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa għat-taffija tar-riskji sabiex jipproteġu dawk il-kompartimenti. B’mod partikolari, it-tikketi u/jew il-fuljetti tad-dejta tas-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen wara t-trattament taħt għata jew fuq bażi iebsa impermeabbli biex ma jitħalliex li jkun hemm rilaxxi diretti fil-ħamrija jew fl-ilma, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar għall-użu mill-ġdid jew għar-rimi.<br>Il-prodotti ma għandhomx jiġu awtorizzati għat-trattament fil-post ta’ njam fl-apert jew għall-injam espost għall-elementi, sakemm ma tkunx tressqet dejta biex turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti ta’ l-Artikolu 5 u ta’ l-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta’ miżuri xierqa tat-taffija tar-riskju.” |

(*) Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji komuni ta’ l-Anness VI, il-kontenut u l-konklużjonijiet tar-rapporti ta’ valutazzjoni huma disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/comm/environment/biocides/index.htm

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/78/KE

## tal-25 ta' Lulju 2008

## li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-propiconazole bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/8/KE tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidi [bijoċidali] ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 ta' l-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' għaxar snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali ([2]) jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu evalwati bil-għan li possibbilment ikunu inklużi fl-Annessi I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE. Din il-lista tinkludi l-propiconazole.

(2) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1451/2007, il-propiconazole ġie evalwat skond l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 98/8/KE għall-użu fi prodotti tat-tip 8, preservattivi ta' l-injam, kif definit fl-Anness V għad-Direttiva 98/8/KE.

(3) Il-Finlandja nħatret bħala l-Istat Membru Referent u ressqet ir-rapport ta' l-awtorità kompetenti, flimkien ma' rakkomandazzjoni, lill-Kummissjoni fil-5 ta' April 2006 skond l-Artikolu 14(4) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007.

(4) Ir-rapport ta' l-awtorità kompetenti ġie analizzat mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. Skond l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, is-sejbiet mill-analiżi ġew inkorporati f'rapport ta' evalwazzjoni, fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali, fid-29 ta' Novembru 2007.

(5) L-analiżi tal-propiconazole ma kixfet l-ebda kwistjoni jew tħassib mhux solvut li għandhom jiġu ttrattati mill-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u l-Ambjent.

(6) Mill-eżamijiet li saru, jidher li l-prodotti bijoċidali żati bħala preservattivi ta' l-injam u li fihom il-propiconazole jistgħu jiġu preżunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/8/KE. Għalhekk huwa xieraq li l-propiconazole jiġi inkluż fl-Anness I għal prodotti tat-tip 8, sabiex ikun żgurat li fl-Istati Membri kollha l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti bijoċidali żati bħala preservattivi ta' l-injam u li fihom il-propiconazole jistgħu jingħataw, jiġu mmodifikati jew ikkanċellati skond l-Artikolu 16(3) tad-Direttivi 98/8/KE. Madankollu, ġew identifikati riskji mhux aċċettabbli għat-trattament fil-post ta' njam fl-apert, u għall-injam ittrattat espost għall-elementi. L-Awtorizzazzjonijiet ta' dawn l-użi sejrin jirrikjedu s-sottomissjoni ta' dejta li turi li l-prodotti jistgħu jintużaw mingħajr riskji mhux aċċettabbli għall-ambjent.

(7) Fid-dawl tas-sejbiet tar-rapport ta' evalwazzjoni, huwa f'loku ssir l-esiġenza li l-prodotti li jkun fihom il-propiconazole u li jintużaw bħala preservattivi ta' l-injam jeħtiġilhom jintużaw b'tagħmir adegwat għall-protezzjoni persunali, li jittieħdu iżuri għat-taffija tar-riskju għall-ħarsien tal-kompartimenti tal-ħamrija u akkwatiċi, u li jingħataw struzzjonijiet relatati, skond l-Artikolu 10(2)(i)(d) tad-Direttiva 98/8/KE.

(8) Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu applikati b'mod simultanju fl-Istati Membri kollha sabiex jiżguraw trattament ugwali tal-prodotti bijoċidali fis-suq li fihom is-sustanza attiva propiconazole u wkoll biex jiffaċilitaw l-operat kif suppost tas-suq tal-prodotti bijoċidali in ġenerali.

(9) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex jippermetti lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati jippreparaw ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda involuti u jiżgura li l-applikanti li ppreparaw id-dokumentazzjoni jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-perjodu ta' għaxar snin ta' protezzjoni tad-data, li skond l-Artikolu 12(1)(c)(ii) tad-Direttiva 98/8/KE jibda mid-data ta' l-inklużjoni.

(10) Wara l-inklużjoni, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu raġonevoli biex jimplimentaw l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 98/8/KE u b'mod partikolari biex jagħtu, jimmodifikaw jew jikkanċellaw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidali fi prodotti tat-tip 8 li fihom il-propiconazole biex jiżguraw li dawn jikkonformaw mad-Direttiva 98/8/KE.

([1]) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2008/31/KE (ĠU L 81, 20.3.2008, p. 57).
([2]) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.

(11) Id-Direttiva 98/8/KE għalhekk għandha tiġi emendata kif jixraq.

(12) Il-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2009, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' April 2010.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-entrata li ġejja “Nru 8” għandha tiddaħħal fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE:

| Nru | Isem Komuni | Isem IUPAC<br>Numri ta’ identifikazzjoni | Purezza minima tas-sustanza attiva fil-prodott bijoċidali kif jitqiegħed fis-suq | Data ta’ l-inklużjoni | Skadenza sa meta għandha tiġi ddeterminata l-konformità ma’ l-Artikolu 16(3) (ħlief għall-prodotti li fihom iktar minn sustanza attiva waħda li għalihom l-iskadenza sa meta għandhom jikkonformaw ma’ l-Artikolu 16(3) għandha tkun dik stipulata fl-aħħar deċiżjoni minn dawk dwar l-inklużjoni marbuta mas-sustanzi attivi tagħhom) | Skadenza ta’ l-inklużjoni | Tip ta’ prodott | Dispożizzjonijiet speċifiċi (*) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| “8 | propiconazole | 1-[[2-(2,4-dichlorophenyl)-4-propyl-1,3-dioxolan-2-yl]methyl]-1H-1,2,4-triazole<br>Nru tal-KE: 262-104-4<br>Nru tal-CAS: 60207-90-1 | 930 g/kg | l-1 ta’ April 2010 | il-31 ta’ Marzu 2012 | il-31 ta’ Marzu 2020 | 8 | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>Fid-dawl tal-preżunzjonijiet waqt l-evalwazzjoni tar-riskju, il-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali u/jew professjonali jeħtiġilhom jintużaw bit-tagħmir persunali protettiv adegwat, sakemm ma jistax jintwera fl-applikazzjoni li r-riskji għall-utenti industrijali u/jew professjonali jistgħu jitrażżnu għal livell aċċettabbli b’mezzi oħra.<br>Fid-dawl tar-riskju identifikat għall-kompartimenti tal-ħamrija u akkwatiċi, miżuri xierqa għat-taffija tar-riskju għandhom jittieħdu sabiex jipproteġu dawk il-kompartimenti. B’mod partikolari, it-tikketti u/jew il-fuljetti tad-dejta tas-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għall-użu industrijali għandhom jindikaw l-injam li jkun.<br>Barra minn hekk, il-prodotti ma jistgħux jiġu awtorizzati għat-trattament fil-post ta’ njam fl-apert jew għall-injam ittrattat espost għall-elementi, sakemm ma titressaqx dejta biex turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-Anness VI, jekk meħtieġ bl-applikazzjoni ta’ miżuri adegwati tat-taffija tar-riskju.” |

(*) Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji komuni ta’ l-Anness VI, il-kontenut u l-konklużjonijiet tar-rapporti ta’ valutazzjoni huma disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/comm/environment/biocides/index.htm

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-15 ta’ Lulju 2008**

**dwar il-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi ta’ l-Istati Membri**

(2008/618/KE)

IL-KUNSILL ta’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat dwar l-Impjiegi [3],

Billi:

(1) Ir-riforma ta’ l-Istrateġija ta’ Liżbona fl-2005 enfasizzat l-iżvilupp u l-impjiegi. Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi ta’ l-Istrateġija Ewropea ta’ l-Impjiegi [4] u l-Linji Gwida Wiesgħa dwar il-Politika Ekonomika [5] kienu adottati bħala pakkett integrat, fejn l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi għandha r-rwol prinċipali fl-implimentazzjoni ta’ l-objettivi tas-suq ta’ l-impjiegi u x-xogħol ta’ l-Istrateġija ta’ Liżbona.

(2) L-eżami tal-Programmi Nazzjonali ta’ Riforma ta’ l-Istati Membri fir-Rapport Annwali ta’ Progress tal-Kummissjoni u fl-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi turi li l-Istati Membri għandhom ikomplu jagħmlu kull sforz biex jindirizzaw l-oqsma ta’ prijorità li huma:

— l-attirar u ż-żamma ta’ aktar nies f’impjiegi, żieda fl-għadd ta’ ħaddiema u l-immodernizzar tas-sistemi ta’ ħarsien soċjali,

— it-titjib ta’ l-adattabilità tal-ħaddiema u ta’ l-intrapriżi, u

— iż-żieda fl-investiment fil-kapital uman permezz ta’ titjib fl-edukazzjoni u l-ħiliet.

(3) Fid-dawl kemm ta’ l-eżami mill-Kummissjoni tal-Programmi Nazzjonali ta’ Riforma kif ukoll tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, il-punt ta’ konċentrazzjoni għandu jkun fuq implimentazzjoni effettiva u f’waqtha f’konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, u b’hekk tissaħħaħ ukoll id-dimensjoni soċjali ta’ l-Istrateġija ta’ Liżbona. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-miri u l-punti ta’ referenza miftiehma.

(4) Il-Linji ta’ Gwida għax-Xogħol huma validi għal tliet snin, filwaqt li fis-snin intermedji, sa l-2010, l-aġġornament tagħhom għandu jkun limitat b’mod strett.

[1] Opinjoni tat-13 ta’ Frar 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] Opinjoni ta’ l-20 ta’ Mejju 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[3] Opinjoni tat-13 ta’ Frar 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[4] ĠU L 205, 6.8.2005 p. 21.
[5] ĠU L 205, 6.8.2005 p. 28.

(5) L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-Linji Gwida ta' l-Impjiegi meta jkunu qed jimplimentaw finanzjament mill-Komunità pprogrammat, b'mod partikolari tal-Fond Soċjali Ewropew.

(6) Minħabba n-natura integrata tal-pakkett tal-linji gwida, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw b'mod sħiħ il-Linji Gwida Ġenerali tal-Politika Ekonomika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-linji gwida għal-linji politiċi ta' l-Istati Membri dwar l-impjiegi, kif stabbiliti fl-Anness, huma b'dan adottati.

*Artikolu 2*

Il-linji gwida għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni fil-linji politiċi dwar l-impjiegi ta' l-Istati Membri, li għandu jkun hemm rapport dwarhom fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 15 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BARNIER

*ANNESS*

**Linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi ta’ l-Istati Membri**

**(Linji gwida integrati Nri 17 sa 24)**

Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi jiffurmaw parti mil-Linji Gwida Integrati għall-2008-2010, li huma bbażati fuq tliet pilastri: linji politiċi, makroekonomiċi, riformi mikroekonomiċi u linji politiċi dwar l-impjiegi. Dawk il-pilastri, flimkien jikkontribwixxu biex jinkisbu l-objettivi ta’ tkabbir u impjiegi sostenibbli u biex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali.

L-Istati Membri, b’kooperazzjoni ma’ l-imsieħba soċjali u fejn xieraq partijiet interessati oħra, għandhom iwettqu l-linji politiċi tagħhom bil-għan li jimplimentaw l-objettivi u l-prijoritajiet għall-azzjoni li huma speċifikati aktar ‘l isfel sabiex iktar impjiegi u impjiegi aħjar u ħaddiema b’edukazzjoni aħjar u ħiliet tajba jappoġġjaw suq tax-xogħol inklussiv. Waqt li jirriflettu l-istrateġija ta’ Liżbona u jqisu l-objettivi soċjali komuni, b’mod ibbilanċjat il-linji politiċi ta’ l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu:

— Impjiegi għal kulħadd: Il-kisba ta’ impjiegi għal kulħadd, u t-tnaqqis tal-qgħad u l-inattività, billi tiġi miżjuda d-domanda għal u l-provvista ta’ xogħol, huwa vitali għas-sosteniment tat-tkabbir ekonomiku u t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali. Approċċ integrat ta’ flessigurtà huwa essenzjali biex jinkisbu dawn l-għanijiet. Il-linji politiċi ta’ flessigurtà jindirizzaw b’mod simultanju il-flessibbiltà tas-swieq tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol u r-relazzjonijiet mad-dinja tax-xogħol, ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja privata, u s-sigurtà ta’ l-impjiegi u l-ħarsien soċjali;

— Titjib fil-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol: L-isforzi biex jiżdiedu r-rati ta’ l-impjieg jimxu id f’id mat-titjib ta’ l-attrazzjoni ta’ l-impjiegi, tal-kwalità fuq ix-xogħol, tat-tkabbir tal-produttività tax-xogħol; it-tnaqqis sostanzjali tas-segmentazzjoni, l-inugwaljanza tas-sessi u l-proporzjon tal-ħaddiema foqra. Is-sinerġiji bejn il-kwalità tax-xogħol, il-produttività u l-impjieg għandhom ikunu sfruttati b’mod sħiħ;

— It-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: Tinħtieġ azzjoni determinata biex l-inklużjoni soċjali tiġi msaħħa u rrinforzata, ikun miġġieled il-faqar – b’mod speċjali il-faqar fost it-tfal – tkun ipprevenuta l-esklużjoni mis-suq tax-xogħol, tkun appoġġjata l-integrazzjoni fl-impjiegi ta’ persuni bi żvantaġġ, u jitnaqqsu d-differenzi reġjonali f’termini ta’ impjiegi, qgħad u produttività tax-xogħol, speċjalment f’reġjuni li waqgħu lura. Hija meħtieġa interazzjoni msaħħa mal-Metodu Miftuħ ta’ Koordinazzjoni fil-Ħarsien Soċjali u fl-Inklużjoni Soċjali.

L-opportunitajiet indaqs u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni huma essenzjali għall-progress. L-integrazzjoni tas-sessi u l-promozzjoni ta’ l-ugwaljanza tas-sessi għandhom ikunu żgurati fl-azzjoni kollha meħuda. Għandha tingħata wkoll attenzjoni partikolari sabiex jitnaqqsu b’mod sinifikanti d-distakki kollha relatati mas-sess fis-suq tax-xogħol f’konformità mal-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Bħala parti minn approċċ interġenerazzjonali ġdid, għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni taż-żgħażagħ, bl-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ, u lill-promozzjoni ta’ aċċess għall-impjiegi tul il-ħajja kollha tax-xogħol, inkluż għal ħaddiema akbar fl-età. Trid tingħata attenzjoni partikolari wkoll biex jitnaqqsu b’mod sinifikanti d-distakki fl-impjiegi għall-persuni żvantaġġjati, inklużi l-persuni b’diżabbiltà, kif ukoll bħal bejn iċ-ċittadini ta’ terzi pajjiżi u ċ-ċittadini ta’ l-UE, f’konformità ma’ kwalunkwe mira nazzjonali. Dan se jgħin lill-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfida demografika.

L-Istati Membri għandhom jimmiraw lejn l-inklużjoni attiva ta’ kulħadd, permezz tal-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ta’ dawk li jaħdmu u jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni ta’ gruppi marġinalizzati.

Meta jkunu qed jieħdu azzjoni, l-Istati Membri jridu jaraw li jkun hemm tmexxija tajba tal-linji ta’ politika soċjali u dawk dwar l-impjieg, u jaraw li l-iżviluppi pożittivi fl-oqsma ta’ l-ekonomija, tax-xogħol u ta’ l-affarijiet soċjali jkunu jsaħħu lil xulxin. Għandhom jistabbilixxu sħubija wiesgħa għall-bidla billi jinvolvu b’mod sħiħ lill-entitatjiet parlamentari u lill-partijiet interessati, inklużi dawk fuq livelli reġjonali u lokali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-imsieħba soċjali Ewropej u nazzjonali għandhom jilagħbu rwol ċentrali. Il-miri u l-punti ta’ referenza li ġew iffissati fuq il-livell ta’ l-UE fil-qafas ta’ l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi fil-kuntest tal-linji gwida ta’ l-2003 għandhom ikomplu jiġu segwiti b’indikaturi u b’tabelli ta’ valutazzjoni. L-Istati Membri huma wkoll mħeġġa jiddefinixxu l-impenji u l-miri tagħhom stess, li għandu jittieħed kont tagħhom, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż miftiehma fuq livell ta’ l-UE. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jimmonitorjaw l-impatt speċjali tar-riformi.

Governanza tajba teħtieġ anki effiċjenza ikbar fl-allokazzjoni tar-riżorsi amministrattivi u finanzjarji. Fi ftehim mal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jimmiraw lejn ir-riżorsi tal-Fondi Strutturali, b’mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, fuq l-implimentazzjoni ta’ l-Istrateġija Ewropea tax-Xogħol u jirrapportaw dwar l-azzjoni li tittieħed. Għandha tingħata attenzjoni partikulari lit-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u amministrattivi fl-Istati Membri.

**Linja Gwida 17**. Biex tkun implimentata politika dwar l-impjiegi li tkun immirata lejn il-kisba ta’ impjieg għal kulħadd, li ttejjeb il-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol, u li ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali u territorjali.

Il-politika għandha tikkontribwixxi biex fl-Unjoni Ewropea (UE) tintlaħaq rata medja ta' impjieg ta' 70 % b'mod ġenerali, ta' mill-inqas 60 % għan-nisa u ta' 50 % għal ħaddiema akbar fl-età (minn 55 sa 64 sena) sa l-2010, u biex jitnaqqsu l-qgħad u l-inattività. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-istabbiliment ta' miri ta' rata ta' impjieg nazzjonali.

Meta jiġu indirizzati dawn l-għanijiet, l-azzjoni għandha tkun ikkonċentrata fuq il-prijoritajiet li ġejjin:

— tiġbed u żżomm iktar persuni f'impjiegi, iżżid il-provvista tax-xogħol u timmodernizza s-sistemi ta' ħarsien soċjali,

— ittejjeb l-adattabilità tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi,

— iżżid l-investiment fil-kapital uman permezz ta' edukazzjoni u ta' ħiliet aħjar.

1. *Li aktar persuni jkunu attratti u miżmuma f'impjieg, li l-provvista tax-xogħol tiżdied u li jkunu modernizzati s-sistemi tal-protezzjoni soċjali*

   Iż-żieda tal-livelli ta' l-impjiegi hija l-aktar mezz effettiv biex ikun iġġenerat tkabbir ekonomiku u biex ikunu promossi ekonomiji soċjalment inklussivi, waqt li tkun żgurata xibka ta' sikurezza għal dawk li ma jkunux jistgħu jaħdmu. Il-promozzjoni tal-provvista tax-xogħol, ta' approċċ tul ċiklu ta' ħajja għax-xogħol u l-modernizzar tas-sistemi ta' ħarsien soċjali biex tkun żgurata l-adegwatezza, is-sostenibbiltà finanzjarja u l-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu għall-ħtiġiet li qed jinbidlu fis-soċjetà huma dejjem aktar meħtieġa minħabba fin-nuqqas mistenni fil-popolazzjoni ta' dawk ta' l-età tax-xogħol. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-tnaqqis sostanzjali tad-diskrepanzi persistenti fl-impjieg bejn in-nisa u l-irġiel, u d-diskrepanzi fil-pagi bejn is-sessi. Huwa importanti wkoll li jkun hemm żieda ulterjuri tar-rati ta' l-impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età u ta' żgħażagħ, bħala parti minn approċċ interġenerazzjonali ġdid, u li tkun promossa l-inklużjoni attiva ta' dawk l-iktar esklużi mis-suq tax-xogħol. Hemm ħtieġa wkoll ta' azzjoni intensifikata sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, speċjalment għal dawk b'kompetenzi baxxi, u sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-qgħad fost iż-żgħażagħ, li bejn wieħed u ieħor huwa d-doppju tar-rata ġenerali tal-qgħad.

   Għandhom jiġu stabbiliti kondizzjonijiet tajbin biex b'hekk jitħaffef il-progress fix-xogħol, kemm jekk dan ikun l-ewwel opportunità, jew jekk ikun hemm mixja lura lejn id-dinja tax-xogħol wara waqfa jew jekk ikun hemm ix-xewqa li titwal il-ħajja tal-ħaddiema fid-dinja tax-xogħol. Il-kwalità ta' l-impjiegi, inklużi l-pagi u l-benefiċċji, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, is-sigurtà ta' l-impjiegi, l-aċċess għal tagħlim matul il-ħajja u l-prospetti ta' karriera, huma kruċjali, hekk kif huma wkoll is-sostenn u l-inċentivi li jiġu minn sistemi ta' protezzjoni soċjali. Sabiex jiġi inkoraġġit approċċ lejn ix-xogħol ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja, u sabiex tisseddaq ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja, huma meħtieġa linji ta' politika li jirrigwardaw il-provvediment ta'kura għat-tfal. Punt ta' referenza utli fil-livell nazzjonali huwa li jiġi żgurat li jkunu koperti mill-anqas 90 % tat-tfal ta' bejn it-tliet snin u l-età ta' l-iskola obbligatorja, u mill-anqas 33 % tat-tfal ta' taħt it-tliet snin sa l-2010 iżda hemm il-ħtieġa wkoll ta' sforzi speċifiċi biex jiġu ttrattati differenzi reġjonali fil-pajjiżi. Iż-żieda fir-rata medja ta' impjiegi tal-ġenituri, speċjalment ġenituri waħedhom, li s-soltu huma esposti għal riskju ta' faqar ogħla, teħtieġ miżuri biex jingħata appoġġ lil familji. B'mod partikolari, l-Istati Membri jridu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġijiet speċjali ta' ġenituri waħedhom u dawk ta' familji li għandhom ħafna tfal. Barra minn hekk, sa l-2010, l-età medja effettiva ta' ħruġ mis-suq tax-xogħol, fil-livell ta' l-UE għandha tiżdied b'ħames snin meta mqabbla ma' l-2001.

   L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri wkoll għal status tas-saħħa (professjonali) mtejjeb bil-għan li jonqos il-piż tal-mard, li tiżdied il-produttività tax-xogħol u titwal il-ħajja tax-xogħol. L-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ, il-Patt għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi; u l-Alleanza Ewropea għall-Familji għandha wkoll tkun ta' kontribut għal approċċ għax-xogħol ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja, b'mod partikolari billi tithaffef it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol. Iż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet għandhom jingħataw opportunitajiet ugwali għall-integrazzjoni soċjali u professjonali permezz ta' miżuri mfasslin individwalment.

**Linja Gwida 18**. Il-promozzjoni ta' approċċ għax-xogħol tul ċiklu ta' ħajja permezz ta':

— sforz imġedded biex jinbnew mogħdijiet ta' impjiegi għaż-żgħażagħ u biex jitnaqqas il-qgħad fosthom, kif inhu meħtieġ fil-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ,

— azzjoni risoluta biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa u jitnaqqsu d-distakki bejn is-sessi fl-impjiegi, fil-qgħad u fil-pagi,

— rikonċiljazzjoni aħjar tal-ħajja tax-xogħol u tal-ħajja privata u l-provvista ta' faċilitajiet għall-kura tat-tfal aċċessibbli u għall-bwiet ta' kulħadd u kura għal persuni dipendenti oħrajn,

— appoġġ għal tixjiħ attiv, inklużi kondizzjonijiet adattati tax-xogħol, stat ta' saħħa (okkupazzjonali) imtejjeb u inċentivi adegwati għax-xogħol u skoraġġiment ta' rtirar bikri,

— sistemi moderni ta' ħarsien soċjali, inklużi l-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa, li jiżguraw l-adegwatezza soċjali, is-sostenibbiltà finanzjarja u r-rispons tagħhom għal ħtiġiet li qed jinbidlu, bil-għan li jkunu appoġġjati l-parteċipazzjoni u ż-żamma aħjar fl-impjieg u ħajjiet itwal tax-xogħol.

Ara wkoll il-linja ta' gwida integrata 'Biex tkun salvagwardjata s-sostenibbiltà ekonomika u finanzjarja bħala bażi għal żieda fl-impjiegi' (Nru 2).

Linji ta' politika ta' inklużjoni attiva jistgħu jżidu l-provvista tax-xogħol u jsaħħu l-kapaċità għal koeżjoni tas-soċjetà u huma mezz b'saħħtu biex tkun promossa l-integrazzjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol ta' l-iktar persuni żvantaġġjati.

Kull persuna qiegħda għandha tiġi offruta impjieg, apprendistat, taħriġ addizzjonali jew miżura oħra ta' impjegabilità; fil-każ ta' żgħażagħ li telqu mill-iskola mhux iktar minn erba' xhur qabel sa' l-2010 u fil-każ ta' adulti mhux iktar minn tnax-il xahar qabel. Għandhom jitwettqu linji ta' politika bil-għan li joffru miżuri tas-suq tax-xogħol attivi lil dawk li jkunu ilhom qiegħda, fil-waqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-livell ta' rata ta' parteċipazzjoni ta' 25 % fl-2010. Id-dħul mill-ġdid fil-ħajja tax-xogħol trid tkun fil-forma ta' taħriġ, taħriġ mill-ġdid, taħriġ fuq ix-xogħol, offerta ta' mpjieg jew xi miżura oħra favur l-impjieg, u fejn ikun xieraq anki fl-għot ta' għajnuna kontinwa fit-tiftix ta' impjieg. Li jkun iffaċilitat l-aċċess għall-impjiegi ta' dawk li qed ifittxu impjieg, li jkun ipprevenut il-qgħad u li jkun żgurat li dawk li jiġu qiegħda jibqgħu marbuta mill-qrib mas-suq tax-xogħol u jibqgħu impjegabbli huma kollha essenzjali biex tiżdied il-parteċipazzjoni, u tkun miġġielda l-esklużjoni soċjali. Biex jintlaħqu dawn l-objettivi jeħtieġ li jitneħħew l-ostakli għas-suq tax-xogħol billi tingħata assistenza fit-tiftix effettiv għax-xogħol, u jiġi ffaċilitat l-aċċess għat-taħriġ u għal miżuri attivi oħra tas-suq tax-xogħol. Huwa ugwalment importanti li jiġi żgurat aċċess għall-bwiet ta' kulħadd għal servizzi soċjali bażiċi, livelli adegwati ta' riżorsi minimi għal kulħadd, flimkien mal-prinċipju ta' rimunerazzjoni ġusta. Dan l-approċċ għandu, fl-istess żmien, jiżgura li x-xogħol ikun irendi għall-ħaddiema kollha, kif ukoll ineħħi n-nases tal-qgħad, tal-faqar u ta' l-inattività.

Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex tkun promossa l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni żvantaġġjati, inklużi ħaddiema ta' ftit sengħa, inkluż permezz ta' l-espansjoni ta' servizzi soċjali u ta' l-ekonomija soċjali, kif ukoll bl-iżvilupp ta' sorsi ġodda ta' impjiegi b'reazzjoni għall-ħtiġiet kollettivi. Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-promozzjoni ta' l-aċċess għall-impjiegi għal persuni b'diżabilità u l-integrazzjoni ta' l-immigranti u tal-minoranzi huma partikolarment essenzjali.

**Linja Gwida 19**. L-iżgurar ta' swieq tax-xogħol inklużivi, iż-żieda ta' l-attrattività tax-xogħol, u li x-xogħol jirrendi ħlas xieraq għal dawk li jkunu qed ifittxu impjiegi, inklużi l-persuni żvantaġġati, u l-inattivi, permezz ta':

— miżuri attivi u preventivi tas-suq tax-xogħol li jinkludu l-identifikazzjoni bikrija tal-ħtiġiet, l-assistenza għat-tiftix ta' impjieg, il-gwida u t-taħriġ bħala parti minn pjanijiet ta' azzjoni personalizzati, il-provvista ta' servizzi soċjali meħtieġa biex jappoġġjaw l-inklużjoni tal-persuni l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol u li jikkontribwixxu biex jinqered il-faqar,

— ir-reviżjoni kontinwa ta' l-inċentivi u tad-diżinċentivi li jirriżultaw mis-sistemi fiskali u tal-benefiċċji, inklużi l-ġestjoni u l-kondizzjonalità tal-benefiċċji u tnaqqis sinifikanti ta' rati tat-taxxa effettivi għoljin u marġinali, notevolment għal dawk bi dħul baxx, waqt jkunu żgurati livelli adegwati ta' ħarsien soċjali,

— l-iżvilupp ta' sorsi ġodda ta' impjiegi fis-servizzi għal individwi u negozji, notevolment fuq livell lokali.

Biex aktar nies ikunu jistgħu jfittxu impjieg aħjar, huwa meħtieġ ukoll li tissaħħaħ l-infrastruttura tas-suq tax-xogħol fuq livell nazzjonali u ta' l-UE, inkluż permezz tan-netwerk EURES, biex ikun antiċipat aħjar u jissewwa kwalunkwe tlaqqigħ ħażin possibbli. Transizzjonijiet aħjar bejn impjiegi u għal impjieg huma essenzjali u għandhom jiġu promossi linji politiċi li jsaħħu l-mobbiltà u t-tqabbil fuq is-suq tax-xogħol. Dawk li jfittxu x-xogħol fl-UE kollha għandhom ikunu jistgħu jikkonsultaw il-postijiet tax-xogħol battala kollha rreklamati permezz tas-servizzi ta' l-impjieg ta' l-Istati Membri. Il-mobilità tal-ħaddiema fl-UE għandha tkun żgurata bis-sħiħ fil-kuntest tat-Trattati. Fis-swieq tax-xogħol nazzjonali, għandha tingħata konsiderazzjoni sħiħa lil-provvista addizzjonali tax-xogħol minħabba l-immigrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

**Linja Gwida 20**. It-titjib tat-tlaqqigħ tal-ħtiġiet tas-suq tax-xogħol permezz ta':

— il-modernizzazzjoni u t-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet tas-swieq tax-xogħol, notevolment is-servizzi ta' l-impjiegi, anki bil-għan li tkun żgurata iktar trasparenza ta' l-opportunitajiet għal impjiegi u għal taħriġ fuq il-livell nazzjonali u Ewropew,

— it-tneħħija ta' ostakoli għall-mobilità tal-ħaddiema min-naħa għall-oħra ta' l-Ewropa fil-qafas tat-Trattati,

— antiċipazzjoni aħjar tal-ħtiġiet fil-ħiliet, tan-nuqqasijiet u tal-problemi tas-suq tax-xogħol,

— ġestjoni xierqa tal-migrazzjoni ekonomika.

2. *It-titjib ta' l-adattabbiltà tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi*

L-Ewropa jeħtieġ li ttejjeb il-kapaċità tagħha biex tantiċipa, tikkawża u tassorbixxi l-bidla ekonomika u soċjali. Dan jeħtieġ spejjeż tax-xogħol li jiffavorixxu l-impjieg, forom moderni ta' organizzazzjoni tax-xogħol, il-promozzjoni ta' "xogħol tajjeb" u swieq tax-xogħol li jaħdmu sew u li jippermettu aktar flessibilità flimkien mas-sigurtà ta' l-impjieg biex jiġu sodisfatti l-ħtiġiet tal-kumpanniji u tal-ħaddiema. Dan għandu jikkontribwixxi wkoll biex tkun ipprevenuta l-emerġenza ta' swieq tax-xogħol segmentati u biex jitnaqqas ix-xogħol mhux iddikjarat (ara wkoll il-Linji Gwida 18, 19, 20 u 23).

Fid-dinja tal-lum li kulma jmur qed issir dejjem aktar ekonomija dinjija bi ftuħ fis-suq u bl-introduzzjoni kontinwa ta' teknoloġiji ġodda, kemm l-intrapriżi kif ukoll il-ħaddiema huma ffaċjati bil-ħtieġa, u bl-opportunità, li jadattaw. Waqt li dan il-proċess ta' bidliet strutturali ġeneralment huwa wieħed ta' ġid għat-tkabbir u għall-impjieg, iġib ukoll trasformazzjonijiet li jfixklu lil uħud mill-ħaddiema u mill-intrapriżi. Biex jibqgħu kompetittivi, l-intrapriżi jridu jsiru aktar flessibbli biex jirreaġixxu għal bidliet f'daqqa fid-domanda, jadattaw irwieħhom għal teknoloġiji ġodda u jġeddu kostantement lilhom infushom.

Huma għandhom jirreaġixxu wkoll għad-domanda dejjem akbar għall-kwalità ta' l-impjieg li hija relatata mal-preferenzi personali tal-ħaddiema u mal-bidliet fil-familja, u dawn ser ikollhom ilaħħqu ma' forza tax-xogħol li qed tixjieħ u ma' numru iżgħar ta' rekluti żgħażagħ. Għall-ħaddiema, il-ħajja tax-xogħol qed issir aktar kumplessa hekk kif il-mudelli tax-xogħol qed isiru aktar differenti u irregolari, u matul iċ-ċiklu tal-ħajja jeħtieġ li jiġi ġestit b'suċċess numru dejjem akbar ta' transizzjonijiet. B'ekonomiji li qed jinbidlu b'rata mgħaġġla, il-ħaddiema jridu jkunu mgħammra b'opportunitajiet ta' tagħlim matul il-ħajja, sabiex ilaħħqu ma' modi ġodda ta' xogħol, inkluża l-esplojtazzjoni mtejba tat-Teknoloġiji ta' Informazzjoni u ta' Komunikazzjoni (ICT). Bidliet fl-istatus tax-xogħol b'riskji assoċjati li jkollhom jiffaċċjaw telf temporanju fid-dħul tagħhom għandhom jiġu akkomodati aħjar permezz tal-provvista ta' ħarsien soċjali adattat u modernizzat.

Sabiex dawn l-isfidi jintlaqgħu b'suċċess jinħtieġ approċċ integrat ta' flessigurtà. Il-flessigurtà tinvolvi l-kombinazzjoni deliberata ta' arranġamenti kuntrattwali flessibbli u affidabbli, strateġiji komprensivi ta' tagħlim tul il-ħajja, linji politiċi effettivi u attivi dwar is-suq tax-xogħol, u sistemi ta' protezzjoni soċjali, moderni, adegwati u sostenibbli.

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-mogħdijiet ta' flessigurtà tagħhom stess, ibbażati fuq il-prinċipji komuni adottati mill-Kunsill. Dawn il-prinċipji jservu bħala bażi utli għar-riformi, li jinkwadraw għażliet ta' politika nazzjonali u arranġamenti speċifiċi nazzjonali fil-qasam tal-flessigurtà. M'hemmx mogħdija unika, u m'hemm l-ebda prinċipju uniku li huwa aktar importanti minn ieħor.

**Linja Gwida 21**. Li tiġi promossa l-flessibbiltà flimkien mas-sigurtà ta' impjiegi u li titnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, b'kont dovut meħud tar-rwol tas-sħab soċjali, permezz ta':

— l-adattament tal-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi, billi fejn ikun meħtieġ jiġu riveduti l-arranġamenti kuntrattwali u tal-ħinijiet tax-xogħol differenti,

— l-indirizzar tal-kwistjoni tax-xogħol mhux iddikjarat,

— antiċipazzjoni aħjar u ġestjoni pożittiva tal-bidla, li tinkludi r-ristrutturar ekonomiku, notevolment il-bidliet marbuta ma' ftuħ fil-kummerċ, biex jiġu minimizzati l-ispejjeż soċjali tagħhom u jiġi ffaċilitat l-adattament,

— il-promozzjoni u t-tixrid ta' forom innovattivi u adattabbli ta' organizzazzjoni tax-xogħol, bil-għan li jitjiebu l-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol, inklużi s-saħħa u s-sikurezza,

— appoġġ għat-transizzjonijiet fl-istatus okkupazzjonali, inklużi t-taħriġ, l-impjiegi indipendenti, il-ħolqien tan-negozju u l-mobbiltà ġeografika.

Ara wkoll il-linja ta' gwida integrata "Biex tkun promossa koerenza ikbar bejn il-linji ta' politika makroekonomiċi, strutturali u dawk dwar l-impjiegi" (Nru 5).

Biex il-ħolqien ta' l-impjiegi jilħaq l-ogħla livell tiegħu, biex tinżamm il-kompetittività u biex ikun appoġġjat il-qafas ekonomiku ġenerali, l-iżviluppi ġenerali tal-paga għandhom ikunu skond it-tkabbir fil-produttività fiċ-ċiklu ekonomiku u għandhom jirriflettu s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol. Id-distakk fil-pagi bejn is-sessi għandu jitnaqqas sostanzjalment. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu spjegati u indirizzati r-raġunijiet għal-livell baxx ta' pagi fi professjonijiet u f'setturi li għandhom it-tendenza li jkunu ddominati min-nisa. Jista' wkoll ikun hemm il-ħtieġa għal sforzi biex jitnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol mhux marbuta mal-pagi u biex ikunu analizzati d-diviżjonijiet fit-taxxa sabiex ikun iffaċilitat il-ħolqien ta' l-impjiegi, speċjalment l-impjiegi b'paga baxxa.

**Linja Gwida 22**. Li jkunu żgurati żviluppi ta'l-ispiża tax-xogħol u mekkaniżmi ta' stipular tal-pagi billi:

— l-imsieħba soċjali fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom stess ikunu inkoraġġiti jiffissaw il-qafas it-tajjeb għan-negozjati tal-pagi sabiex ikunu riflessi l-isfidi għall-produttività u għas-suq tax-xogħol fil-livelli rilevanti kollha u biex jiġu evitati distakki fil-pagi bejn is-sessi,

— jiġi analizzat l-impatt fuq l-impjiegi ta' spejjeż tax-xogħol mhux marbuta mal-pagi u fejn ikun xieraq jiġu aġġustati l-istruttura u l-livell tagħhom, b'mod speċjali biex jitnaqqas il-piż fiskali fuq dawk li jitħallsu paga baxxa.

Ara wkoll il-linja ta' gwida integrata 'Biex ikun żgurat li l-iżviluppi fil-pagi jikkontribwixxu għal stabbiltà u tkabbir makroekonomiċi' (Nru 4).

3. *Li jiżdied l-investiment fil-kapital uman permezz ta’ edukazzjoni u ħiliet aħjar*

L-Ewropa jeħtieġ li tinvesti iżjed u b’mod iktar effettiv fil-kapital uman. Wisq nies mhux qed jirnexxilhom jidħlu, jagħmlu progress jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol minħabba nuqqas ta’ ħiliet, jew minħabba nuqqas ta’ tqabbil tal-ħiliet. Biex jissaħħaħ l-aċċess għax-xogħol għall-irġiel u n-nisa ta’ l-etajiet kollha, biex jogħlew il-livelli ta’ produttività, l-innovazzjoni u l-kwalità tax-xogħol, l-UE teħtieġ investiment ogħla u aktar effettiv fil-kapital uman u fit-tagħlim tul il-ħajja.

Ekonomiji msejsa fuq l-għarfien u fuq is-servizzi jeħtieġu ħiliet differenti mill-industriji tradizzjonali; ħiliet li jeħtieġ li jiġu kostantement aġġornati fil-konfront tal-bidla teknoloġika u ta’ l-innovazzjoni. Il-ħaddiema, jekk se jibqgħu u se jagħmlu progress fix-xogħol tagħhom u se jkunu mħejjija għal tranżizzjoni u għal swieq tax-xogħol li qed jinbidlu, jeħtieġ li jakkumulaw u jġeddu l-ħiliet b’mod regolari. Il-produttività ta’ l-intrapriżi tiddependi fuq il-bini u ż-żamma ta’ forza tax-xogħol li tista’ tadatta ruħha għall-bidla. Il-gvernijiet iridu jassiguraw li l-livelli edukattivi miksuba jitjiebu u li ż-żgħażagħ ikunu mgħammra bil-kompetenzi ewlenin meħtieġa, f’konformità mal-PattEwropew għaż-Żgħażagħ. Sabiex jitjiebu l-prospetti tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ, l-UE għandha timmira għal rata medja ta’ mhux aktar minn 10 % għal dawk li jħallu l-iskola kmieni; u li mill-inqas 85 % ta’ dawk li jkollhom 22 sena jkunu kkompletaw l-edukazzjoni sekondarja ogħla. Il-linji politiċi għandhom jimmiraw ukoll li jżidu l-livell medju ta’ l-UE ta’ parteċipazzjoni f’tagħlim ta’ tul il-ħajja għal ta’ l-inqas 12,5 % tal-popolazzjoni ta’ l-adulti li għandhom l-età biex jaħdmu (il-grupp ta’ dawk li għandhom bejn il-25 u l-64 sena). Il-partijiet interessati kollha għandhom ikunu mobilizzati biex jiżviluppaw u jkattru kultura reali ta’ tagħlim għal tul il-ħajja sa mill-iċken etajiet. Biex tinkiseb żieda sostanzjali fl-investiment pubbliku u privat fir-riżorsi umani per capita u jkunu garantiti l-kwalità u l-effiċjenza ta’ dawn l-investimenti, huwa importanti li jkun żgurat qsim ġust u trasparenti ta’ l-ispejjeż u r-responsabbiltajiet bejn l-atturi kollha. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu aħjar mill-Fondi Strutturali u mill-Bank Ewropew ta’ l-Investiment biex jinvestu fl-edukazzjoni u fit-taħriġ. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-istrateġiji koerenti u komprensivi ta’ tagħlim matul il-ħajja li dwarhom huma kienu kkommettew ruħhom.

**Linja Gwida 23**. Li jitwessa’ u jitjieb l-investiment fil-kapital uman permezz ta’:

— linji ta’ politika ta’ edukazzjoni u ta’ taħriġ inklussivi u ta’ azzjoni biex ikun iffaċilitat b’mod sinfikanti l-aċċess għall-edukazzjoni inizjali, vokazzjonali, sekondarja u għall-edukazzjoni ogħla, inklużi l-apprendistati u t-taħriġ intraprenditorjali,

— tnaqqis sinfikanti tan-numru ta’ studenti li jitilqu kmieni mill-iskola,

— strateġiji effiċjenti ta’ tagħlim tul il-ħajja miftuħa għal kulħadd fl-iskejjel, f’negozji, fl-awtoritajiet pubbliċi u fid-djar skond ftehim Ewropej, inkluż inċentivi u mekkaniżmi ta’ qsim ta’ l-ispejjeż adegwati, bil-ħsieb li tiġi msaħħa l-parteċipazzjoni f’taħriġ kontinwu u fuq il-post tax-xogħol matul iċ-ċiklu tal-ħajja, speċjalment għal dawk bi ftit ħiliet u ħaddiema akbar fl-età.

Ara wkoll il-linja ta’ gwida integrata “Biex jiżdied u jitjieb l-investiment fl-R&D (riċerka u żvilupp), b’mod partikolari min-negozji privati.” (Nru 7).

L-iffissar ta’ għanijiet ambizzjużi u ż-żieda tal-livell ta’ investiment min-naħa ta’ l-atturi kollha mhuwiex biżżejjed. Biex ikun assigurat li fil-prattika l-provvista tilħaq id-domanda, is-sistemi ta’ tagħlim għal tul il-ħajja għandhom ikunu għall-bwiet ta’ kulħadd, aċċessibbli u sensibbli għall-ħtiġiet li qed jinbidlu. L-adattament u l-bini tal-kapaċità ta’ l-edukazzjoni u tas-sistemi ta’ taħriġ u miżuri biex titjieb il-bażi konkreta ta’ linji politiċi dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ huma meħtieġa biex itejbu r-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol, is-sensibilità tagħhom għall-ħtiġiet ta’ l-ekonomija bbażata fuq il-konoxxenza u s-soċjetà u l-effiċjenza, l-eċċellenza u l-ekwità tagħhom. Sistema ta’ orjentazzjoni tal-karriera tul il-ħajja li hija aċċessibbli faċilment, mifruxa u integrata għandha żżid kemm l-aċċess ta’ individwi għall-edukazzjoni u t-taħriġ u r-rilevanza għall-ħtiġiet ta’ ħiliet ta’ l-ta’ edukazzjoni u t-taħriġ offruti. L-ICT jistgħu jintużaw sabiex itejbu l-aċċess għat-tagħlim u jfassluh aħjar skond il-ħtiġiet ta’ min iħaddem u l-impjegati.

Mobbiltà akbar kemm għall-finijiet tax-xogħol kif ukoll għal dawk tat-tagħlim hija wkoll meħtieġa biex ikun hemm aċċess għal opportunitajiet ta’ xogħol aktar wiesa’ fl-UE kollha. L-ostakoli li fadal għall-mobilità fis-suq tax-xogħol Ewropew għandhom jitneħħew, b’mod partikolari dawk li għandhom x’jaqsmu ma’ l-għarfien u t-trasparenza u l-użu ta’ kwalifiki u riżultati mit-tagħlim, speċjalment permezz ta’ l-implimentazzjoni tal-Qafas tal-Kwalifiki Ewropew billi s-sistema ta’ kwalifika nazzjonali tkun relatata ma’ dak il-Qafas sa l-2010 u fejn xieraq, billi jiġu żviluppati osqfa ta’ kwalifika nazzjonali. Ser ikun importanti li jsir użu mill-istrumenti u r-referenzi Ewropej miftieħma sabiex ikunu appoġġati r-riformi tas-sistemi nazzjonali ta’ l-edukazzjoni u t-taħriġ, kif stipulat fil-Programm ta’ Ħidma għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta’ l-2010.

**Linja Gwida 24**. L-adattament tas-sistemi ta’ l-edukazzjoni u tat-taħriġ bi tweġiba għal kull ħtieġa ġdida f’termini ta’ kompetenzi permezz ta’:

— jiġu miżjuda u żgurati l-attrazzjoni, il-ftuħ u l-istandards ta’ kwalità ta’ l-edukazzjoni u tat-taħriġ, titwessa’ l-provvista ta’ l-opportunitajiet ta’ edukazzjoni u ta’ taħriġ u jkunu żgurati mogħdijiet ta’ tagħlim flessibbli u jitkabbru l-possibbiltajiet għal mobbiltà għall-istudenti u għal dawk li qed jitħarrġu,

— jiġi ffaċilitat u ddiversifikat l-aċċess ta’ kulħadd għall-edukazzjoni u għat-taħriġ u għall-għarfien permezz ta’ l-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol, tas-servizzi ta’ appoġġ għall-familji, tal-gwida vokazzjonali u, jekk ikun xieraq, ta’ forom ġodda ta’ kondiviżjoni ta’ l-ispejjeż,

— ikun hemm reazzjonijiet għal ħtiġijiet okkupazzjoni ġodda, kompetenzi ewlenin u rekwiżiti futuri għall-ħiliet billi jittejbu d-definizzjoni u t-trasparenza tal-kwalifiki, ir-rikonoxximent effettiv tagħhom u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

*Ħarsa ġenerali tal-miri u punti ta' referenza stabbiliti fil-qafas ta' l-Istrateġija Ewropea għall-Impjieg*

Il-miri u l-punti ta' referenza li ġejjin ġew maqbula fil-kuntest ta' l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi:

— li kull persuna qiegħda għandha tiġi offruta imġjieg, apprendistat, taħriġ addizzjonali jew miżura oħra ta' impjegabilità; fil-każ ta' żgħażagħ li telqu mill-iskola f'inqas minn erba' xhur sa l-2010 u fil-każ ta' adulti f'inqas minn tnax-il xahar.

— li 25 % tal-qgħad ta' perijodu fit-tul għandu jipparteċipa sa l-2010 f'miżura attiva fil-forma ta' taħriġ, taħriġ mill-ġdid, prattika tax-xogħol, jew miżura oħra ta' impjegabilità, bil-għan li tinkiseb il-medja tat-tliet Stati Membri l-aktar avvanzati;

— li dawk li qed ifitxxu impjieg fl-UE jkunu jistgħu jikkonsultaw is-sejhiet kollha għal impjiegi rriklamati fis-servizzi ta' l-impjiegi ta' l-Istati Membri;

— żieda b'ħames snin, fuq il-livell ta' l-UE, ta' l-età medja effettiva ta' ħruġ mis-suq tax-xogħol sa l-2010 meta mqabbla ma' l-2001;

— il-provvediment ta' servizzi ta' kustodja tat-tfal sa l-2010 għal mill-inqas 90 % tat-tfal bejn it-3 snin u l-età ta' l-iskola obbligatorja u mill-inqas 33 % tat-tfal taħt it-3 snin;

— rata medja ta' l-UE ta' mhux aktar minn 10 % għal dawk li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien;

— mill-inqas 85 % ta' dawk li għandhom 22 sena fl-UE għandhom ikunu kkompletaw l-edukazzjoni sekondarja għolja sa l-2010;

— li l-livell medju tal-parteċipazzjoni f'tagħlim matul il-ħajja fl-UE għandu jkun mill-inqas 12,5 % tal-popolazzjoni ta' l-adulti li għandhom l-età biex jaħdmu (il-grupp ta' dawk li għandhom bejn 25 u 64 sena).

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL KONĠUNT UE-MESSIKU Nru 2/2008

## tal-25 ta' Lulju 2008

## li temenda d-Deċizjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 3/2004

(2008/619/KE)

IL-KUNSILL KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar is-Sħubija Ekonomika u l-Koordinazzjoni u l-Kooperazzjoni Politiċi bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra [1], (minn issa 'l quddiem il-Ftehim) iffirmat fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 1997, u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 10 flimkien ma' l-Artikoli 47 u 56 tiegħu,

Billi:

(1) Wara l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija (minn issa 'l quddiem l-Istati Membri l-ġodda) mill-1 ta' Jannar 2007, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ġie ffirmat fil-Messiku fid-29 ta' Novembru 2006 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2007 (*).

(2) Skond dawn il-kundizzjonijiet huwa meħtieġ li jiġu adattati, b'effett mid-data li fiha l-Istati Membri l-ġodda ssieħbu mal-Ftehim, ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku [2] kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 3/2004 [3], dwar il-kummerċ fil-merkanzija, iċ-ċertifikazzjoni ta' l-oriġini u l-akkwist tal-gvern,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. L-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt 2/2000 huwa b'dan emendat skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

2. Dan l-Artikolu ma jaffettwax il-kontenut tal-klawżola ta' reviżjoni mniżżla fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt Nru 2/2000.

*Artikolu 2*

L-Artikoli 17(4) u 18(2) u l-Appendiċi IV għall-Anness III għad-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt 2/2000 huma b'dan emendati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

1. L-entitajiet ta' l-Istati l-Membri l-ġodda elenkati fl-Anness III għal din id-Deċiżjoni huma b'dan miżjuda mat-taqsimiet rilevanti ta' l-Anness VI, il-Parti B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt 2/2000.

2. Il-pubblikazzjonijiet ta' l-Istati Membri l-ġodda elenkati fl-Anness IV għal din id-Deċiżjoni huma b'dan miżjuda mal-Parti B ta' l-Anness XIII għad-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt 2/2000.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tiġi applikata b'effett mid-data li fiha l-Istati Membri l-ġodda ssieħbu mal-Ftehim.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kunsill Konġunt*

*Il-President*

P. ESPINOSA CANTELLANO

---

[1] ĠU L 276, 28.10.2000, p. 45.

(*) Sabiex ikun iċċarat dan il-punt, it-Tieni Protokoll Addizzjonali kien iffirmat mill-Partijiet fi Brussell fil-21 ta' Frar 2007, wara l-inizjalizzazzjoni uffiċjali tat-test f'Mexico City fid-29 ta' Novembru 2006. Kien applikat mill-1 ta' Marzu 2007 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2008 hekk kif il-Partijiet temmew il-proċeduri interni meħtieġa.

[2] ĠU L 157, 30.6.2000, p. 10.

[3] ĠU L 293, 16.9.2004, p. 15.

*ANNESS I*

**Skeda tat-tneħħija tat-tariffi tal-Komunità**

| Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni | Kwantità tal-kwota annwali tariffarja | Rata tad-dazju tal-kwota tariffarja |
|---|---|---|---|
| "0803 00 19 | Banana, friska (għajr għall-pjantaġġini) | 2 000 tunnellata (*) | EUR 70/tunnellata |

(*) Din il-kwota tariffarja annwali għandha tkun miftuħa mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja. Madankollu, għandha tiġi applikata l-ewwel darba mit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*."

*ANNESS II*

**Il-verżjonijiet ġodda fil-lingwi ta' rimarki amministrattivi u tad-"dikjarazzjoni tal-fattura" li jinsabu fl-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 2/2000.**

1. L-Artikolu 17(4) ta' l-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 huwa b'dan emendat kif ġej:

"4. Iċ-ċertifikati ta' moviment EUR. 1 maħruġa b'mod retrospettiv għandhom ikunu approvati b'waħda minn dawn il-frażijiet:

BG 'ИЗДАДЕН ВПОСЛЕДСТВИЕ'

ES 'EXPEDIDO A POSTERIORI'

CS 'VYSTAVENO DODATEČNĚ'

DA 'UDSTEDT EFTERFØLGENDE'

DE 'NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT'

ET 'TAGANTJÄRELE VÄLJA ANTUD'

EL 'ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ'

EN 'ISSUED RETROSPECTIVELY'

FR 'DÉLIVRÉ A POSTERIORI'

IT 'RILASCIATO A POSTERIORI'

LV 'IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI'

LT 'RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS'

HU 'KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL'

MT 'MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT'

NL 'AFGEGEVEN A POSTERIORI'

PL 'WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE'

PT 'EMITIDO A POSTERIORI'

RO 'EMIS A POSTERIORI'

SK 'VYDANÉ DODATOČNE'

SL 'IZDANO NAKNADNO'

FI 'ANNETTU JÄLKIKÄTEEN'

SV 'UTFÄRDAT I EFTERHAND'."

2. L-Artikolu 18(2) ta' l-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 huwa b'dan emendat kif ġej:

"2. Il-duplikata maħruġa b'din il-proċedura għandha tkun approvata b'waħda mill-iskrizzjonijiet li ġejjin:

BG 'ДУБЛИКАТ'

ES 'DUPLICADO'

CS 'DUPLIKÁT'

DA 'DUPLIKAT'

DE 'DUPLIKAT'

ET 'DUPLIKAAT'

EL 'ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ'

EN 'DUPLICATE'

FR 'DUPLICATA'

IT 'DUPLICATO'

LV 'DUBLIKĀTS'

LT 'DUBLIKATAS'

HU 'MÁSODLAT'

MT 'DUPLIKAT'

NL 'DUPLICAAT'

PL 'DUPLIKAT'

PT 'SEGUNDA VIA'

RO 'DUPLICAT'

SK 'DUPLIKÁT'

SL 'DVOJNIK'

FI 'KAKSOISKAPPALE'

SV 'DUPLIKAT'."

3. Dan li ġej huwa b'dan miżjud ma' l-Appendiċi IV ta' l-Anness III tad-Deċizjoni Nru 2/2000:

"Verżjoni bil-Bulgaru

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (митническо разрешение № … или разрешение на компетентен държавен орган (1)) декларира, че освен където ясно е отбелязано друго, тези продукти са с … (2) преференциален произход.

Verżjoni bir-Rumen

Exportatorul produselor ce fac obiectul acestui document (autorizația vamală sau a autorității guvernamentale competente nr. … (1)) declară că, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferențială … (2).

(1) Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura toħroġ minn esportatur approvat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 21 ta' dan l-Anness, f'dan l-ispazju għandu jiddaħħal in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura mhix magħmula minn esportatur approvat, il-kliem fil-parentesi għandhom jitħallew barra jew l-ispazju jitħalla vojt.

(2) L-oriġini tal-prodotti għandha tiġi indikata. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura jkollha x'taqsam b'mod sħiħ jew in parti ma' prodotti li joriġinaw minn Ceuta jew Melilla fi ħdan it-tifsira ta' Artikolu 37 ta' dan l-Anness, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument fejn hemm id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu 'CM'."

*ANNESS III*

KORPI GOVERNATTIVI ĊENTRALI

1. Il-korpi governattivi ċentrali li ġejjin huma b'dan miżjuda ma' l-Anness VI, Parti B, Taqsima 1 tad-Deċiżjoni Nru 2/2000:

**"AA – Ir-Repubblika tal-Bulgarija**

1. Министерство на външните работи (il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin)
2. Министерство на вътрешните работи (il-Ministeru ta' l-Intern)
3. Министерство на държавната администрация и административната реформа (il-Ministeru ta' l-Amministrazzjoni ta' l-Istat u tar-Riforma Amministrattiva)
4. Министерство на извънредните ситуации (il-Ministeru tas-Sitwazzjonijiet ta' Emerġenza)
5. Министерство на земеделието и храните (il-Ministeru ta' l-Agrikoltura u l-Ikel)
6. Министерство на здравеопазването (il-Ministeru tas-Saħħa)
7. Министерство на икономиката и енергетиката (il-Ministeru ta' l-Ekonomija u l-Enerġija)
8. Министерство на културата (il-Ministeru tal-Kultura)
9. Министерство на образованието и науката (il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza)
10. Министерство на околната среда и водите (il-Ministeru ta' l-Ambjent u l-Ilma)
11. Министерство на отбраната (il-Ministeru tad-Difiża [1])
12. Министерство на правосъдието (il-Ministeru tal-Ġustizzja)
13. Министерство на регионалното развитие и благоустройството (il-Ministeru ta' l-Iżvilupp Reġjonali u x-Xogħlijiet Pubbliċi)
14. Министерство на транспорта (il-Ministeru tat-Trasport)
15. Министерство на труда и социалната политика (il-Ministeru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali)
16. Министерство на финансите (il-Ministeru tal-Finanzi)

**AB – Ir-Rumanija**

1. Ministerul Afacerilor Externe (il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin)
2. Ministerul Integrării Europene (il-Ministeru ta' l-Integrazzjoni Ewropea)
3. Ministerul Finanțelor Publice (il-Ministeru tal-Finanzi Pubbliċi)
4. Ministerul Justiției (il-Ministeru tal-Ġustizzja)
5. Ministerul Apărării Naționale (il-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali [1])
6. Ministerul Administrației și Internelor (il-Ministeru ta' l-Amministrazzjoni u l-Intern)
7. Ministerul Muncii, Solidarității Sociale și Familiei (il-Ministeru tax-Xogħol, is-Solidarjetà Soċjali u l-Familja)
8. Ministerul Economiei și Comerțului (il-Ministeru ta' l-Ekonomija u l-Kummerċ)
9. Ministerul Agriculturii, Pădurii și Dezvoltării Rurale (il-Ministeru ta' l-Agrikoltura, il-Forestrija u l-Iżvilupp Rurali)
10. Ministerul Transporturilor, Construcțiilor și Turismului (il-Ministeru tat-Trasport, il-Kostruzzjoni u t-Turiżmu)
11. Ministerul Educației și Cercetării (il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u r-Riċerka)
12. Ministerul Sănătății (il-Ministeru tas-Saħħa)
13. Ministerul Culturii și Cultelor (il-Ministeru tal-Kultura u l-Kwistjonijiet Reliġjużi)
14. Ministerul Comunicațiilor și Tehnologiei Informațiilor (il-Ministeru tal-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni)
15. Ministerul Mediului și Gospodăririi Apelor (il-Ministeru ta' l-Ambjent u l-Ġestjoni ta' l-Ilma)
16. Ministerul Public (il-Ministeru Pubbliku)

[1] Japplika biss għall-materjal li m'għandux x' jaqsam mal-gwerra u li huwa mniżżel fl-Anness VII, fil-Parti B."

2. Il-korpi u l-kategoriji ta' korpi li ġejjin imsemmija fl-Annessi I, II, VII, VIII u IX tad-Direttiva 93/38/KEE huma b'dan miżjuda ma' l-Ehmża ta' l-Anness VI, Parti B, Taqsima 2, tad-Deċiżjoni Nru 2/2000:

a) L-Anness

**"PRODUZZJONI, TRASPORT JEW DISTRIBUZZJONI TA' L-ILMA GĦAX-XORB":**

"IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

— 'В И К – Батак' – ЕООД (l-Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ Batak EOOD), Batak

— 'В и К – Белово' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ, Belovo EOOD), Belovo

— 'Водоснабдяване и канализация Берковица' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ Berkovitsa EOOD), Berkovitsa

— 'Водоснабдяване и канализация' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ Blagoevgrad EOOD), Blagoevgrad

— 'В и К – Бебреш' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ Bebresh EOOD), Botevgrad

— 'Инфрастрой' – ЕООД (Infrastroi EOOD), Bratsigovo

— 'Водоснабдяване' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma EOOD), Breznik

— 'Водоснабдяване и канализация' – ЕАД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ EAD), Burgas

— 'Бързийска вода' – ЕООД (l-Ilma ta' Barzia EOOD), Barzia

— 'Водоснабдяване и канализация' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Varna

— 'ВиК-Златни пясъци' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ Zlatni Pyasatsi OOD), Varna

— 'Водоснабдяване и канализация Йовковци' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ Yovkovtsi OOD), Veliko Turnovo

— 'Водоснабдяване, канализация и териториален водоинженеринг' – ЕООД, (Provvista ta' l-Ilma, Dranaġġ u Inġinerija ta' l-Ilma Territorjali EOOD), Velingrad

— 'ВИК' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ EOOD), Vidin

— 'Водоснабдяване и канализация' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Vratsa

— 'В И К' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Gabrovo

— 'В И К' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Dimitrovgrad

— 'Водоснабдяване и канализация' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ EOOD), Dobrich

— 'Водоснабдяване и канализация – Дупница' – ЕООД (Provvista ta' —l-Ilma u d-Dranaġġ Dupnitsa EOOD), Dupnitsa

— 'Водоснабдяване и канализация' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Isperih

— 'В И К – Кресна' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ Kresna EOOD), Kresna

— 'Меден кладенец' – ЕООД (Meden Kladenets EOOD), Kubrat

— 'ВИК' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Kurdzhali

— 'Водоснабдяване и канализация' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Kyustendil

— 'Водоснабдяване и канализация' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Lovech

— 'В и К – Стримон' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ Strimon EOOD), Mikrevo

— 'Водоснабдяване и канализация' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Montana

— 'Водоснабдяване и канализация – П' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ P EOOD), Panagyurishte

— 'Водоснабдяване и канализация' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Pernik

— 'В И К' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ EOOD), Petrich

— 'Водоснабдяване, канализация и строителство' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma, Dranaġġ u Kostruzzjoni EOOD), Peshtera

— 'Водоснабдяване и канализация' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ EOOD), Pleven

— 'Водоснабдяване и канализация' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ EOOD), Plovdiv

— 'Водоснабдяване–Дунав' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma Danube EOOD), Razgrad

— 'ВКТВ' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma, Dranaġġ u Inġinerija ta' l-Ilma Territorjali EOOD), Rakitovo

— 'Водоснабдяване и канализация' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Ruse

— 'УВЕКС' – ЕООД (UVEKS EOOD), Sandanski

— 'Водоснабдяване и канализация' – ЕАД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ EAD), Svishtov

— 'Бяла' – ЕООД (Byala EOOD), Sevlievo

— 'Водоснабдяване и канализация' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Silistra

— 'В и К' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Sliven

— 'Водоснабдяване и канализация' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ EOOD), Smolyan

— 'Софийска вода' – АД (l-Ilma ta' Sofia AD), Sofija

— 'Водоснабдяване и канализация' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ EOOD), Sofia

— 'Стамболово' – ЕООД (Stambolovo EOOD), Stambolovo

— 'Водоснабдяване и канализация' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ EOOD), Stara Zagora

— 'Водоснабдяване и канализация-С' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ - S EOOD, Strelcha

— 'Водоснабдяване и канализация – Тетевен' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ Teteven EOOD), Teteven

— 'В и К – Стенето' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ Steneto EOOD, Troya

— 'Водоснабдяване и канализация' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Turgovishte

— 'Водоснабдяване и канализация' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ EOOD), Haskovo

— 'Водоснабдяване и канализация' – ООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ OOD), Shumen

— 'Водоснабдяване и канализация' – ЕООД (Provvista ta' l-Ilma u d-Dranaġġ EOOD), Yambol.

IR-RUMANIJA,

Departamente ale autorităților locale și companii care produc, transportă și distribuie apă (Dipartimenti ta' l-awtoritajiet u l-kumpaniji lokali li jipproduċu, jittrasportaw u jiddistribwixxu l-ilma)".

(b) Aness II

**"PRODUZZJONI, TRASPORT JEW DISTRIBUZZJONI TA' L-ELETTRIKU":**

"IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

Лица, които притежават лицензия за производство, пренос, разпределение, обществена доставка или обществено снабдяване с електрическа енергия в съответствие с чл.39, ал.1 на Закона за енергетиката (обн., ДВ, бр.107/9.12.2003) (Entitajiet liċenzjati għall-produzzjoni, it-trasport, id-distribuzzjoni, it-twassil pubbliku jew il-provvista pubblika ta' l-elettriku skond l-Artikolu 39(1) tal-Liġi dwar l-Enerġija (ippubblikata fil-Gazzetta ta' l-Istat Nru 107/9.12.2003)),

IR-RUMANIJA,

— 'Societatea Comercială de Producere a Energiei Electrice Hidroelectrica – SA București' (Kumpanija Kummerċjali għall-Produzzjoni ta' l-Enerġija Elettrika Hidroelectrica – SA București)

— 'Societatea Națională Nuclearelectrica – SA' (Kumpanija Nazzjonali Nuclaerectrica – SA)

— 'Societatea Comercială de Producere a Energiei Electrice şi Termice Termoelectrica SA' (Kumpanija Kummerċjali għall-Produzzjoni ta' l-Enerġija Elettrika u l-Enerġija Termali Termoelectrica SA)

— 'S.C. Electrocentrale Deva SA' (SC Impjanti ta' l-Elettriku Deva SA)

— 'S.C. Electrocentrale Bucureşti SA' (SC Impjanti ta' l-Elettriku Bucharest SA)

— 'S.C. Electrocentrale Galaţi SA' (SC Impjanti ta' l-Elettriku Galati SA)

— 'S.C. Electrocentrale Termoelectrica SA' (SC Impjanti ta' l-Elettriku Termoelectrica SA)

— 'Societatea Comercială Complexul Energetic Rovinari' (Kumpanija Kummerċjali Kumpless ta' l-Enerġija Rovinari)

— 'Societatea Comercială Complexul Energetic Turceni' (Kumpanija Kummerċjali Kumpless ta' l-Enerġija Turceni)

— 'Societatea Comercială Complexul Energetic Craiova' (Kumpanija Kummerċjali Kumpless ta' l-Enerġija Craiova)

— 'Compania Naţională de Transport a Energiei Electrice Transelectrica – SA Bucureşti' (Kumpanija Nazzjonali tas-Sistema ta' l-Elettriku Transelectrica SA)

— 'Societatea Comercială de Distribuţie şi Furnizare a Energiei Electrice Electrica – SA Bucureşti' (Kumpanija Kummerċjali Electrica għad-Distribuzzjoni u l-Provvista ta' l-Elettriku – SA Bucharest):

— S.C. Filiala de Distribuţie şi Furnizare a energiei electrice 'Electrica BANAT' SA (Fergħa għad-Distribuzzjoni u l-Provvista ta' l-Elettriku 'Electrica BANAT' SA)

— S.C. Filiala de Distribuţie şi Furnizare a energiei electrice 'Electrica DOBROGEA' SA (Fergħa għad-Distribuzzjoni u l-Provvista ta' l-Elettriku 'Electrica DOBROGEA' SA SC)

— S.C. Filiala de Distribuţie şi Furnizare a energiei electrice 'Electrica MOLDOVA' SA (Fergħa għad-Distribuzzjoni u l-Provvista ta' l-Elettriku 'Electrica MOLDOVA' SA)

— S.C. Filiala de Distribuţie şi Furnizare a energiei electrice 'Electrica MUNTENIA SUD' SA (SC Fergħa għad-Distribuzzjoni u l-Provvista ta' l-Elettriku 'Electrica MUNTENIA SUD' SA)

— S.C. Filiala de Distribuţie şi Furnizare a energiei electrice 'Electrica MUNTENIA NORD' SA (SC Fergħa għad-Distribuzzjoni u l-Provvista ta' l-Elettriku 'Electrica MUNTENIA NORD' SA)

— S.C. Filiala de Distribuţie şi Furnizare a energiei electrice 'Electrica OLTENIA' SA (SC Fergħa għad-Distribuzzjoni u l-Provvista ta' l-Elettriku 'Electrica OLTENIA' SA)

— S.C. Filiala de Distribuţie şi Furnizare a energiei electrice 'Electrica TRANSILVANIA SUD' SA (SC Fergħa għad-Distribuzzjoni u l-Provvista ta' l-Elettriku 'Electrica TRANSILVANIA SUD' SA)

— S.C. Filiala de Distribuţie şi Furnizare a energiei electrice 'Electrica TRANSILVANIA NORD' SA (SC Fergħa għad-Distribuzzjoni u l-Provvista ta' l-Elettriku 'Electrica TRANSILVANIA NORD' SA)"

(ċ) ANNESS VII

**"ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TAS-SERVIZZI URBANI TAL-FERROVIJA, TAT-TRAMMIJIET, TAT-*TROLLEYBUS* JEW TAL-KARROZZA TAL-LINJA":**

"IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

— 'Метрополитен' ЕАД (Metropoliten EAD), Sofia

— 'Столичен електротранспорт' ЕАД (Stolichen Elektrotransport EAD), Sofia

— 'Столичен автотранспорт' ЕАД (Stolichen Avtotransport EAD), Sofia

— 'Бургасбус' ЕООД (Burgasbus EOOD), Burgas

— 'Градски транспорт' ЕАД (Gradski Transport EAD), Varna

— 'Тролейбусен транспорт' ЕООД (Troleybusen Transport EOOD), Vratsa

— 'Общински пътнически транспорт' ЕООД (Obshtinski Patnicheski Transport EOOD), Gabrovo

— 'Автобусен транспорт' ЕООД (Avtobusen Transport EOOD), Dobrich

— 'Тролейбусен транспорт' ЕООД (Troleybusen Transport EOOD), Dobrich

— 'Тролейбусен транспорт' ЕООД (Troleybusen Transport EOOD), Pasardzhik

— 'Тролейбусен транспорт' ЕООД (Troleybusen Transport EOOD), Pernik

— 'Автобусни превози' ЕАД (Avtobusen Prevozi EAD), Pleven

— 'Тролейбусен транспорт' ЕООД (Troleybusen Transport EOOD), Pleven

— 'Градски транспорт Пловдив' ЕАД (Gradski Transport Plovdiv EAD), Plovdiv

— 'Градски транспорт' ЕООД (Gradski Transport EOOD), Ruse

— 'Пътнически превози' ЕАД (Patnichescki Prevozi EAD), Sliven

— 'Автобусни превози' ЕООД (Avtobusni Prevozi EOOD), Stara Zagora

— 'Тролейбусен транспорт' ЕООД (Troleybusen Transport EOOD), Haskovo

IR-RUMANIJA,

SC Transport cu Metroul București 'METROREX' SA (Kumpanija tat-Trasport tas-*Subway* ta' Bucharest 'Metrorex' SA),

Regii autonome locale de transport urban de călători (operaturi lokali indipendenti tat-trasport urban tal-passiġġieri)";

(d) Anness VIII

**"ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TAL-FAĊILITAJIET TA' L-AJRUPORTI";**

"IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

Главна дирекция 'Гражданска въздухоплавателна администрация' (id-Direttorat Ġenerali 'Amministrazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili')

ДП 'Ръководство на въздушното движение' (il-Kumpanija tal-Gvern 'Servizzi tat-Traffiku ta' l-Ajru');

Летищни оператори на граждански летища за обществено ползване, определени от Министерския съвет в съответствие с чл.43, ал.3 на Закона на гражданското въздухоплаване (обн., ДВ, бр.94/1.12.1972) (Operaturi ta' l-ajruporti ta' ajruporti ċivili għall-użu pubbliku determinati mill-Kunsill tal-Ministri skond l-Artikolu 43(3) tal-Liġi dwar l-Avjazzjoni Ċivili (ippubblikata fil-Gazzetta ta' l-Istat Nru 94/1.12.1972)

IR-RUMANIJA,

— Compania Națională 'Aeroportul Internațional Henri Coandă București' – SA (il-Kumpanija Nazzjonali 'Ajruport Internazzjonali Henri Coandă Bukarest' – SA)

— Societatea Națională 'Aeroportul Internațional București – Băneasa' – SA (il-Kumpanija Nazzjonali 'Ajruport Internazzjonali Bukarest – Baneasa' – SA)

— Societatea Națională 'Aeroportul Internațional Constanța' – SA (il-Kumpanija Nazzjonali 'Ajruport Internazzjonali Constanța' – SA)

— Societatea Națională 'Aeroportul Internațional Timișoara – Traian Vuia' – SA (il-Kumpanija Nazzjonali 'Ajruport Internazzjonali Timișoara – Traian Vuia' – SA)

— Regia Autonomă 'Administrația Română a Serviciilor de Trafic Aerian – ROMATSA' (l-entità Awtonoma 'Amministrazzjoni tas-Servizzi tat-Traffiku ta' l-Ajru Rumeni - ROMATSA')

— Regia Autonomă 'Autoritatea Aeronautică Civilă Română' (l-Entità Awtonoma 'Awtorità ta' l-Avjazzjoni Ċivili Rumena')

— Aeroporturile aflate în subordinea consiliilor locale (L-ajruporti subordinati għall-Kunsill Lokali):

  — Regia Autonomă Aeroportul Arad (l-Entità Awtonoma ta' l-Ajruport ta' Arad)

  — Regia Autonomă Aeroportul Bacău (l-Entità Awtonoma ta' l-Ajruport ta' Bacău)

  — Regia Autonomă Aeroportul Baia Mare (l-Entità Awtonoma ta' l-Ajruport ta' Baia Mare)

  — Regia Autonomă Aeroportul Caransebeș (l-Entità Awtonoma ta' l-Ajruport ta' Caransebeș)

— Regia Autonomă Aeroportul Cluj-Napoca (l-Entità Awtonoma ta' l-Ajruport ta' Cluj-Napoca)

— Regia Autonomă Aeroportul Craiova (l-Entità Awtonoma ta' l-Ajruport ta' Craiova)

— Regia Autonomă Aeroportul Iași (l-Entità Awtonoma ta l-Ajruport ta Regie Iași)

— Regia Autonomă Aeroportul Oradea (l-Entità Awtonoma ta' l-Ajruport ta' Oradea)

— Regia Autonomă Aeroportul Satu-Mare (l-Entità Awtonoma ta' l-Ajruport ta' Satu - Mare)

— Regia Autonomă Aeroportul Sibiu (l-Entità Awtonoma ta' l-Ajruport ta' Sibiu)

— Regia Autonomă Aeroportul Suceava (l-Entità Awtonoma ta' l-Ajruport ta' Suceava)

— Regia Autonomă Aeroportul Târgu Mureş (l-Entità Awtonoma ta' l-Ajruport ta' Târgu Mureş)

— Regia Autonomă Aeroportul Tulcea (l-Entità Awtonoma ta' l-Ajruport ta' Tulcea)"

(e) Anness IX:

**"ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TAL-PORTIJIET MARITTIMI U DAWK FUQ ĠEWWA JEW FAĊILITAJIET OĦRA TA' TERMINALS":**

"IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

ДП 'Пристанищна инфраструктура' (il-Kumpanija tal-Gvern 'Infrastruttura tal-Portijiet').

Лицата, които по силата на специални или изключителни права осъществяват експлоатация на цяло или част от пристанище за обществен транспорт с национално значение, посочено в Приложение № 1 към чл.103а на Закона за морските пространства, вътрешните водни пътища и пристанищата на Република България (обн., ДВ, бр.12/11.2.2000) (Entitajiet li abbażi ta' drittijiet speċjali jew esklużivi jesplojtaw il-portijiet għat-trasport pubbliku ta' importanza nazzjonali jew partijiet minnhom, elenkati fl-Anness Nru 1 għall-Artikolu 103a tal-Liġi dwar l-Ispazju Marittimu, il-Mogħdijiet ta' l-Ilma Interni u l-Portijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija (ippubblikata fil-Gazzetta ta' l-Istat Nru 12/11.2.2000)

Лицата, които по силата на специални или изключителни права осъществяват експлоатация на цяло или част от пристанище за обществен транспорт с регионално значение, посочено в Приложение № 2 към чл.103а на Закона за морските пространства, вътрешните водни пътища и пристанищата на Република България (обн., ДВ, бр.12/11.2.2000) (Entitajiet li abbażi ta' drittijiet speċjali jew esklużivi jesplojtaw il-portijiet għat-trasport pubbliku b'importanza reġjonali jew partijiet minnhom, elenkati fl-Anness Nru 2 għall-Artikolu 103a tal-Liġi dwar l-Ispazju Marittimu, il-Mogħdijiet ta' l-Ilma Interni u l-Portijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija (ippubblikata fil-Gazzetta ta' l-Istat Nru 12/11.2.2000)

IR-RUMANIJA,

Compania Naţională 'Administraţia Porturilor Maritime' SA Constanţa (il-Kumpanija Nazzjonali 'Amministrazzjoni tal-Portijiet Marittimi' SA Constanţa)

Compania Naţională 'Administraţia Canalelor Navigabile SA' (il-Kumpanija Nazzjonali 'Amministrazzjoni tal-Portijiet Marittimi' SA Constanţa)

Compania Naţională de Radiocomunicaţii Navale 'RADIONAV' SA (il-Kumpanija Nazzjonali tal-Komunikazzjoni bir-Radju Navali 'RADIONAV' SA)

Regia Autonomă 'Administraţia Fluvială a Dunării de Jos' (l-Entità Awtonoma 'Amministrazzjoni tax-Xmara tad-Danube t'Isfel')

Compania Naţională 'Administraţia Porturilor Dunării Maritime' (il-Kumpanija Nazzjonali 'Amministrazzjoni tal-Portijiet Marittimi fuq id-Danube')

Compania Naţională 'Administraţia Porturilor Dunării Fluviale' SA (il-Kumpanija Nazzjonali 'Amministrazzjoni tal-Portijiet fuq ix-Xmara Danube')

Agenţia Română de Intervenţii şi Salvare Navală – ARISN (l-Aġenzija Rumena għall-Interventi u s-Salvataġġ Navali - ARISN)

Porturile: Sulina, Brăila, Zimnicea şi Turnul-Măgurele; Sulina, Brăila, Zimnicea şi Turnul-Măgurele".

*ANNEX IV*

**PUBBLIKAZZJONIJIET**

**“Ir-Repubblika tal-Bulgarija**

Avviżi:

— *Il-Ġurnal Uffiċjali*

— Il-Gazzetta ta’ l-Istat (http://dv.parliament.bg)

— Ir-Reġistru tal-Kuntratti Pubbliċi (www.aop.bg)

Liġijiet u Regolamenti:

— Il-Gazzetta ta’ l-Istat

Deċiżjonijiet ġudizzjarji:

— Il-Qorti Amministrattiva Suprema (www.sac.government.bg)

Deċiżjonijiet amministrattivi ta’ applikazzjoni ġenerali u ta’ kwalunkwe proċedura:

— L-Aġenzija ta’ l-Akkwisti Pubbliċi (www.aop.bg)

— Il-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Kompetizzjoni (www.cpc.bg)

**Ir-Rumanija**

— *Il-Ġurnal Uffiċjali*

— Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Rumanija

— Is-Sistema Elettronika għal Kuntratti Pubbliċi (www.e-licitatie.ro)”

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

### tat-22 ta' Lulju 2008

### li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni marbut ma' l-istokkijiet tal-merluzz fil-Kattegat, il-Baħar tat-Tramuntana, l-Iskagerrak, il-lvant tal-Kanal, l-ibħra fil-punent ta' l-Iskozja u fil-Baħar Irlandiż

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3633)*

(2008/620/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [1], u partikolarment l-Artikolu 34c(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2004 tas-26 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi miżuri għall-irkuprar ta' l-istokkijiet ta' merluzz [2] jistabbilixxi miżuri għall-irkupru ta' l-istokkijiet tal-merluzz fil-Kattegat, fil-Baħar tat-Tramuntana, fl-Iskagerrak, u fil-lvant tal-Kanal, l-ibħra fil-punent ta' l-Iskozja, u l-Baħar Irlandiż u r-regoli dwar il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd għall-merluzz f'dawk iż-żoni.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [3], jipprovdi għall-attivitajiet ta' kontroll mill-Kummissjoni u l-Istati Membri u għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

(3) Sabiex jiġi żgurat is-suċċess tal-miżuri ta' rkupru għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Kattegat, fl-Iskagerrak u fil-lvant tal-Kanal, fl-ibħra fil-punent ta' l-Iskozja, u fil-Baħar Irlandiż, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni mmirat lejn is-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet.

(4) Il-prorgamm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni għandu jiġi stabbilit għal perjodu ta' tliet snin. Ir-riżultati miksuba mill-applikazzjoni tal-programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni għandhom jiġu evalwati perjodikament mill-Istati Membri kkonċernati f'kooperazzjoni ma' l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (minn hawn 'il quddiem "CFCA") imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 [4].

(5) Għandhom jitwettqu attivitajiet konġunti ta' spezzjoni u sorveljanza skond il-pjanijiet ta' eżerċizzju konġunti stabbiliti mis-CFCA.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni ġew stabbiliti flimkien ma' l-Istati Membri kkonċernati.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għas-Sajd u l-Akwakultura,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni armonizzata tal-miżuri stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 423/2004 għall-irkupru ta' l-istokkijiet tal-merluzz fil-Kattegat, il-Baħar tat-Tramuntana, l-Iskagerrak, il-lvant tal-Kanal, l-ibħra fil-punent ta' l-Iskozja u fil-Baħar Irlandiż.

---

(1) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 1).

(2) ĠU L 70, 9.3.2004, p. 8.

(3) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).

(4) ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.

*Artikolu 2*

**Ambitu**

Il-programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni msemmi fl-Artikolu 1 għandu japplika għal tliet snin u għandu jkopri:

(a) l-attività jiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti soġġetti għal limitazzjonijiet fuq l-isforzi u kundizzjonijiet assoċjati msemmija fl-Artikolu 1;

(b) l-attivitajiet relatati kollha, fosthom il-ħatt l-art, l-użin, il-kummerċjalizzazzjoni, it-trasport u l-ħżin tal-prodotti tas-sajd u r-reġistrar ta' l-ammonti maħtuta l-art u mibjugħa.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 423/2004.

*Artikolu 4*

**Programmi nazzjonali ta' kontroll u spezzjoni**

1. Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, l-Irlanda, l-Olanda, l-Iżvezja u r-Renju Unit għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali ta' kontroll u spezzjoni, skond ir-regoli komuni stabbiliti fl-Anness I, fir-rigward ta' l-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 2.

2. Il-programmi nazzjonali ta' kontroll u spezzjoni għandu jkun fihom id-*data* u l-ispeċifikazzjonijiet kollha elenkati fl-Anness II.

3. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, sa mhux iktar tard mill-15 ta' Ottubru 2008, il-programm nazzjonali ta' kontroll u spezzjoni u l-iskeda annwali ta' implimentazzjoni tagħhom. L-iskeda għandha tinkludi dettalji fir-rigward tar-riżorsi umani u materjali allokati u l-perjodi u ż-żoni fejn għandhom jitqassmu.

4. Wara dan, l-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinnotifikaw skeda aġġornata ta' l-implimentazzjoni lill-Kummissjoni kull sena u mhux aktar tard minn 15-il jum qabel id-data tal-bidu ta' l-implimentazzjoni tagħha.

*Artikolu 5*

**Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri**

L-Istati Membri kollha għandhom jikkooperaw ma' l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 4(1) għall-implimentazzjoni tal-programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni.

*Artikolu 6*

**L-attivitajiet ta' spezzjoni u sorveljanza mill-Istati Membri**

1. Stat Membru li jkun bi ħsiebu jissorvelja u jispezzjona bastimenti tas-sajd fl-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ieħor, fil-kuntest ta' Pjan ta' Eżerċizzju Konġunt (minn hawn 'il quddiem "JDP") stabbilit skond l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu lill-punt ta' kuntatt ta' l-Istat Membru kostali kkonċernat, imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1042/2006 ([1]), u lill-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (CFCA). Din in-notifika għandha jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) it-tip, l-isem u l-kodiċi tar-radju tal-bastimenti ta' spezzjoni u l-inġenji ta' l-ajru ta' spezzjoni skond il-lista msemmija fl-Artikolu 28(4) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;

(b) iż-żoni, kif jissemmew fl-Artikolu 1, fejn ikunu se jseħħu s-sorveljanza u spezzjoni;

(c) kemm idumu l-attivitajiet ta' sorveljanza u spezzjoni.

2. L-attivitajiet ta' sorveljanza u spezzjoni għandhom jitwettqu skond l-Anness I.

*Artikolu 7*

**Attivitajiet konġunti ta' spezzjoni u sorveljanza**

L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 4(1) għandhom iwettqu attivitajiet konġunti ta' spezzjoni u sorveljanza skond il-pjan konġunt ta' mobilitazzjoni stabbilit mis-CFCA abbażi ta' l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 768/2005.

*Artikolu 8*

**Informazzjoni**

L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 4(1) għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti:

(a) il-kompiti ta' spezzjoni u sorveljanza msemmija fl-Anness I;

(b) l-infrazzjonijiet kollha, kif imsemmija fl-Anness III, misjuba matul dik is-sena, u għal kull infrazzjoni l-bandiera tal-bastiment, id-data u l-post ta' l-ispezzjoni u n-natura ta' l-infrazzjoni; L-Istati Membri għandhom jindikaw in-natura ta' l-infrazzjoni b'referenzi għall-ittra li taħtha huma elenkati fl-Anness III;

(c) il-qagħda attwali ta' l-azzjoni ta' segwitu fuq l-infrazzjonijiet, instabux matul dik is-sena inkella matul is-snin ta' qabel;

(d) kwalunkwe azzjoni rilevanti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

([1]) ĠU L 187, 8.7.2006, p. 14

*Artikolu 9*

**L-evalwazzjoni**

1. Kull wieħed mill-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 4(1) għandu, sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, iħejji rapport ta' evalwazzjoni u jibagħtu lill-Kummissjoni u lis-CFCA, rigward l-attivitajiet ta' kontroll u spezzjoni li jkunu twettqu matul is-sena kalendarja ta' qabel skond il-programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni stipulat f'din id-Deċiżjoni u il-programmi nazzjonali ta' kontroll u spezzjoni msemmi fl-Artikolu 5.

2. Is-CFCA għandha tqis ir-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fil-valutazzjoni annwali tagħha ta' l-effikaċja ta' Pjan ta' Eżerċizzju Konġunt kif jissemma fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 768/2005.

3. Darba fis-sena, il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħa tal-Kumitat tas-Sajd u l-Akkwakultura biex tevalwa l-konformità mal-programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni u l-programmi nazzjonali ta' kontroll u ta' spezzjoni.

*Artikolu 10*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 22 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Joe BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Il-kompiti ta' spezzjoni u monitoraġġ**

1. Kompiti ġenerali ta' spezzjoni

1.1. Għall kull spezzjoni għandu jitħejja rapport ta' spezzjoni. L-ispetturi għandhom, fi kwalunkwe każ, jivverifikaw u jirreġistraw fir-rapport tagħhom l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dettalji ta' l-identità tal-persuni responsabbli, kif ukoll dawk tal-bastiment jew vetturi involuti fl-attivitajiet spezzjonati;

(b) l-awtorizzazzjoni: il-liċenzja, il-permess speċjali tas-sajd u d-drittijiet ta' l-isforzi tas-sajd;

(ċ) dokumenti rilevanti tal-bastiment, bħall-ġurnali ta' abbord, iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni, il-pjanti ta' l-istivi tal-bastiment, ir-reġistri tan-notifiki u fejn rilevanti ir-reġistri tar-rapporti manwali VMS.

(d) is-sejbiet l-oħra kollha rilevanti mill-ispezzjoni fuq il-baħar, fil-port, jew fi kwalunkwe stadju ieħor tal-proċess tal-kummerċjalizzazzjoni.

1.2. Is-sejbiet imsemmija fil-punt 1.1 għandhom jitqabblu ma' l-informazzjoni magħmula disponibbli lill-ispetturi minn awtoritajiet kompetenti oħra, inkluża l-informazzjoni VMS, notifiki preċedenti u listi ta' bastimenti b'permess speċjali biex jistadu għall-merluzz fi kwalunkwe żona ddefinita fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

2. Kompiti ta' spezzjoni fuq il-baħar

L-ispetturi għandhom jivverifikaw:

(a) il-kwantitajiet ta' ħut miżmuma abbord meta mqabbla mal-kwantitajiet irreġistrati fil-ġurnal ta' abbord u l-konformità mal-marġni tat-tolleranza kif jissemmew fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 423/2004.

(b) il-konformità ta' l-irkaptu użat mar-rekwiżiti rilevanti u konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-ħxuna ta' l-għażel, id-daqsijiet minimi għall-malji u l-ħut, apparat imwaħħal max-xibka u l-immarkar u l-identifikazzjoni ta' l-irkaptu passiv,

(ċ) it-tħaddim korrett ta' l-apparat VMS,

3. Kompiti ta' spezzjoni mal-ħatt l-art

L-ispetturi għandhom jivverifikaw:

(a) in-notifika minn qabel tal-ħatt l-art inkluża l-informazzjoni dwar il-qabda abbord,

(b) l-ikkompletar tal-ġurnal ta' abbord u d-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art, inkluż ir-reġistrar ta' l-isforzi,

(ċ) il-kwantitajiet attwali ta' ħut miżmuma abbord, il-piż tal-merluzz u speċijiet oħra maħtuta l-art u l-konformità mal-marġni tat-toleranza kif jissemmew fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 423/2004.

(d) l-irkaptu abbord u l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-ħxuna ta' l-għażel, id-daqsijiet minimi għall-malji u l-ħut, apparat imwaħħal max-xibka u l-immarkar u l-identifikazzjoni ta' l-irkaptu passiv,

(e) fejn applikabbli, il-konformità mal-proċeduri għat-tifi ta' l-appart VMS.

4. Kompiti ta' spezzjoni marbuta mat-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni

L-ispetturi għandhom jivverifikaw:

(a) id-dokumenti rilevanti ta' akkumpanjament u jqabbluhom mal-kwantitajiet fiżiċi ttrasportati;

(b) il-konformità mar-rekwiżiti ta' gradazzjoni u tikkettar u r-rekwiżiti ta' daqs minimu tal-ħut,

(ċ) id-dokumentazzjoni (ġurnal ta' abbord, dikjarazzjoni tal-ħatt l-art u noti tal-bejgħ), tqassim u użin tal-ħut għall-kontroll tad-dispożizzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni.

5. Kompiti għas-sorveljanza mill-ajru

L-ekwipaġġ ta' sorveljanza għandu:

(a) jikkontroverifika l-avvistamenti u jqabbilhom ma' l-allokazzjoni ta' l-isforzi;

(b) jikkontroverifika r-restrizzjonijiet fuq iż-żoni tas-sajd;

(ċ) jirrapporta dwar id-*data* ta' sorveljanza għall-finijiet ta' kontroverifika.

*ANNESS II*

**Kontenuti tal-Programmi Nazzjonali ta' Kontroll**

Programmi nazzjonali ta' kontroll għandhom, *inter alia*, jispeċifikaw:

1. IL-MEZZI TA' KONTROLL

— *Mezzi umani*

Stima ta' l-għadd ta' spetturi fuq l-art u fuq il-baħar u l-perjodi u ż-żoni fejn ikunu se jiġu mmobilizzati;

— *Mezzi tekniċi*

Stima ta' l-għadd ta' bastimenti u inġenji ta' l-ajru għas-sorveljanza u l-perjodi u ż-żoni fejn ikunu se jiġu mmobilizzati;

— *Mezzi finanzjarji*

Stima ta' l-allokazzjoni tal-baġit għall-użu tar-riżorzi umani, il-bastimenti u l-inġenji ta' l-ajru għas-sorveljanza.

2. ID-DENOMINAZZJONI TAL-PORTIJIET

Kull Stati Membru għandu jiddefinixxi dawk il-portijiet li fihom jkollhom iseħħu dawk il-qabdiet ta' merluzz ta' aktar minn żewġ tunnellati.

3. IL-KONTROLL TA' L-ISFORZI

Is-sistema fis-seħħ għall-allokazzjoni, il-monitoraġġ u kontroll ta' l-isforzi tas-sajd, inkluż:

— Is-Sistema fis-seħħ għall-verifika tar-riżultati mgħoddija tal-bastimenti li jingħatawlhom jiem addizzjonali;

— Is-Sistema fis-seħħ biex tiġi vverifikata l-konformità mar-restrizzjonijiet tal-qabdiet inċidentali imposti fuq bastimenti li jibbenefikaw minn allokazzjonijiet ta' jiem addizjonali jew derogi;

— Il-leġiżlazzjoni u/jew rakkomandazzjoni maħruġa lill-industrija dwar kif għandhom jiġu rreġistrati l-perjodi ppjanati ta' ġestjoni u l-kategoriji ta' rkaptu;

— Il-leġiżlazzjoni u/jew rakkomandazzjoni maħruġa lill-industrija dwar kif għandhom jirreġistraw il-pjanijiet tagħhom biex jużaw aktar minn kategorija waħda ta' rkaptu matul perjodu ta' ġestjoni;

— Deskrizzjoni ta' kif id-*data* dwar l-isforzi tiġi ġestita u l-istruttura tal-bażi tad-*data*;

— Is-sistema użata għat-trasferiment tal-jiem;

— Is-sistema użata għall-allokazzjoni ta' jiem addizzjonali;

— Is-sistema użata għan-nuqqas ta' attribuzzjoni tal-jiem fit-tranżitu;

— Is-sistema użata biex jiġi żgurat li l-kapaċità ekwivalenti tiġi rtirata biex bastimenti mingħajr provi ta' riżultati mgħoddija jkunu jistgħu jistadu f'żona partikolari.

4. IR-REĠIM TA' L-ISFORZI

Kundizzjonijiet assoċjati fosthom:

— Deskrizzjoni tas-sistema ta' komunikazzjoni,

— Deskrizzjoni tal-miżuri alternattivi ta' kontroll,

— Is-sistema fis-seħħ biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet ta' pre-notifikar,

— Deskrizzjoni tas-sistema għall-awtorizzazzjoni tal-ħatt l-art,

— Metodu tal-kalkolu tal-marġni tat-tolleranza fl-istima tal-kwantitajiet.

5. PROTOKOLLI TA' SPEZZJONI

Il-Protokolli għall-ispezzjoni mal-ħatt l-art, l-ewwel bejgħ, it-trasport ta' wara l-ewwel bejgħ u l-ispezzjoni fuq il-baħar.

6. LINJI GWIDA

Linji gwida ta' spjegazzjoni għall-ispetturi, organizzazzjonijiet ta' produtturi u sajjieda.

7. PROTOKOLLI TA' KOMUNIKAZZJONI

Protokolli għall-komunikazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati minn Stati Membri oħra bħala responsabbli għall-programm nazzjonali ta' azzjoni għall-programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni għall-merluzz.

8. SKAMBJI TA' SPETTURI

Protokolli għall-iskambju ta' spetturi, inkluża l-ispeċifikazzjoni tas-setgħat u ta' l-awtorità ta' spetturi li jkunu qed joperaw f'żoni ekonomiċi esklussivi ta' xulxin

9. PUNTI TA' REFERENZA SPEĊIFIĊI GĦALL-ISPEZZJONI

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi punti ta' referenza speċifiċi. Punti ta' referenza bħal dawn għandhom jiġu kkomunikati lill-Istati Membri kollha kkonċernati u għandhom jiġu riveduti perjodikament wara analiżi tar-riżultati miksuba. Il-punt ta' referenza ta' spezzjoni għandu jevolvi progressivament sakemm jinkisbu l-punti ta' referenza fil-mira ddefiniti hawn taħt.

Punti ta' referenza fil-mira

Mhux aktar tard minn xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-iskedi ta' spezzjoni tagħhom waqt li jqisu l-miri indikati hawn taħt.

L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw u jiddeskrivu liema strateġija ta' teħid ta' kampjuni għandha tiġi applikata.

Il-Kummissjoni għandha jkollha aċċess għall-pjan ta' teħid ta' kampjuni li jintuża mill-Istat Membru.

(a) *Livell ta' spezzjoni fil-portijiet*

B'regola ġenerali, l-eżattezza li għandha tintlaħaq għandha tkun għallinqas ekwivalenti għal dak li jinkiseb minn metodu sempliċi każwali għat-teħid tal-kampjuni, fejn l-ispezzjonijiet għandhom ikopru 20 % ta' l-iżbarkar kollu tal-merluzz fi Stat Membru.

(b) *Livell ta' spezzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni*

Spezzjoni ta' 5 % tal-kwantitajiet ta' merluzz offruti għall-bejgħ bl-irkant.

(c) *Livell ta' spezzjoni fuq il-baħar*

Punt ta' referenza flessibbli: għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata ta' l-attività tas-sajd f'kull żona. Il-punti ta' referenza fuq il-baħar għandhom jirreferu n-numru ta' jiem ta' għassa fuq il-baħar fiż-żoni tal-ġestjoni tal-merluzz, possibbilment b'punt ta' referenza separat għal jiem ta' sorveljanza fiż-Żoni speċifiċi.

(d) *Livell ta' sorveljanza mill-ajru*

Punt ta' referenza flessibbli: li għandu jkun stabbilit wara analiżi dettaljata ta' l-attività tas-sajd magħmula f'kull żona u wara li jkunu tqiesu r-riżorsi li jkun hemm għad-dispożizzjoni ta' l-Istat Membru.

*ANNESS III*

**Lista ta’ infrazzjonijet kif jissemmew fl-Artikolu 7**

A. Nuqqas mill-kaptan ta’ bastimenti tas-sajd milli jikkonforma mal-limiti fuq l-isforzi tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 2 ta’ din id-Deċiżjoni;

B. Nuqqas mill-kaptan jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ta’ bastiment tas-sajd Komunitarju b’tul ta’ 10 metri jew aktar u li jġorr abbord inkella juża kwalunkwe rkaptu li għalih ikun meħtieġ permess speċjali għas-sajd fi kwalunkwe waħda miż-żoni ddefiniti fl-Artikolu 1 ta’ din id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni milli jkollu jew iżomm kopja tal-permess speċjali tas-sajd;

C. Tbagħbis tas-sistemi ta’ sorveljanza satellitari tal-bastimenti kif jissemma fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 tat-18 Diċembru 2003 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar is-sistemi ta’ sorveljanza tal-vapuri bbażata fuq satellita ([1]);

D. Falsifikar inkella nuqqas ta’ reġistrazzjoni tad-*data* fil-ġurnali ta’ abbord, inklużi r-rapporti ta’ l-isforzi, id-dikjarazzjoniiet tal-ħatt, u n-noti tal-bejgħ, dikjarazzjonijiet tat-trasferiment u d-dokumenti tat-trasport, inkella nuqqas milli jinżammu jew jitressqu dawk id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 6-19 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u l-Artikoli 13 u 15 tar-Regolament (KE) Nru 423/2004;

E. Nuqqas mill-kaptan ta’ bastiment Komunitarju tas-sajd jew ir-rappreżentant tiegħu, b’aktar minn tunnellata ta’ merluzz abbord milli jikkonforma mar-regoli dwar in-notifikar minn qabel stipulati fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 423/2004;

F. Ħatt l-art ta’ aktar minn żewġ tunnellati merluzz minn bastimenti barra mill-portijiet definiti.

---

([1]) ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17

## CORRIGENDUM

**Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 385/2008 tad-29 ta' April 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 194/2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward tal-Birmanja/il-Mjanmar u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 817/2006**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 116 tat-30 ta' April 2008)*

Fil-paġna 8, il-punt (5) (a)

*Ghal:* "(a) l-annotazzjonijiet D7a (dupplikata), D8a, D20c u D31a (dupplikata) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej (it-tibdil jidher b'tipa grassa):",

*Jaqra:* "(a) l-annotazzjonijiet D7b, D8a, D20c u D32a għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej (it-tibdil jidher b'tipa grassa):".